# l-aċċent


Ghidha bil-Malti
Reuben Degiorgio
oduzzjoni
sostenibbli permezz
tal-aqwa tekniki
disponibbli II
Atlantic Ocean
a Agrikola
PAK) (II)
MILL-GHATBA 'L BARRA
Oliver Friggieri t-traduttur
Il-Malti u x-xandir: Intervista ma' Reno Bugeja
l-aċċen
Il-Professur David C
Jitkellem ma' l-aċċ

# IL-WERREJ


L-Editorjal 3

**BIR-REQQA — Il-lingwa miktuba u mitħaddta**

Żernieq jew Żerniq? 4

Il-Linji Gwida Interni: il-ħames edizzjoni 8

Silta mill-ħames edizzjoni tal-Linji Gwida Interni 9

Mistoqsijiet u Tweġibiet Lingwistiċi 11

Il-Morfoloġija Inflettiva u Derivattiva 12

L-importanza tal-aspett viżiv fid-Deċiżjonijiet 2 15

**KELMA B'KELMA — It-terminoloġija**

Termattwalità 21

"Każ" u "Kawża" jfissru l-istess jew le? 22

Il-COVID-19, il-lingwa u l-politika tal-lingwa — ftit ħsibijiet 24

**MILL-GĦATBA 'L BARRA — Aspetti oħra**

Il-Kanonku Fortunato Panzavecchia — 1797-1850 — Raġel ta' Kultura u Qaddej tal-Patrija 31

Min aħna, u x'nagħmlu 34

X'tgħid eżatt Jokasta? 36

Ix-xogħlijiet Klassiċi u l-kitbiet ta' Santu Wistin bil-Malti — it-Tielet Parti 42

Tradutturi mod ieħor 64

Tislima lill-Professur Oliver Friggieri 66


4



24



42




Jekk tixieq tikkontribwixxi f'din ir-rivista:

**l-accent@ec.europa.eu**


l-aċċent April 2021



**Ċaħda** — Il-Kummissjoni Ewropea, u kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimha, mhumiex responsabbli għall-użu li jsir jew li jista' jsir mit-tagħrif inkluż f'din il-pubblikazzjoni. Dan il-bulettin mhuwiex pubblikazzjoni uffiċjali, u la l-Kummissjoni u lanqas is-servizzi tagħha ma huma marbutin b'xi mod jew ieħor mill-kontenut tiegħu.



Disinn u grafika tal-qoxra: Kenneth Borg

ĦARĠA 20

**It-tim ta' *l-aċċent***

**Koedituri: Alan Delia u Marija Agius | Qari tal-Provi: Joseph Mizzi | Editur tal-Istil: Claire Bonello**

**Tfassil u Mpaġnar: Karina Fiorini | Ritratti: Kenneth Borg | Distribuzzjoni: Maryann Agius**

**Relazzjonijiet Pubbliċi u Grafika: David Schembri**

# L-Editorjal

Il-qoxra tar-rivista titkellem waħidha din is-sena! L-2020: is-sena tal-pandemija tal-coronavirus, tal-maskri, tal-alkoħol u tat-tbegħid soċjali. Is-sena li fiha, virus li lanqas biss kapaċi narawh bagħatna kollha d-dar u għenna niskopru xi passatemp jew niftakru f'xi wieħed milli konna ħallejna l-art. Min minna ma tahiex għall-qari, għall-kċina, għax-xogħlijiet fid-djar u fil-ġonna, jew għall-eżerċizzju għall-apert? Is-sena li fiha spikka l-valur tal-ħaddiema essenzjali kollha u l-importanza tax-xjenza. Is-sena li ħelset lill-Istati Uniti, u lill-bqija tad-dinja, minn erba' snin oħra ta' president perikoluż. Is-sena li matulha rajna minn kollox, minn ġlied, protesti u razziżmu sfrenat, sa rwieħ tajba jgħinu lill-anzjani u jiżirgħu t-tama bid-dwetti tal-kant minn fuq il-bjut.

Inzertat ukoll is-sena tal-għoxrin ħarġa ta' *l-aċċent*. Il-Kummissjoni Ewropea, u magħha d-Dipartiment tal-Malti, kellhom jorjentaw ruħhom għal normalità ġdida, filwaqt li jibqgħu għaddejjin b'ħidma kontinwa. Din is-sena fissret ukoll li għalissa *l-aċċent* se jkun disponibbli biss online, hawn. B'hekk biss stajna nkunu ċerti li ħadd ma jittieħed mill-virus minħabba fina. Bħalma rajtu fl-aħħar ħarġa, *l-aċċent* kien diġà beda jibdel xi ftit surtu. Il-ħidma, fil-fatt, kompliet u se tarawha aħjar f'din il-ħarġa. Nittamaw li togħġobkom u napprezzaw kwalunkwe rispons tagħkom.

Fl-ewwel taqsima nibdew b'artiklu ta' Javier Degiorgio, li se jkellimna dwar nom popolari għad-djar u t-toroq Maltin – żerniq jew żernieq? Imbagħad nagħtu ħarsa lejn l-edizzjoni l-ġdida tal-Linji Gwida Interni tad-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea. Minn din il-ħarġa se nintroduċu rokna ġdida f'din it-taqsima: ir-rokna tal-Grupp Lingwistiku. Fiha jiġu trattati suġġetti li jkunu qajmu l-interess tat-tradutturi kollegi huma u jittraduċu. Il-membri ta' dan il-grupp jieħdu ħsieb iwieġbu għad-diffikultajiet, u jqassmu r-risposti ma' kulħadd. Michael Spagnol u George Farrugia jiċċarawlna d-dubji u d-dilemmi li nħabbtu wiċċna magħhom b'rabta mad-Deċiżjonijiet 2. Tal-ewwel ikellimna dwar l-inflessjoni u d-derivazzjoni, biex imbagħad tal-aħħar jespandi aktar dwar il-piż li ngħata lill-aspett viżiv biex inkitbu dawn id-Deċiżjonijiet. Ma jonqsux ir-rokna tat-Termattwalità u dik legali fit-tieni taqsima. Tony Gaffiero jaqsam magħna xi riflessjonijiet tiegħu dwar il-politika tal-lingwa f'Malta fil-kuntest tal-kriżi tal-pandemija. Fl-aħħar taqsima, Ivan Said jippreżenta t-tielet u l-aħħar parti tas-sensiela dwar il-Klassiċi bil-Malti, din id-darba dwar Santu Wistin. Qed nippubblikaw ukoll artikolett ta' Carmel Serracino li jżid ftit informazzjoni mal-artiklu preċedenti ta' Said. Mark Vella jagħtina ħarsa lejn il-ħidma tiegħu mill-Uffiċċju tal-Kummissjoni f'Malta. Barra minn hekk inkomplu bis-sensiela dwar il-korrispondenti tad-Dipartiment tat-Traduzzjoni tal-Kummissjoni: din id-darba niltaqgħu mal-korrispondenti tat-taħriġ. Għandna wkoll intervista ma' David Agius Muscat b'rabta mal-pubblikazzjoni tiegħu dwar il-Kanonku Panzavecchia.

Ma nistgħux noħorġu din l-edizzjoni mingħajr ma nfakkru t-telfa tal-awtur, il-poeta, il-filosofu, it-traduttur, il-Professur Oliver Friggieri. Minn qalbna noffru l-kondoljanzi lill-familja, lill-qraba u lil dawk kollha li kienu viċin tiegħu. Fil-faċċata ta' wara *l-aċċent* qed jippubblika t-tribut tiegħu lejn dan il-ġgant tal-letteratura Maltija. Fl-aħħar nett, f'isem it-tim kollu ta' *l-aċċent*, nawgurawlkom il-kumplament tas-sena mimlija paċi, saħħa u kuraġġ.

Marija Agius, f'isem il-Bord Editorjali

# Żernieq jew Żerniq?

## Il-Verb Kwadrilitteru (K1) u n-Nom Verbali tiegħu

Javier Degiorgio



Ritratt: Kenneth Borg

Il-waqt li fih ix-xemx tibda tarmi l-ewwel imrieżaq tagħha sabiex tikser dlam il-lejl insejħulu ż-ŻERNIQ. Dan il-mument partikulari tal-jum, li metaforikament f'moħħna jnissel sens ta' pożittività, huwa fost l-aktar ismijiet popolari li nsibuh imwaħħal mal-faċċati tad-djar Maltin.

Skont statistika tal-MaltaPost P.L.C., sa April 2020, l-għadd tad-djar irreġistrati fil-gżejjer Maltin li jġibu dan l-isem, jew fejn din il-kelma hija parti mill-isem sħiħ,[1] ilaħħaq il-178. Madankollu, ta' spiss insibuh miktub ħażin, jiġifieri <*Żernieq*> minflok *Żerniq*. Tant hu hekk li, skont l-istess statistika, minn total ta' 178 dar, f'169 każ l-isem huwa miktub ħażin filwaqt li 9 idjar biss għandhom l-isem miktub b'ortografija tajba. Barra minn hekk, minn 12-il blokka ta' appartamenti f'pajjiżna msemmija b'dan il-mod, 9 għandhom ortografija ħażina, u 3 biss huma miktubin b'mod korrett. Agħar minn hekk, iżda, huwa li minn 5 toroq b'dan l-isem, 2 huma miktubin ħażin filwaqt li t-3 l-oħra huma miktubin kif għandu jkun.

Tul dan l-artiklu, se nipprova nispjega għaliex niktbu waħda u mhux l-oħra u nitkellem dwar il-forma ewlenija tal-verb kwadrilitteru flimkien ma' xi eżempji biex jgħinuna nifhmu aħjar dan is-suġġett li spiss ifixkilna u jġegħelna niżgarraw f'kitbietna.




Ritratt: Frank Vincentz
– Misraħ il-Parroċċa fi Triq il-Mellieħa,
Il-Manikata, Mellieħa, Malta

[1] Skont l-istatistika tal-MaltaPost P.L.C., xi djar ma jisimhomx biss *Żerniq* jew <*Żernieq*> imma xi drabi l-isem huwa kompost minn kliem ieħor, ngħidu aħna: *Dar* <*iż-Żernieq*>, <*Żernieq ix-Xemx*>, *u* <*Żernieq il-Girna*> fost oħrajn.

## Il-Verb Kwadrilitteru

Il-forma ewlenija

*Żerniq* hija kelma ta' nisel Semitiku, nom verbali mill-verb kwadrilitteru tal-ewwel forma (K1) **żernaq** bl-għerq Ż-R-N-Q. Il-verbi kwadrilitteri jieħdu żewġ forom; fil-każ tagħna li huwa tal-ewwel forma, **1v23v4.**[2]

Madankollu, jeħtiġilna noqogħdu attenti li ma nitfixkluhx mal-verb trilitteru tat-tieni forma **1v22v3** (bħal ***battal***) għax, jekk nosservaw sew, f'dan il-konsonanti tan-nofs hija doppja.

Din l-analiżi nistgħu niġbruha fit-tabella li ġejja:

| X'inhu? | Tweġiba |
|---|---|
| nom verbali | żerniq |
| mamma | żernaq |
| għerq | Ż-R-N-Q |
| trilitteru/kwadrilitteru | kwadrilitteru |
| forma | l-1el forma (K1) – 1v23v4 |

Minbarra l-verb partikulari li qegħdin nittrattaw, insibu għadd ta' verbi oħra magħmulin mill-istess forma kwadrilittera ewlenija (K1). Xi eżempji huma: *ċafċaf*, *ġelben*, *għarbel*, *nemnem*, *qanfed*, *sensel*, *werwer*, u *żengel*.

Il-verbi magħmulin minn erba' konsonanti radikali mhumiex ta' nisel Semitiku biss. Għandna wkoll xi wħud ta' nisel Rumanz[3] (Taljan/Sqalli) għaliex xi kliem qagħad għall-forom tal-verbi Semitiċi, ngħidu aħna *bandal*, *forna*$^{(j)}$, *gawda*$^{(j)}$, *rembel*, *tambar*, u *vinċa*$^{(j)}$. Hawnhekk ninnutaw li xi verbi ta' element Rumanz huma kwadrilitteri **neqsin** (bil-konsonanti dgħajfa **j** fir-raba' pożizzjoni). F'dan il-każ il-varjant tal-ewwel forma kwadrilittera nistgħu niktbuh b'dan il-mod: **1v23a(J)**.

In-nom verbali

Il-kelma li qegħdin nistħarrġu, *żerniq*, hija sewwasew nom verbali. Iżda xi jkun nom verbali?

[2] In-numri *1234* jindikaw il-konsonanti tal-għerq filwaqt li *v* tindika l-vokali.
[3] Scicluna Karl, Agius Saviour S., Giordano Chris. *Inħaddem il-Malti Tajjeb – Manwal Prattiku tal-Grammatika*, l-1el ed., Malta: BDL Publishing, 2018, 147.

Filwaqt li "il-verb huwa kelma li turi għemil jew bidla fl-istat ta' persuna jew oġġett",[4] min-naħa l-oħra, "in-nom li jfisser l-isem tal-għemil jew tal-azzjoni partikulari, jew dik il-bidla fl-istat, jissejjaħ nom verbali"[5] għaliex huwa nom imnissel minn verb. Xi eżempji oħra ta' nomi verbali kwadrilitteri huma:

| X'inhu | Eżempji | | |
|---|---|---|---|
| verb (K1) | bexbex | ċanfar | qaħqaħ |
| nom verbali | tbexbix | ċanfir | tqaħqiħ |

Issa jmissna nsolvu l-problema ewlenija dwar il-għala bosta kelliema u kittieba tal-Malti jiżbaljaw ta' spiss in-nom verbali *żerniq*. Barra minn hekk, jonqosna nifhmu għaliex għandna niktbu waħda u mhux l-oħra.

Bla dubju ta' xejn, id-diffikultà tal-ħafna hija li l-ħoss tal-vokali **i** fin-nom verbali *żerniq* jagħti lil min jifhem li huwa dak tal-**ie** għaliex fil-fatt bosta huma dawk li jlissnuha bħala *<żernieq>*. B'danakollu, filwaqt li din tat-tieni hija l-pronunzja ppreferuta mill-biċċa l-kbira tal-kotra, jiġifieri li din il-kelma titlissen daqslikieku kienet l-**ie** l-aħħar vokali tagħha, dan mhuwiex possibbli ortografikament minħabba li jekk nagħmlu hekk inkunu qegħdin niksru u nħarbtu l-forma tan-nom verbali kwadrilitteru. Din il-forma għandha żewġ varjanti possibbli hekk kif naraw fit-tabella li ġejja:

| Forma | Eżempji |
|---|---|
| **T**1v23ī4 | **t**bexbīx |
| 1v23ī4 | żernīq |

Qabelxejn, biex nifhmu aħjar kif taħdem din il-forma tan-nom verbali, irridu niftakru li fil-Malti għandna tliet tipi ta' ħsejjes miġburin taħt il-vokali **i**, jiġifieri: (i) l-**i** **maħtufa** bħal fil-kelma ***żidt*** (passat); (ii) l-**i** **miksura** li fit-tlissin tagħha jinstema' l-ħoss tal-konsonanti **j** bħal fil-każ tal-imperattiv ***żid*** (żiʲd); u fl-aħħar (iii) l-**ie** li ħossha huwa **twil** u ma jinbidilx kif fil-fatt naqraw u nisimgħu fil-kelma ***żied*** (passat).

[4]Ibid., 179.
[5]Ibid.

| Tip | AFI | Eżempju |
|---|---|---|
| i | /ɪ/ | żidt |
| iʲ | /iː/ | żid |
| ie | /ɪː/ | żied |

Jekk nistħarrġu kemxejn l-erba' eżempji li użajna fit-tabella biex fissirna aħjar in-nom verbali, naraw li fl-ewwel tnejn, *tbexbix* u *ċanfir*, it-tlissin tal-vokali **i**, – skont l-AFI:[6] **/iː/** – huwa l-istess fiż-żewġ każi u aktarx mingħajr il-possibbiltà li titfixkel mal-**ie** – skont l-AFI: **/ɪː/**. Madankollu, fiż-żewġ eżempji l-oħra, *tqaħqiħ* u *żerniq*, terġa' titfaċċa l-problema oriġinali għaliex il-ħoss tal-vokali **i** tan-nom verbali *tqaħqiħ* tippreżenta ruħha bl-istess tlissin tan-nom verbali *żerniq*, – skont l-AFI: **/ɪː/** – u għalhekk tiġi ppronunzjata minn bosta bħala *<tqaħqieħ>*, ħaġa li hija possibbli fit-taħdit iżda meqjusa inkorretta fil-kitba. Il-mistoqsija tqum waħidha: *Ġaladarba qed nużaw l-istess forma, għaliex ma jkollniex dejjem l-istess riżultat fit-tlissin ta' kull nom verbali kwadrilitteru?*

It-tweġiba hija li f'dan il-każ, l-allofon, kif ippronunzjat minn ħafna Maltin bil-ħoss tal-**ie** (skont l-AFI /ɪː/), mhuwiex fonema differenti għax jokkorri biss meta l-vokali twila tkun fonoloġikament ikkundizzjonata, jiġifieri meta tiġi affettwata mill-ħsejjes ta' madwarha.[7] Dan iseħħ meta wara l-vokali twila jinzerta l-ħoss ta' konsonanti gutturali,[8] jiġifieri **q** jew **ħ**, inkella **h** jew **għ** meta jkollhom il-ħoss ta' **ħ**.[9] Dan il-fenomenu jirnexxilu jibdel il-ħoss proprju tal-**i** (skont l-AFI: /iː/) fil-ħoss tal-**ie**. Fi kliem ieħor, niktbu ta' spiss *<żernieq>* minflok *żerniq* minħabba l-ħoss tal-konsonanti **q** li titlissen fil-gerżuma. Barra minn hekk, nistgħu ngħidu li l-forma tan-nom verbali kwadrilitteru tinkorpora dejjem il-vokali **i** qabel ir-raba' konsonanti radikali, anke meta l-kelliema tal-Malti jlissnuha **ie**, għad li mhux il-Maltin kollha jippronunzjaw in-nom verbali *żerniq* bil-ħoss tal-**ie**.

F'xi lokalitajiet, ngħidu aħna Burmarrad, il-Mosta u Ħaż-Żebbuġ insibu lil min jippronunzja din il-kelma, u kliem ieħor bħalha li għandu r-raba'

[6]AFI = Alfabett Fonetiku Internazzjonali, bl-Ingliż IPA, International Phonetic Alphabet. Dan l-alfabett huwa mħaddem minn dawk kollha li jistudjaw il-lingwi. Kull simbolu ta' dan l-alfabett għandu ħoss wieħed biss marbut miegħu u jservi sabiex jinqraw l-ilsna kollha li jeżistu, apposta għal min saħansitra ma jkunx jaf jaqra b'xi lingwa partikulari.
[7]Scicluna Karl, Agius Saviour S., Giordano Chris, 33.
[8]Gutturali = Dawn il-konsonanti jissejħu gutturali għax jitlissnu mill-gerżuma 'l ġewwa. Skont l-AFI: q = /ʔ/; ħ = /h/.
[9]Scicluna Karl, Agius Saviour S., Giordano Chris, 33.

konsonanti tal-għerq b'ħoss ta' q jew ta' ħ, daqslikieku l-aħħar konsonanti radikali kienet kwalunkwe konsonanti oħra li mhix gutturali, jiġifieri jlissnuha bil-ħoss proprju tal-**i** (skont l-AFI: /iː/).

Din it-tabella li ġejja qiegħda biex permezz ta' aktar eżempji nissuktaw nifhmu kif taħdem il-forma tan-nom verbali kwadrilitteru. Barra minn hekk, nittamaw li wara dan it-tagħrif u t-tifsir kollu, b'xi mod jibda *jżernqilna* xi ftit bit-tama li nitgħallmu niktbu l-ismijiet ta' djarna b'Malti tajjeb.

| Il-forma tan-nom verbali | Eżempji | |
|---|---|---|
| | K1 | nv |
| **T**1v23ī4 | baħbaħ | tbaħbiħ |
| 1v23ī4 | ċempel | ċempil |
| 1v23ī4 | damdam | damdim |
| **T**1v23ī4 | fekren | tfekrin |
| 1v23ī4 | ġenġel | ġenġil |
| **T**1v23ī4 | gerfex | tgerfix |
| **T**1v23ī4 | għarbel | tgħarbil |
| **T**1v23ī4 | hewden | thewdin |
| **T**1v23ī4 | ħabrek | tħabrik |
| **T**1v23ī4 | każbar | tkażbir |
| **T**1v23ī4 | laħlaħ | tlaħliħ |
| **T**1v23ī4 | mermer | tmermir |
| **T**1v23ī4 | nerveż | tnerviż |
| **T**1v23ī4 | peċlaq | tpeċliq |
| **T**1v23ī4 | qarben | tqarbin |
| **T**1v23ī4 | ranġat | tranġit |
| 1v23ī4 | sefsef | sefsif |
| 1v23ī4 | taqtaq | taqtiq |
| **T**1v23ī4 | venven | tvenvin |
| **T**1v23ī4 | werżaq | twerżiq |
| 1v23ī4 | xandar | xandir |
| 1v23ī4 | żarżar | żarżir |
| 1v23ī4 | zekzek | zekzik |

## Lista ta' Referenzi


Aquilina, Ġużè. *Maltese-English Dictionary*. Malta: Midsea Books Ltd, 1987.

MaltaPost P.L.C., "Żernieq vs Żerniq". Malta, 2020.

Scicluna Karl, Agius Saviour S., Giordano Chris. *Inħaddem il-Malti Tajjeb - Manwal Prattiku tal-Grammatika*, l-1el ed., Malta: BDL Publishing, 2018.

Serracino-Inglott, Erin. *Il-Miklem Malti*. Malta: Klabb Kotba Maltin, 1975.


## Ħajr Speċjali


Irrodd ħajr lill-Professur Manwel Mifsud tal-pariri u s-suġġerimenti siewja li tani.



Javier Degiorgio huwa qarrej tal-provi u segretarju tal-Għaqda Qarrejja tal-Provi tal-Malti

# Il-Linji Gwida Interni: il-ħames edizzjoni

Victor Bonanno

Fix-xahar ta' Lulju, id-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea ppubblika l-ħames edizzjoni tal-Linji Gwida Interni (LGI). Il-LGI huwa proġett li nbeda fl-2009 bil-ħsieb li xogħolna jkun miktub b'Malti tajjeb, u li tiġi rispettata ċerta konsistenza interna. Għaldaqstant, dawn il-linji gwida jinkludu kemm noti lingwistiċi kif ukoll stilistiċi. Informazzjoni ta' din ix-xorta li tasal fid-Dipartiment, pereżempju permezz ta' emails jew waqt laqgħat u taħriġ ieħor organizzat mid-Dipartiment, u li jkun importanti li tinżamm u li tinxtered mal-kollegi kollha, tittieħed nota tagħha u tiddaħħal fil-LGI. B'hekk jitħaffef ix-xogħol tat-traduttur li jkun jista' jaċċessa din l-informazzjoni faċilment, u t-tradutturi li jiġu jaħdmu fid-Dipartiment fil-futur kif ukoll it-tradutturi esterni wkoll ikollhom aċċess għall-istess informazzjoni u linji gwida.

Sa mill-bidu nett, dawn il-linji gwida kienu maħsuba li jibqgħu jiġu aġġornati, żviluppati u riveduti sabiex jirriflettu eżiġenzi ġodda li niltaqgħu magħhom maż-żmien. Għal dan il-għan, fl-2015 twaqqaf il-Grupp Lingwistiku li, permezz tal-functional mailbox tiegħu, iżomm kuntatt mal-kollegi tad-Dipartiment tal-Malti biex jgħinhom fi kwistjonijiet ta' natura lingwistika jew stilistika, kif ukoll jibgħat tfakkiriet jew noti regolari meħudin mil-LGI jew wara li jitqajjem xi punt li jinħass importanti. B'hekk, il-Grupp Lingwistiku jkun jista' jifhem aħjar x'inhuma l-punti l-aktar importanti li għandhom jiġu inklużi jew aġġornati fl-edizzjonijiet sussegwenti tal-LGI. Barra minn hekk, tnediet paġna għall-Grupp Lingwistiku fis-sit web tad-Dipartiment fejn wieħed jista' jsib il-verżjoni PDF tal-LGI. Din l-innovazzjoni tgħin mhux ftit lill-qarrej li jista' jsib aktar faċilment dak li jkun qed ifittex billi jagħmel użu mill-funzjoni tas-"search", kif ukoll jibża' għall-ambjent billi ma jkollux għalfejn jistampahom. Barra minn hekk, il-LGI jinkludu ċerti links għal siti web, artikli u għodod oħrajn, għaldaqstant ikun ħafna aktar faċli li wieħed jaqrahom elettronikament sabiex ikun jista' jaċċessa dawn il-links.

Il-LGI jiġbru fihom ukoll ħafna informazzjoni li toħroġ minn inizjattivi li d-Dipartiment tal-Malti qed jinvesti fihom bil-għan li tkompli titjieb il-kwalità tax-xogħol tat-tradutturi. Għaldaqstant, fost il-linji gwida l-ġodda jew aġġornati li nsibu f'din l-edizzjoni, hemm informazzjoni mogħtija lilna mit-terminologi tad-Dipartiment, fosthom artiklu dwar it-traduzzjoni ta' sustanzi kimiċi, informazzjoni utli dwar il-proċedura tar-rettifiki mit-tim inkarigat mill-korrezzjoni ta' żbalji fit-traduzzjoni li jkunu saru fil-passat, linja gwida ta' natura aktar teknika mil-lat tal-informatika rigward l-arkivjar tal-memorji tad-dokumenti tradotti, kif ukoll informazzjoni ġdida li waslitilna permezz ta' korrispondenza mal-ġuristi lingwisti, mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti u mal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, fosthom rigward l-abbrevjazzjoni EU-27, il-vokali tal-leħen maċ-ċifri, u l-listi tal-pajjiżi, it-territorji, ir-reġjuni, il-lingwi u l-muniti. Apparti minn hekk, fuq inizjattiva ta' wħud mill-kollegi tagħna, kien hemm aġġornament tal-linja gwida dwar kif għandha ssir referenza għal dokumenti li oriġinarjament ma jkunux ġew tradotti bil-Malti, u kif jiġu kkwotati fit-traduzzjonijiet tagħna (araw l-eżempju aktar 'il quddiem), kif ukoll aġġornament tan-nota dwar it-traduzzjoni tal-akronimi, l-inizjaliżmi u taqsiriet oħra. Dan kollu jiżdied mal-linji gwida eżistenti tal-edizzjonijiet preċedenti kif ukoll ma' informazzjoni oħra meħuda minn sorsi bħalma huma l-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali u l-Gwida Prattika Komuni, fost oħrajn.

Sabiex ikun ċar liema artikli ġew mibdula, aġġornati jew elaborati mill-edizzjoni preċedenti, wieħed għandu biss jagħti ħarsa lejn il-Werrej fuq quddiem tal-LGI. Hawnhekk ħadna ħsieb li dawn l-artikli jiġu mmarkati bl-aħmar, u b'hekk il-qarrej ikun jaf li f'dak l-artiklu hemm informazzjoni importanti li għandu jieħu nota tagħha.

Kien hemm diversi nies li taw il-kontribut tagħhom biex tinħareġ din l-edizzjoni tal-LGI. Bosta kollegi kitbu noti ta' gwida, filwaqt li oħrajn taw informazzjoni siewja li wasslet għal linji biex jimxi magħhom it-traduttur. Kien hemm min ħa ħsieb id-disinn tal-LGI, oħrajn li ħadu ħsieb li dawn jaslu għand it-tradutturi esterni. F'isem il-Grupp Lingwistiku, nixtieq nirringrazzja lil kull min ta l-kontribut tiegħu, kbir jew żgħir. Ma nistax ma nirringrazzjax ukoll lill-Kapijiet tal-Unità u tad-Dipartiment tal-appoġġ tagħhom u talli taw l-opinjonijiet u l-approvazzjoni tagħhom għal dak kollu li ġie ppubblikat f'din l-edizzjoni. Fl-aħħar nett, nirringrazzja lill-qarrejja kollha tal-LGI. Ir-reazzjonijiet u s-suġġerimenti tagħkom jgħinuna biex inkomplu ntejbu din il-pubblikazzjoni ma' kull edizzjoni li noħorġu.

# Silta mill-ħames edizzjoni tal-Linji Gwida Interni




Hawn taħt issibu waħda mil-linji gwida aġġornati tal-LGI. Tittratta każijiet fejn it-traduttur, fid-dokument li jkun qed jittraduċi, jintalab jikkwota minn dokument ieħor li qatt ma jkun ġie tradott fil-Malti, u għaldaqstant isib ruħu f'dilemma jekk għandux iżomm il-kwotazzjoni bil-lingwa oriġinali jew jekk għandux jittraduċiha xorta waħda għall-Malti. F'każijiet bħal dawn, m'hemmx linja gwida waħda uffiċjali għal-lingwi kollha tal-UE, għaldaqstant id-Dipartiment tal-Malti ħaseb biex jifformula waħda biex ikun hemm konsistenza fid-dokumenti bil-Malti.

Din il-linja gwida tkopri diversi xenarji, minn każijiet fejn it-titlu biss ikun qed jiġi kkwotat għal każijiet fejn anke partijiet mit-test ikunu qed jiġu kkwotati, jew fejn ikunu qed jiġu kkwotati t-tikketti ta' prodotti. Tagħmel differenza wkoll bejn dawk id-dokumenti li huma disponibbli fil-EUR-Lex (is-sit web uffiċjali li joffri aċċess bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea u ta' dokumenti pubbliċi oħrajn tal-UE, fosthom *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, disponibbli fil-lingwi kollha uffiċjali tal-UE) u dokumenti oħrajn li mhumiex. Tkopri wkoll każijiet ta' diskors dirett li ħafna drabi ma jkunx sar bil-Malti.



22. Kwotazzjonijiet minn dokumenti mhux tradotti bil-Malti

22.1 Dokumenti disponibbli fil-EUR-Lex

Jekk **it-titolu jew it-test** ikkwotat ikun akkumpanjat minn numru ta' referenza tad-dokument, eż. dokumenti COM (Proposti, Komunikazzjonijiet, Rapporti, Rakkomandazzjonijiet: COM/xxxx/xxx); dokumenti ta' ħidma tal-persunal (SWD/xxxx/xxx); Kawżi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE (eż. T-157/01); jew dokumenti ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali:

> Nittraduċuh għall-Malti mingħajr rimarki fil-parenteżi.

Ma nagħtux (miegħu) il-kwotazzjoni bil-lingwa oriġinali.

Dan għaliex f'dan il-każ, anke jekk it-traduzzjoni hija waħda "mhux uffiċjali", il-qarrej jista' jmur faċilment għat-test ORI permezz tan-numru ta' referenza.

Jekk **it-titolu** kkwotat ma jkunx akkumpanjat minn numru ta' referenza tad-dokument:

> Nittraduċuh għall-Malti u fil-parenteżi niktbu t-titolu bil-lingwa oriġinali.

F'każ ta' isem ta' kawża tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE li ma jkunx akkumpanjat minn numru ta' referenza (eż. "Jean-Claude Kazembe Musonda v Council of the European Union"), dan nittraduċuh għall-Malti mingħajr l-Ingliż fil-parenteżi.

Jekk niġu biex nittraduċu **tikketta** fuq prodott:

> Għalkemm mhux strettament marbuta mat-traduzzjoni tal-kwotazzjonijiet, importanti niftakru li t-tikketti u l-istruzzjonijiet fuq il-prodotti rridu nħalluhom bil-lingwa oriġinali u jekk niġu fid-dubju jekk, ngħidu aħna, għandniex inħalluhom bil-Franċiż biss, niktbu lir-requestor.

Jekk **it-test** ikkwotat ma jkunx akkumpanjat minn numru ta' referenza tad-dokument:

> Nittraduċuh għall-Malti mingħajr rimarki fil-parenteżi.

Ma nagħtux (miegħu) il-kwotazzjoni bil-lingwa oriġinali.

Dan minħabba struzzjoni li taw il-ġuristi lingwisti fl-20 ta' Settembru 2019.*

* "Is-sitwazzjoni hija differenti fil-każ fejn ikun hemm traduzzjoni ta' partijiet sħaħ mit-test. Hawnhekk il-possibbiltà ta' riperkussjonijiet legali huma ferm inqas peress li: (i) it-termini fit-test ikunu tradotti b'mod konsistenti mal-bqija tat-test f'ġieħ il-konsistenza interna, (ii) il-probabbiltà li l-istess parti tat-test terġa' tidher f'partijiet oħra mhix kbira. B'hekk il-konsiderazzjoni ta' konsistenza esterna hija anqas rilevanti f'dan il-każ, filwaqt li l-IATE dejjem huwa strument utli biex jassigura traduzzjoni konsistenti ta' termini operattivi bejn atti diversi. Għaldaqstant nikkunsidraw li t-traduzzjoni ta' partijiet sħaħ minn testi oħra li baqgħu bl-Ingliż huwa riskju kkalkulat li m'għandux ikun daqshekk problematiku."

30

22.2 Dokumenti mhux disponibbli fil-EUR-Lex

1. **IT-TITLI** ta' studji, rapporti, Stqarrijiet għall-Istampa jew pubblikazzjonijiet oħrajn li ma jkunux jeżistu bil-Malti, eż: l-istudju *Trade in Counterfeit and Pirated Goods: Mapping the Economic Impact*, inħalluhom bil-lingwa oriġinali.

2. **IL-KWOTAZZJONIJIET** minn dawn id-dokumenti nittraduċuhom dejjem biex it-test finali jkun aktar mexxej. Meta l-kwotazzjoni tkun minn lingwa mhux tant magħrufa, nistgħu:
   i) nużaw pivot language,
   ii) nikkuntattjaw lir-requestor u ninfurmawh bil-problema, u/jew
   iii) nitolbu l-għajnuna tat-tradutturi ta' dik il-lingwa partikolari.

3. Meta jiġi rrappurtat **DISKORS DIRETT** fit-tul (eż: kummenti ta' Kummissarji jew esperti fl-Istqarrijiet għall-Istampa) għandna nittraduċuh u nħalluh fil-virgoletti, mingħajr ma naqilbuh għal diskors indirett.

Victor Bonanno huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea u membru fil-Grupp Lingwistiku

# Mistoqsijiet & Tweġibiet Lingwistiċi

**M: Niktbu "in-negozjati *tniedu*" jew "in-negozjati *tnedew*"?**

**T: Kemm *tniedu* u kemm *tnedew* jingħadu fil-Malti, madankollu fil-kuntest ta' hawn fuq nistgħu niktbu biss "in-negozjati *tnedew*". L-użu tal-waħda flok l-oħra huwa żball grammatikali.**

**Raġunament: *Tniedu***, faċilment nitfixkluh mal-omonimu ***tniehdu***. ***Tniedu*** (**n-d-j**, it-3 Forma, *to launch/ proclaim*) huwa verb nieqes fl-imperfett li jinħadem fuq il-mudell ***bata***, jiġifieri "*intom tniedu/tbatu*". Mill-banda l-oħra ***tniehdu*** (**n-h-d,** *to sigh*) huwa verb sħiħ li kkonjugat kif inhu, jista' jkun kemm fit-3 Forma (il-mudell *bierek*) "intom ***tniehdu/tbierku***" u kemm fis-6 forma (il-mudell *tbierek*) "huma ***tniehdu/tbierku***". Abbażi tal-MLRS, il-verb ***niehed*** l-aktar li jintuża huwa fis-6 Forma (jitniehed/titniehed/tniehed/tniehdet) u mhux fit-3 Forma (jniehed/tniehed/niehed/niehdet) tiegħu.

***Tniedu*** u ***tnedew*** huma żewġ forom verbali mibnijin fuq l-istess għerq, ***n-d-j***. Id-differenza ewlenija hija li ***tniedu*** huwa verb tat-3 Forma (***nieda***) filwaqt li ***tnedew*** huwa verb tas-6 Forma (***tnieda***).

Niktbu ***tniedu*** meta rridu nfissru "*intom tniedu*", jiġifieri t-tieni persuna plural tal-verb ***nieda*** **fl-imperfett**: *ⁱnniedi, tniedi, jniedi, tniedi, ⁱnniedu, tniedu, jniedu*. Dan il-verb jintuża dejjem f'sens attiv bħal fl-eżempju li ġej:

- Bħala ċittadin tal-UE, int tista' jew tingħaqad ma' grupp ta' organizzaturi biex (intom) **tniedu** (~~tnedew~~) inizjattiva, jew tagħti l-appoġġ tiegħek lil inizjattiva eżistenti.

Niktbu ***tnedew*** meta rridu nfissru "*huma ġew imnedija*", jiġifieri meta bis-6 Forma (**fit-temp perfett**: *tnedejt, tnedejt, tnieda, tnediet ~~tniedet~~, tnedejna, tnedejtu, tnedew*), noħolqu l-passiv morfoloġiku tal-verb ***nieda***, bħal fl-eżempji:

- Fl-2017 ***tnedew*** (~~tniedu~~) 24 Network għal klassijiet differenti ta' mard rari.
- Apparti dawn l-istandards, ***tnedew*** (~~tniedu~~) ukoll għall-konsultazzjoni pubblika l-Istandards Soċjali Regolatorji għal Servizzi Residenzjali għall-Anzjani.

**Konklużjoni:** Il-frażi verbali korretta hija "n-negozjati ***tnedew***". ***Tnedew*** huwa verb tas-6 Forma kkonjugat fit-3 persuna plural tal-Perfett (fil-fatt l-aktar tliet verbi li jintużaw fil-Perfett f'din il-Forma huma ***tnieda***, ***tnediet*** u ***tnedew***). Mill-banda l-oħra ***tniedu*** huwa verb tat-3 Forma kkonjugat fit-tieni persuna plural tal-Imperfett.

Kontribut tal-Grupp Lingwistiku

# Il-Morfoloġija Inflettiva u Derivattiva

Michael Spagnol

Il-morfoloġija hi l-fergħa tal-lingwistika li tistudja l-binja tal-kelma. Qabel ma nkomplu jaqblilna nfissru x'nifhmu bil-kelma *kelma*, għax fl-użu komuni għandha aktar minn tifsira waħda. Nintebħu b'dan jekk nippruvaw inwieġbu mistoqsija li jaf tidher banali: kemm-il kelma fiha s-sentenza (1) t'hawn taħt?

(1) Sena ġdida, bidu ġdid

Għal uħud erbgħa, għal oħrajn tlieta. Iż-żewġ tweġibiet tajbin, proprju għax jistrieħu fuq żewġ sensi differenti tal-*kelma*. Min qal erbgħa għadd il-kliem bħala sekwenzi ta' ittri mifrudin bi spazji bojod. Min wieġeb tlieta għadd il-*lessemi*, elementi astratti li jiġbru fi ħdanhom għamliet differenti tal-kelma, li 'l quddiem naraw li jissejħu *inflessjonijiet*. Li kellna nfittxu l-kliem tas-sentenza (1) fid-dizzjunarju, konna nfittxu tliet elementi, mhux erbgħa: SENA, BIDU u ĠDID. Għax nafu li ĠDID hi lessema li tħaddan il-forom **ġdid** tal-maskil, **ġdida** tal-femminil u **ġodda** tal-plural. Bl-istess mod, il-lessema SENA jaqgħu taħtha s-singular **sena**, l-imtenni **sentejn** u l-plural **snin**.

Fil-każ tal-verbi, il-lessema ġieli nsejħulha l-*mamma*: forom bħal **noħroġ**, **ħriġtuh** jew **joħorġux** nafu li fid-dizzjunarju nsibuhom taħt ĦAREĠ.

## Il-Morfema

Fl-istudju tal-lingwa, il-kelma mhix l-iċken element mogħni bit-tifsir. Hemm elementi iżgħar minnha, il-*morfemi*. Ngħidu aħna, il-kelma **jumejn** tinqasam f'żewġ morfemi, **jum**, ġurnata, u **-ejn** tal-imtenni. Inkella l-aġġettiv **inċerta** jinqasam fi tlieta, **in-** li tesprimi n-nuqqas ta' kwalità jew il-kuntrarju (bħal f'**ingrat** u **inutli**), **ċert**, żgur, u **-a** tal-femminil. Il-morfema, mela, hi l-iżgħar unità li ġġorr tifsira, bħal **jum** u ċert, jew taqdi funzjoni grammatikali, bħal **-ejn** u **-a**.

Il-morfema nistgħu nikklassifikawha skont:

> **Jien u ħabibti kellna argument fuq il-grammatika.**
> **Morfema li ma kellhiex raġun.**
> ***Maria Debono***

i. l-istatus tagħha, jekk tkunx *ħielsa* jew *marbuta*, eż. **jum** morfema ħielsa għax toqgħod waħedha, mingħajr morfemi oħra mehmużin magħha, iżda **-ejn** morfema marbuta għax tkun dejjem ma' morfema oħra, bħal **id-ejn**, **xahr-ejn**, **pass-ejn**;

ii. il-pożizzjoni tagħha f'relazzjoni mal-bażi li tingħaqad magħha, ngħidu aħna, morfema marbuta fuq ix-xellug tal-bażi, bħal **diż-onest**, **buż-nanna**, **s-komdi**, tissejjaħ *prefiss*, waqt li morfema marbuta fuq il-lemin tal-bażi, bħal **xemx-ata**, **difett-uż**, **qassis-in**, tissejjaħ *suffiss*;

iii. il-funzjoni tagħha, jekk tnissilx kelma, anzi lessema, differenti, b'tifsira magħżula, bħal **in-** f'**inċert**, li tfisser il-maqlub ta' ċert, jew jekk toħloqx għamla differenti tal-istess lessema, bħal **-a** f'**inċerta**, li hi l-femminil ta' inċert.

Fil-bqija tal-artiklu niftħu fuq dan il-punt tal-aħħar. Imma, qabel ma nkomplu, tajjeb ngħidu li morfema jista' jkollha aktar minn sura waħda. Għall-argument, is-suffiss tal-imtenni mhux dejjem ikun **-ejn**, bħall-eżempji t'hawn fuq. Ġieli jkun **-ajn**, bħal f'**subgħajn**, **ġwenħajn** u **saqajn**.

Hekk ukoll il-prefiss **in-** jinbidel f'**il-** quddiem kelma li tibda bil-l, bħal **illegali**, f'**ir-** quddiem kelma li tibda bir-r, bħal **irregolari**, u f'**im-** quddiem kelma li tibda bil-m, bħal **immatur**. Varjanti bħal dawn ta' morfema waħda jissejħu *allomorfi* u huma komuni ferm, mhux biss fil-prefissi u s-suffissi, imma anki fl-element ċentrali tal-kelma. Innota kif is-sura tal-bażi ftit jew wisq tinbidel f'dawn il-forom:

| | |
|---|---|
| **forn** | **furn**-ar |
| **fenek** | **fenk**-a |
| **kiesaħ** | **kesħ**-in |
| **ġisem** | **ġisim**-ha |
| **falz** | **fals**-ità |
| **mużika** | **mużiċ**-ist |

## Id-Derivazzjoni u l-Inflessjoni

Niġu lura għall-funzjoni tal-morfemi. Morfema li tnissel lessema ġdida tissejjaħ *derivattiva*. Is-suffiss **-aġni** fi kliem bħal **fitt-aġni**, **tust-aġni** u **guff-aġni**, inissel nomi mill-aġġettivi **fitt**, **tost** u **goff**. Mill-banda l-oħra, morfema li tibdel kemm kemm xi tagħrif grammatikali tal-kelma marbut ma' valuri bħall-ġens (maskil, femminil), l-għadd (singular, plural, imtenni), it-temp u l-aspett (perfett, imperfett), u l-każ (pronomi mehmużin) tissejjaħ *inflettiva*. Li ġejjin huma eżempji ta' morfemi inflettivi.

| valur | lessema | inflessjoni |
|---|---|---|
| ġens | **ġdid** | **ġdid**-a |
| għadd | **platt** | **platt**-i |
| temp/aspett | **ħabb** | in-**ħobb** |
| każ ġenittiv | **oħt** | **oħt**-i |
| każ akkużattiv | **ried** | **ried**-ni |

Kelma jista' jkollha ż-żewġ tipi ta' morfemi. Ngħidu aħna, **s-komd-a** għandha l-prefiss derivattiv **s-** li jesprimi sens ġdid, l-oppost, u s-suffiss inflettiv **-a** li jindika l-femminil. U bħalha **ġgant-esk-i**, li għandha żewġ suffissi, wieħed derivattiv, **-esk**, li jsawwar lessema ġdida, f'dan il-każ aġġettiv, u ieħor inflettiv, **-i**, li jimmarka l-plural. F'kelma magħmula minn morfemi derivattivi u inflettivi, bħal **opinjon-ist-i** u **sport-iv-a**, il-morfemi derivattivi, **-ist** u **-iv**, ikunu eqreb tal-bażi mill-morfemi inflettivi, **-i** tal-plural u **-a** tal-femminil.

**Għala l-plural kategorija importanti?**

**Għax ifisser ħafna.**

Xi morfemi jistgħu jkunu kemm derivattivi u kemm inflettivi, skont il-bażi li jingħaqdu magħha u l-funzjoni li jaqdu. Pereżempju, is-suffiss **-i** hu morfema derivattiva meta minn nom, bħal **suf** u **xemx**, inissel aġġettiv, **sufi** u **xemxi**, iżda huwa morfema inflettiva meta mis-singular jibni l-plural, bħal **vot-i** u **saff-i**, jew jimmarka l-ewwel persuna singular fi kliem bħal **wiċċ-i** u **fuq-i**.

Id-derivazzjoni, għall-kuntrarju tal-inflessjoni, tista' tibdel il-parti tad-diskors tal-kelma. Pereżempju, minn nom (**kuraġġ**) tnissel aġġettiv (**kuraġġuż**), minn verb (**importa**) toħroġ nom (**importatur**), minn nom (**vot**) issawwar verb (**vvota**), u minn aġġettiv (**ċar**) tnissel nom (**ċarezza**) jew verb (**ċċara**). L-inflessjoni, ladarba ma twassalx għal lessema ġdida, imma għal għamla grammatikali differenti tal-istess lessema, ma tibdilx il-parti tad-diskors. B'hekk, nom fis-singular (**sptar**) jibqa' nom fil-plural (**sptarijiet**), aġġettiv fil-maskil (**skur**) jibqa' aġġettiv fil-femminil (**skura**), u verb fil-perfett (**spara**) jibqa' verb fl-imperfett (**jispara**). Biss, tajjeb inżommu f'moħħna li fid-derivazzjoni l-parti tad-diskors mhux dejjem tinbidel, bħal meta minn nom (**bank**) innisslu nom ieħor (**bankier**) jew minn aġġettiv (**onest**) innisslu aġġettiv ieħor (**diżonest**).

## Fil-Qosor

Il-morfoloġija derivattiva tibni lessema ġdida, b'sens distint, li għandha mnejn tagħmel ma' parti tad-diskors differenti. In-nom **industrija** nistgħu nehmżulu suffiss biex noħorġu l-aġġettiv **industrijali**. Jekk imbagħad inżidu suffiss ieħor,

innisslu l-verb **industrijalizza**. U dan il-verb nistgħu nerġgħu nagħmluh nom, permezz ta' suffiss ieħor, **industrijalizzazzjoni**.

L-inflessjoni tifrex il-lessema għal funzjonijiet grammatikali bħall-għadd, il-ġens, it-temp u l-aspett. Is-suffiss **-ijiet**, pereżempju, jindika li n-nom hu plural, u l-prefiss **n-** jindika li l-verb hu fl-ewwel persuna tal-imperfett (jien/aħna). Il-morfemi inflettivi ma jibdlux il-parti tad-diskors tal-bażi, u jokkorru qabel jew wara l-prefissi/suffissi derivattivi, kif tixhed kelma kumplessa bħal **jiżbilanċjani**, li tinqasam hekk:

| ji- | ż- | bilanċ | -ja | -ni |
|---|---|---|---|---|
| prefiss inflettiv | prefiss derivattiv | bażi | suffiss derivattiv | suffiss inflettiv |
| it-tielet persuna tal-imperfett | l-oppost | 'ekwilibriju' | verb | l-ewwel persuna singular |

Dr Michael Spagnol huwa l-Kap tad-Dipartiment tal-Malti
u lettur tal-Malti fl-Università ta' Malta




ĦARĠA 20




# L-importanza tal-aspett viżiv fid-Deċiżjonijiet 2

George Farrugia

## Sistemi differenti tal-ortografija

Ħafna minna żgur niftakru l-ewwel snin tagħna l-iskola meta l-għalliema, b'paċenzja kbira, bdew jgħallmuna naqraw u niktbu. Kienet fażi fil-proċess edukattiv li forsi, ta' tfal li konna, dak iż-żmien ma fhimniex biżżejjed l-importanza tagħha u wisq anqas bsarna x'influwenza kellha tħalli fuq il-ġejjieni tagħna.

Jista' jkun li dak iż-żmien konna ninkwetaw aktar fuq id-diffikultajiet assoċjati ma' din il-fażi ġdida u eċċitanti f'ħajjitna, bħal kif se nżommu sew il-lapes, kif se niktbu pulit fuq il-pitazz u forsi l-akbar problema, kif se nitgħallmu niktbu l-kliem ġdid. Jista' jkun li ħafna minna konna nsibuha xi ftit eħfef biex nitgħallmu niktbu l-kliem bil-Malti milli l-kliem bl-Ingliż minħabba, fost oħrajn, li s-sistema ortografika tal-Malti hija aktar fonemika mis-sistema Ingliża fis-sens li fil-Malti r-relazzjoni bejn is-simbolu (l-ittra tal-alfabett) u l-ħoss li jirrappreżenta hija aktar b'saħħitha. Tant li x'aktarx mhux l-ewwel darba li, b'mod mhux korrett għalkollox, l-għalliema qalulna li l-Malti 'niktbuh kif inħossuh'. Sistemi ortografiċi fejn ir-relazzjoni bejn il-fonemi u l-grafemi li jirrappreżentawhom hija b'saħħitha ħafna bl-Ingliż jissejħu 'shallow orthographies' u dawn iwasslu biex l-ortografija tkun aktar konsistenti. Fost il-lingwi li għandhom din it-tip ta' ortografija nsibu l-Ispanjol, il-Finlandiż, it-Tork, it-Taljan u l-Pollakk.

Grafika fuq: Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti

> **…aktar ma l-forma devjanti titbiegħed mill-forma proprja, aktar se nirreżistuha u anqas se niktbuha**

Min-naħa l-oħra, is-sistema ortografika tal-Ingliż hija anqas trasparenti minn dik tal-Malti, jiġifieri fiha r-relazzjoni bejn il-fonemi u l-grafemi li jirrappreżentawhom hija anqas b'saħħitha minn dik li nsibu fis-sistema tal-kitba bil-Malti. Sistemi ortografiċi bħal dawn, li jagħtu importanza akbar lil elementi lingwistiċi oħrajn, bħall-morfoloġija u l-etimoloġija, bl-Ingliż jissejħu 'deep orthographies'. Fost il-lingwi li jużaw dawn is-sistemi ta' kitba, minbarra l-Ingliż, nistgħu nsemmu l-Ungeriż, il-Franċiż u l-Korean. Lingwi bħal dawn jippreżentaw sfida akbar kif tiktibhom. Kien għalhekk li meta konna żgħar stajna sibna diffikultà akbar biex nitgħallmu niktbu l-kliem Ingliż li konna niltaqgħu miegħu u kien għalhekk li l-għalliema tagħna kellhom jużaw sistemi apposta biex jgħinuna nitgħallmu dan il-kliem.

Ħafna żgur jiftakru l-famużi leħħiet li l-għalliema kienu juruna għal bosta drabi biex nimmemorizzaw il-kitba ta' ċertu kliem u li mbagħad kienu jwaħħluhom mal-ħitan tal-klassi jew fuq l-oġġetti li jirreferu għalihom biex matul il-jum inħarsu lejhom u bħal donna neħdulhom ritratt mentali ħalli nibqgħu niftakru kif nispelluhom. Dan l-element viżiv fil-fatt huwa fundamentali biex nitgħallmu niktbu kliem ġdid li niltaqgħu miegħu, l-aktar f'dawk il-lingwi li bħall-Ingliż, fis-sistema ortografika tagħhom, l-istess simbolu ma jirrappreżentax dejjem l-istess ħoss u min-naħa l-oħra, l-istess ħoss ma jkunx irrappreżentat dejjem bl-istess simbolu.

Il-kitba, bħall-qari, mhijiex bħat-taħdit għax filwaqt li t-taħdit huwa kapaċità li nakkwistawha b'mod naturali, il-kitba u l-qari huma abbiltajiet li rridu nitgħallmuhom. Il-kitba kienet invenzjoni tal-bniedem li ħtieġlu jieħu mijiet ta' snin sakemm fl-aħħar irnexxielu jiżviluppa sistema fejn il-ħsejjes li jipproduċi b'mod naturali, jittraduċihom b'mod aktar permanenti f'simboli maħżuża biex ikun jista' jirreferi għalihom kull meta jħoss il-ħtieġa. Fl-istess waqt din is-sistema ppreżentat sfidi ġodda, waħda minnhom hija l-isforz li rridu nagħmlu biex nitgħallmu r-rabta li teżisti bejn is-simboli miktuba u l-ħsejjes li jirrappreżentaw. U huwa proprju minħabba f'hekk li f'bosta sistemi pedagoġiċi li jintużaw għat-tagħlim tal-qari u l-kitba l-element viżiv jingħata daqstant importanza. Tant hu hekk, li nstab li karatteristika ewlenija li jippossedu t-tfal li jieħdu sehem f'kompetizzjonijiet ta' spellija hija sewwasew il-memorja viżiva.[1] Dawn it-tfal sempliċiment iħarsu lejn il-kliem u jimmemorizzawh.

Huwa fatt ippruvat li aktar ma niltaqgħu mal-istess kliem fil-forma grafika tiegħu, aktar nagħrfuh malajr u fl-istess ħin, il-probabbiltà li nitgħallmu niktbuh sew hija ferm akbar.[2] Huwa għalhekk li f'ħafna klassijiet tal-primarja ssir daqstant enfasi fuq dik li tissejjaħ 'sight word recognition', l-aktar ta' dak il-kliem 'diffiċli' li fih ma jkunx hemm korrispondenza diretta bejn l-ittri u l-ħsejjes tant li biex nitgħallmu naqrawh u niktbuh ma nkunux nistgħu nużaw sistema ta' dekodifikazzjoni. Studji juruna li dawn is-sight words huma importanti għax inisslu fit-tfal element ta' kunfidenza u jgħinuhom jifhmu iżjed dak li jkunu qed jaqraw.[3] Għaldaqstant, kliem bħal dan x'aktarx li jkollna nimmemorizzawh bħala unit wieħed viżiv. Aktar ma niltaqgħu mal-forma viżiva tiegħu, aktar hemm il-probabbiltà li nitgħallmu naqrawh u niktbuh sew għax ħafna drabi, l-abbiltà tal-qari hija minsuġa mal-abbiltà tal-kitba u normalment dawn iż-żewġ abbiltajiet nitgħallmuhom u niżviluppawhom flimkien tant li għadu mhux ċar liema minnhom nitgħallmu l-ewwel.[4]

Minn dan joħroġ li **l-frekwenza tal-kliem hija fattur ewlieni biex nitgħallmu naqrawh u niktbuh sew.** L-effett tal-frekwenza tal-kelma jinfluwenza l-mekkaniżmu mentali tagħna li jaċċessa l-informazzjoni li nkunu ksibna.[5] Aktar ma niltaqgħu mal-kelma, aktar naċċessawha

[1] Ara: https://www.dailymail.co.uk/news/article-3184627/How-born-photographic-memory-able-star-Great-Australian-Spelling-Bee.html
[2] Ara: https://www.nelsonlangarts.com/word-recognition-skills-and-strategies.html u Anne. E. Cunningham, "Accounting for children's orthographic learning while reading text: Do children self-teach?" fil-*Journal of Experimental Child Psychology*, vol.95 (1), Settembru 2006, pp. 56-77.
[3] Ara: https://tinyurl.com/LangDevSightwords
[4] Ara Learning About Literacy: https://cea4autism.org/reading-writing-comes-first/ u https://www2.ed.gov/pubs/StateArt/Read/idea9.html
[5] Ara Murray, W.S., u Forster, K.I.(2004). "Serial mechanisms in lexical access: The rank hypothesis." fi *Psychological Review*, 2004 July, 111, 721-756.

malajr tant li maż-żmien il-kitba tagħha ssir awtomatika.

U jekk waqt li nkunu qed niktbu din il-kelma nieħdu xi żball, il-forma viżiva tagħha bħal donnha tindikalna mill-ewwel li hemm xi ħaġa ħażina fiha.

Imqar fir-regoli ta' kif niktbu bil-Malti dan l-element viżiv jinfilsa ruħu, anzi jitqies bħala wieħed mill-prinċipji fundamentali li fuqhom qabel, imma nkunu diġà rajnieh miktub saħansitra ħafna qabel jibda jintuża fil-Malti. U kif intqal aktar 'il fuq, aktar ma nkunu ltqajna ma' dan il-kliem, aktar ikollna xbieha viżiva ċara tiegħu. Għaldaqstant meta dan il-kliem jinkiteb b'xi forma dfferenti minn dik oriġinali[7] aktar narawh stramb u **aktar ma l-forma devjanti titbiegħed mill-forma proprja, aktar se nirreżistuha u anqas se niktbuha**. Kien għalhekk li d-Deċiżjonijiet 2 taw importanza




Grafika: Kenneth Borg

huma mibnijin ir-regoli uffiċjali tal-kitba bil-Malti.[6] Mifsud (1999, p. 19) jirreferi għalih bħala dak il-prinċipju "li jwissina li kliem li drajnieh miktub b'ċertu mod u li sar stampa f'moħħna, aħjar inżommuh kif inhu".

**Messaġġ ċar li ħareġ mill-proċess ta' konsultazzjoni**

Minħabba s-sitwazzjoni bilingwi f'pajjiżna u li l-kuntatt mal-Ingliż huwa qawwi sa minn meta nkunu għadna żgħar, ħafna drabi l-kliem Ingliż li nkunu neħtieġu, mhux biss inkunu smajnieh daqstant kbira lill-element viżiv.

Fl-istadji kollha fil-proċess twil ta' konsultazzjoni, ir-rispons tal-maġġoranza ta' dawk li taw l-opinjonijiet tagħhom dwar il-kitba tal-kliem Ingliż fil-Malti, inkluż il-pubbliku inġenerali, kien biex il-kitba tal-kliem Ingliż fil-Malti ma tkunx differenti wisq minn kif jinkiteb fl-Ingliż. Forom li jitbiegħdu ħafna mill-forma miktuba oriġinali jaħsdu u jtellfu lill-qarrejja għax ħafna drabi ma jagħrfuhomx. Kien proprju għalhekk

[6] Ara Mifsud, M. (1999) "Ir-Regoli tal-Kitba tal-Malti", Il-Malti LXXIII.

[7] B''oriġinali' hawn qed nifhmu l-forma miktuba kif tintuża fl-Ingliż.

li l-Kumitat li kien qed jistudja l-kitba tal-kliem Ingliż fil-Malti kellu jagħti widen għal dan il-messaġġ ċar li kien qed jirċievi kontinwament. Din kienet sfida kbira għall-Kumitat biex jara kif se jsolvi d-dilemma bejn it-tendenza li niktbu l-kliem missellef fil-Malti l-aktar fuq prinċipju fonetiku, u l-ħtieġa li l-kitba tal-kliem Ingliż ma titbiegħedx mill-kitba oriġinali tiegħu, imqar meta din ma tkunx kompatibbli mal-kitba fonetika ta' dan il-kliem. Ta' min ifakkar li ż-Żieda mat-Tagħrif tal-1984 p. 2 kienet tirrakkomanda li kliem barrani, inkluż il-kliem Ingliż, bħala regola ġenerali għandu jinkiteb kif jinstema':

1. Il-kliem ta' nisel barrani jieħu l-valur tiegħu bħala kliem Malti meta jkun aċċettat u użat mill-poplu. Minn dak il-ħin għandu jitqies li hu biċċa mill-ilsien Malti, u biex tiktbu la hemm il-ħtieġa li tmur għall-oriġini tiegħu fl-ilsien barrani, u lanqas ma hemm bżonn li tkun taf ilsna barranin. Trid tkun taf biss kif il-kelma tingħad u tinħass fil-Malti. Din turihielna l-fonetika – jiġifieri kif il-kelma tinħass fil-widna għax hekk daħħalha l-poplu.

Din ir-regola sabet reżistenza kbira u kienet ikkritikata minn bosta. Ħarsa ħafifa lejn il-kitba tal-kliem Ingliż fil-kuntesti kollha ta' kitba bil-Malti qabel ġew ippubblikati d-Deċiżjonijiet 2 malajr turina kemm din ir-regola ma kinitx qed tkun osservata. Għaldaqstant il-Kumitat li kien qed jaħdem fuq il-kitba tal-kliem Ingliż ried jerġa' jeżaminaha u jistħarreġ l-għaliex kienet qed tinkiser ta' spiss, aktar minħabba r-reazzjoni kontriha milli minħabba n-nuqqas ta' għarfien tagħha. Ir-raġuni ewlenija għal dan kienet il-fatt li din ir-regola tiffoka biss fuq l-aspett fonetiku u tinjora kważi għalkollox l-aspett viżiv tal-kliem missellef miktub b'sura Maltija. Għaldaqstant, li kieku d-Deċiżjonijiet 2 ikkonfermaw din ir-regola u l-kliem kollu missellef mill-Ingliż kellu jibda jinkiteb fonetikament, kif pronunzjat minna l-Maltin, żgur li l-kitba ta' kliem bħal 'ħiter', 'piknikkuler', 'kruż', 'majkrowejv', 'kukerħudd', 'giżer', 'ħoki', 'tur', u tant oħrajn kienet (tkompli) tgerrex lil bosta milli jiktbu bil-Malti jew milli josservaw ir-regola għax il-kitba ta' dan il-kliem kienu jqisuha stramba jekk mhux ukoll 'redikola'.

Il-kwestjonarju li fassal il-Kumitat biex jiġbor l-opinjoni tal-pubbliku dwar il-kitba tal-kliem Ingliż ikkonferma dan it-tħassib. Din li ġejja hija tabella li turi l-preferenza tal-pubbliku għall-kitba ta' xi kliem li kien mistħarreġ fil-kwestjonarju fil-fażi ta' konsultazzjoni, ibbażata fuq kampjun ta' 200 kwestjonarju.

| Kelma fil-kwestjonarju | % tal-parteċipanti li ppreferew il-forma partikolari |
|---|---|
| virus | 65% |
| vajrus | 35% |
| | |
| lampshade | 86% |
| lempxejd | 14% |
| | |
| play | 75% |
| plej | 25% |
| | |
| jeans | 80% |
| ġins | 20% |
| | |
| preview | 88% |
| privju | 12% |
| | |
| tinsureja | 0% |
| insurance | 66.7% |
| tinxurja | 100% |
| inxurjans/inxurins | 33.3% |
| | |
| jirrehearsejaw | 0% |
| rehearsal | 48% |
| jirriħersjaw | 100% |
| riħersal/riħersil | 52% |

F'din it-tabella ninnotaw li ħarġet tendenza ċara ħafna fil-kitba tan-nomi u tal-verbi; fil-każ tal-verbi dehret preferenza qawwija favur il-kitba tagħhom bil-Malti bbażata fuq kriterju fonetiku iżda fil-każ tan-nomi kien hemm preferenza qawwija favur il-kitba tagħhom bl-Ingliż. Dan kien l-ewwel sinjal li, b'xi mod, il-verbi kellhom jiġu trattati b'mod differenti min-nomi. Tendenza oħra li ħarġet kienet li, fil-każ tan-nomi li (sal-lum) fil-Malti m'għandhomx rabta morfoloġika ma' xi verb, il-kitba tagħhom fil-forma oriġinali ('virus', 'lampshade', 'play', 'jeans', 'preview') kienet ippreferuta ferm aktar mill-kitba tagħhom bil-Malti. Din

l-għażla favur il-verżjoni oriġinali nstabet saħansitra f'dawk il-każi fejn l-informanti setgħu rabtu grammatikament in-nom ma' verb li jikkorrispondi miegħu ('insurance' > 'tinxurja', 'rehearsal' > 'jirriħersjaw'). Anzi, fil-każ tan-nom 'insurance' mhux biss kien hemm persentaġġ konsiderevoli favur il-kitba tiegħu bl-Ingliż, talli din il-preferenza kienet ferm aktar mill-preferenza tal-kitba bil-Malti tal-istess nom 'inxurjans'/'inxurins'. Kien innutat ukoll li **l-forma viżiva tal-kitba bil-Malti tal-kliem kompost** minn żewġ elementi (kelmiet) tqieset aktar stramba jew kif ikkummentaw xi wħud, 'redikola' minħabba li kienet **"iċċajpar it-trasparenza tal-binja komposta tal-kelma jew tal-espressjoni Ingliża għal min jaf bl-Ingliż.**"[8] Dan kien sinjal ċar li morfoloġikament ir-relazzjoni derivattiva[9] ma kellhiex tkun il-kriterju tal-kitba bil-Malti u għaldaqstant in-nomi u l-verbi kellhom jiġu trattati b'mod differenti.

## Id-deċiżjonijiet finali

Is-sondaġġ imsemmi hawn fuq u l-bosta kummenti u fehmiet li l-Kumitat baqa' jirċievi kontra l-kitba ta' kliem Ingliż miktub b'mod stramb, fis-sens li l-kitba tiegħu bil-Malti titbiegħed sew mill-kitba oriġinali, kienu r-raġuni ewlenija li l-aspett viżiv ingħata daqstant importanza fid-Deċiżjonijiet 2. Din l-importanza tidher sewwasew f'dawn id-deċiżjonijiet finali li ttieħdu:

1. Bħala regola ġenerali l-kliem kompost minn żewġ kelmiet jew aktar għandu jitħalla miktub bl-Ingliż, eż. 'air conditioner' mhux 'erkondixiner', 'part-time' mhux 'partajm', 'roundabout' mhux 'rawndebawt', 'shock absorber' mhux 'xokebżorber', 'windscreen' mhux 'windskrin', 'online' mhux 'onlajn', 'broadband' mhux 'brodbend'.

2. Minkejja li l-possibbiltà ta' sistema ta' kitba mħallta fl-istess kelma (eż. 'tiċcheckkja', 'nissaveja', 'jixshoottja') kienet eliminata fi stadju bikri tad-diskussjonijiet, saret eċċezzjoni fil-każ tal-kitba tal-aġġettivi li jitnisslu minn nomi proprji. F'każi bħal dawn iż-żieda grammatikali tinkiteb bil-Malti iżda l-isem jibqa' jżomm il-forma oriġinali tiegħu biex jiġi mħares l-aspett viżiv u l-kelma tinqara bla diffikultà. Għalhekk, niktbu 'Shakespearjan' u mhux 'Xejksperjan', 'Marxiżmu' u mhux 'Marksiżmu'. Bl-istess kriterju ġie deċiż ukoll li n-nomi proprji jibqgħu jżommu l-kitba oriġinali tagħhom u ma jiġux traskritti bil-Malti eż. 'Google', 'Twitter', 'Skype' u mhux 'Gugil', 'Twiter', 'Skajp'.

3. In-nomi proprji missellfa (bħal ismijiet ta' pajjiżi jew postijiet, ditti, organizzazzjonijiet, programmi, akronimi li jinqraw bħala kelma sħiħa, eċċ.) għandhom jibqgħu jinkitbu bl-ortografija oriġinali tagħhom biex jibqgħu jingħarfu u f'każ li jkun meħtieġ li tiżdied magħhom il-vokali tal-leħen din il-vokali għandha tinkiteb żgħira u l-isem jinkiteb b'ittra kbira biex jibqa' jingħaraf: eż. 'l-iSprite', 'l-iStergene', 'l-iSky Mountains', 'l-iSplash and Fun', 'l-iSpice Girls', 'l-iSTART (Strategic Arms Reduction Treaty)'. L-ismijiet xjentifiċi u l-ismijiet ta' pubblikazzjonijiet jinkitbu bil-korsiv[10] u l-vokali tal-leħen tinkiteb żgħira u bil-korsiv ukoll. B'dan il-mod is-sura viżiva ta' dan il-kliem tibqa' trasparenti.

> ***...il-forma viżiva tal-kitba bil-Malti tal-kliem kompost, "iċċajpar it-trasparenza tal-binja komposta tal-kelma jew tal-espressjoni Ingliża għal min jaf bl-Ingliż"***

4. Fil-każ tal-kliem (fil-parti l-kbira tiegħu nomi) li ma qagħadx għall-grammatika tal-Malti u li jista' jinkiteb bil-Malti jew iżomm l-ortografija oriġinali Ingliża, il-kittieb jingħata l-parir biex ikun responsabbli u jekk jara li s-sura viżiva tal-kliem li jagħżel li jikteb bil-Malti titbiegħed ħafna mill-verżjoni oriġinali tiegħu, bil-konsegwenza li din tista' ddarras jew ittellef lill-qarrejja, ikun aħjar jekk kliem bħal dan iħallih fil-forma oriġinali tiegħu. Mela l-qofol tad-deċiżjoni huwa l-aspett viżiv tal-kelma, kemm din titbiegħed jew tirrispetta l-forma viżiva tal-kelma oriġinali. Tant hu hekk li f'bosta partijiet tad-dokument insibu referenza għal dan il-punt, eż. "Iżda meta l-kittieb iqis li xi nomi bħal dawn ikunu

[8] Ara Deċiżjonijiet 2, p. 8.
[9] Biex tkun taf aktar dwar id-differenza bejn il-morfoloġija derivattiva u l-morfoloġija inflettiva ara l-artiklu ta' Michael Spagnol f'din il-ħarġa.

[10] Ara Deċiżjonijiet 1 (2.3 u 2.4).

ndraw fis-sura Maltija tagħhom u/jew ma jitbegħdux viżwalment mill-forma Ingliża, jista' jiktibhom la Maltija."(p. 14) u "Għalhekk, filwaqt li l-kittieb jista' jagħżel li jikteb 'kompjuter/s' għax iqishom forom li ndraw la Maltija u lanqas ma jitbiegħdu viżwalment daqstant mill-forma Ingliża, jiddeċiedi li ma jiktibx 'toilet/s' la Maltija (jiġifieri, 'tojlit/s') għax iħoss li dawn il-forom ma ndrawx, jitbiegħdu mill-forma Ingliża u jdarrsu lil min jaqrahom." (p. 15)

5. Għandna wkoll xi nomi li l-plural tagħhom huwa adattat morfoloġikament u għalhekk jinkiteb biss la Maltija ('xorzijiet', 'ġinsijiet' u 'bwiez'). Dan ifisser li s-singular ta' dawn in-nomi suppost għandu jinkiteb biss 'xorz', 'ġins' u 'buz'. Madanakollu din il-forma titbiegħed ħafna viżwalment mill-forma Ingliża u ddarras lil bosta. Kien għalhekk li saret eċċezzjoni għal dawn it-tliet każijiet u ġie deċiż li wieħed jista' jiddeċiedi li jħalli s-singular miktub ukoll la Ingliża ('shorts', 'jeans' u 'boots').

6. Il-morfema Ingliża tal-plural –s għandha tibqa' tinkiteb '-s' anke meta tieħu l-ħoss ta' 'ż' pereżempju fit-tarf ta' kliem bħal 'klabbs' u 'bloggs' biex dan il-kliem ma jitbigħedx wisq mill-forma viżiva oriġinali tiegħu.

7. Minkejja li l-kitba tal-element 'eks' (fis-sens ta' xi ħadd li kien jokkupa xi kariga, professjoni jew pożizzjoni u issa m'għadux) hija aċċettata, xi wħud għadhom jarawha stramba f'għajnejhom għax titbiegħed wisq mill-forma viżiva 'ex'. Kien għalhekk li fid-Deċiżjonijiet 2 din tal-aħħar ma twarrbitx għalkollox u huwa possibbli niktbu ż-żewġ forom, pereżempju, 'eks surġent tal-pulizija' u 'ex surġent tal-pulizija'.

F'dan il-kuntest nistgħu nifhmu aħjar dan il-paragrafu f'p. 14 tad-Deċiżjonijiet 2:

> Għalhekk, ir-raġuni għaliex wieħed jikteb nom bħal 'brejk'[11] la Maltija mhijiex għax juża l-verb korrispondenti 'ibbrejkja – jibbrejkja' imma għax il-plural tan-nom huwa adattat morfoloġikament (brejkijiet).

**Ir-relazzjoni derivattiva m'għandhiex tkun il-kriterju tal-kitba la Maltija**. Il-firda bejn in-nom u l-verb hija importanti **għax inkella jkollna każijiet fejn** il-verb adattat jinkiteb la Maltija imma **n-nom korrispondenti, li jkun jidher stramb miktub la Maltija, ma nkunux nistgħu neskluduh** u jkollu jinkiteb bilfors la Maltija wkoll, eż. 'iċċarġja l-batterija' – 'iċ-ċarġ (charge) tal-batterija wasal biex jispiċċa', 'iħħekkja s-sistema' – 'il-ħeker (hacker) intbagħat il-ħabs'.

Fil-verità, is-separazzjoni tan-nomi mill-verbi ma kinitx ħaġa mixtieqa għax idealment kellhom ikunu applikati l-istess kriterji għall-kitba tal-kliem kollu mill-Ingliż irrispettivament minn jekk huwiex nomi, verbi, aġġettivi jew parteċipji. Madanakollu li kieku ġiet applikata r-relazzjoni derivattiva biex tkun imħarsa r-rabta morfoloġika bejn il-verbi u nomi, ladarba teoretikament minn kull nom missellef fil-Malti teżisti l-possibbiltà li nnisslu verb, kien ikollna wkoll il-possibbiltà li niktbu n-nom missellef bil-Malti wkoll minħabba r-rabta tiegħu mal-verb, eż 'stejpil, stejpler – stejpiljajt'; 'ħajlajter – iħħajlajtja'. B'dan il-mod seta' jiġri li l-kitba ta' xi nomi bil-Malti setgħet titbiegħed ħafna mill-forma oriġinali tagħhom bl-Ingliż, xi ħaġa li kif kien argumentat f'din il-ktiba, ma kinitx mixtieqa.

Kien proprju għalhekk li r-relazzjoni derivattiva ma tqisitx bħala l-kriterju tal-kitba bil-Malti, biex tkun tista' ssir is-separazzjoni tan-nomi mill-verbi. Minflok, kien applikat il-kriterju inflettiv li jqis forom differenti tal-istess nom jew tal-istess verb jew tal-istess aġġettiv/parteċipju (eż. 'brejk – brejkijiet', mhux 'brejk' – 'ibbrejkja'; 'xutt – xuttijiet', mhux 'xutt' – 'ixxuttja'). B'dan il-mod tnaqqset il-possibbiltà li jkollna niktbu xi nomi b'mod differenti ħafna mill-kitba oriġinali tagħhom, kitba li setgħet iddejjaq lill-kittieba, ittellef lill-qarrejja u tgerrex lil bosta milli jiktbu bil-Malti.

Dr George Farrugia huwa lettur tal-Malti fl-Università ta' Malta

[11] Hawn qed nirreferu għal 'brejk tal-karozza'.




ĦARĠA 20

Ħajr lil Clyde Triganza, traduttur mal-Kummissjoni Ewropea, għal din ir-rokna terminoloġika

# "Każ" u "Kawża" jfissru l-istess jew le?

David Borg



Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

*Distingue semper*[1]

Il-kliem "każ" u "kawża" nużawhom ta' spiss f'kuntest ta' proċeduri legali u b'mod ġenerali fil-kuntest tal-Unjoni Ewropea. Imma jfissru dejjem l-istess?

Bl-Ingliż "case" hija ddefinita bħala "A court action", "A legal dispute", "The arguments, collectively, put forward by either side in a court action" u "(action on the case) A form of action abolished by the Judicature Acts 1873–75". "Suit", li hija ekwivalenti għal "kawża", hija ddefinita bħala "A court claim. The term is commonly used for any court proceedings although originally it denoted a suit in equity as opposed to an action at law."[2]

Il-kelma "kawża" ġejja mill-kelma Taljana u Latina "causa". Rekwiżit għal kawża huwa dak li jissejjaħ il-"causa petendi". Din hija r-raġuni li fuqha hija bbażata t-talba.[3] Fil-Liġi Maltija jissemmew kemm "każ" kif ukoll "kawża". Eżempju ta' dan huwa l-Artikolu 424 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fejn jingħad li "Iżda fil-każijiet fejn kawża li tkun inbdiet permezz ta' rikors ġuramentat ..."[4] Hawn żgur li hemm differenza kbira fit-tifsira bejn "każ" u "kawża".

Skont il-Linji Gwida għat-Traduzzjoni lejn il-Malti tad-Dokumenti tal-Qorti tal-Ġustizzja,[5] maħruġa mid-Diviżjoni tal-Ilsien Malti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fil-punt 349 insibu:

> Il-kelma **kawża** għandha tintuża għal proċedura ġudizzjarja filwaqt li l-kelma **każ** għandha tintuża għal proċedura amministrattiva (pereżempju, quddiem l-EUIPO jew quddiem il-Kummissjoni). Madankollu, l-espressjoni "dans ce cas" ma għandhiex tiġi tradotta "f'din il-kawża" sempliċement għaliex tinsab f'kuntest ġudizzjarju. Għall-kuntrarju, "dans cette affaire" tirreferi speċifikament għall-kuntest ta' "kawża ġudizzjarja" u għandha tiġi tradotta bħala "f'din il-kawża". (enfasi tal-Linji Gwida)

B'mod parallel, fil-Linji Gwida Interni tad-Dipartiment tal-Malti fid-Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,[6] fil-punt 28, dwar "każ" insibu: "Fejn jidħlu l-każijiet interni tal-Kummissjoni, inkunu korretti biss jekk nużaw it-terminu **każ.**" Min-naħa l-oħra dwar kawża: "Iżda meta tkun qed issir referenza għall-qrati, ikun aktar korrett li nużaw **kawża**. L-istess meta nkunu qed nirreferu għal xi sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja: nużaw **kawża** għax dan hu t-terminu li jintuża fil-Qorti tal-Ġustizzja u fir-referenzi inkwistjoni. F'sitwazzjonijiet oħra, jekk ikollna xi dubju, nistgħu nużaw **każ** għax b'mod ġenerali, dan it-terminu jkopri s-sitwazzjonijiet kollha ta' *case*." (enfasi tal-Linji Gwida)

[1] Attribwita lil San Tumas ta' Aquino.
[2] J. Law u E. Martin, *A Dictionary of Law*, Oxford University Press, 2014, https://tinyurl.com/OxfordRefLaw
[3] https://www.brocardi.it/C/causa-petendi.html
[4] Artikolu 34 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
[5] Aġġornati l-aħħar f'Ottubru 2019.

[6] Edizzjoni Nru 4, aġġornati fit-22 ta' Frar 2019.

"Kawża" tirreferi għall-proċeduri ġudizzjarji li jsiru quddiem qorti. Il-kelma "każ" tkopri diversi proċeduri oħra. Proċeduri li jsiru quddiem tribunal, bħat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva[7] f'Malta għandhom jissejħu "kawżi" għax tribunal huwa simili għal qorti u għandu funzjoni ġudizzjarja, u hekk jissejjaħ fil-liġi li tistabbilixxih.

Fil-kuntest tal-Unjoni Ewropea hemm diversi proċeduri li jsiru quddiem il-Kummissjoni Ewropea. Hawn nelenka żewġ eżempji:

"Sommarju Ta' Deċiżjoni Tal-Kummissjoni li tiddikjara konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq komuni u t-tħaddim tal-Ftehim taż-ŻEE (Każ Nru: KAŻ COMP/M.4513 ...)".[8]

"Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2394 tas-26 ta' Mejju 2014 dwar l-Għajnuna mill-Istat mogħtija mill-Ungerija lil ValDeal Innovációs Szolgáltató Zártkörűen Működő Részvénytársaság (Il-Każ SA. 33186...)".[9]

Diversi proċeduri li jsiru quddiem il-Kummissjoni Ewropea bħal f'każijiet ta' kompetizzjoni ma humiex "kawżi". Ma hemmx dubju li ma jsirux quddiem qorti u spiss jikkonċernaw kwistjonijiet ta' għajnuna mill-Istat u kompetizzjoni inġusta.[10] Fl-Unjoni Ewropea u f'Malta l-Ombudsman ukoll juża l-kelma "każ" għall-ilmenti li jitressqu quddiemu.[11]

F'lingwi oħra, fil-verżjonijiet li rajt ta' dokumenti bil-Ġermaniż, "Rechtsache" tintuża għal "kawża" filwaqt li "Sache" tintuża għal "każ". Bl-Ingliż dejjem issib "case" u b'mod simili l-Franċiż "affaire" u l-Ispanjol "asunto" għaż-żewġ kunċetti.[12] L-espressjoni "f'dan il-każ", kif ingħad qabel fil-Linji Gwida tal-Qorti tal-Ġustizzja, tista' tirreferi għal "kawża" fis-sens li sentenza spiss tirreferi għal sitwazzjoni jew fatti li jinsabu fil-"kawża" quddiem il-qorti jew "kawża" oħra. Hawnhekk il-Franċiżi jiktbu "dans ce cas".

Naħseb li tajjeb li ssir din id-distinzjoni bejn "każ" u "kawża" sabiex il-qarrej ikollu idea ta' x'tip ta' proċeduri jkun qed jaqra dwarhom. Huwa minnu li l-kelma "każ" tista' tintuża wkoll għal "kawża". Iżda jekk tintuża "kawża" mhux għall-proċeduri ġudizzjarji żgur li ma huwiex qed isir użu korrett tal-kelma. Lewis Carroll, fil-ktieb tiegħu *Through the Looking-Glass* jgħid hekk: "When *I* use a word... it means just what I choose it to mean – neither more nor less".[13] Tabilħaqq mhux il-każ li nsegwu l-eżempju tiegħu b'dawn iż-żewġ kelmiet!



L-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
Ritratt: David Borg

Dr David Borg huwa ġurista lingwista mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

[7]Istitwit bil-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta.
[8]ĠU 2009, L 96, p. 10.
[9]ĠU 2016, L 359, p. 1.
[10]https://ec.europa.eu/info/business-economy-euro/doing-business-eu/competition-rules_mt
[11]https://www.ombudsman.europa.eu/mt/opening-summaries u https://www.ombudsman.org.mt/category/case-studies-mt/?lang=mt
[12]Ara l-verżjonijiet differenti tal-punt 1 tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Ġunju 2010, Éditions Odile Jacob SAS vs Il-Kummissjoni Ewropea (T-237/05, Ġabra p. II-02245).
[13]Lewis Carroll, *Through the Looking-Glass*.



# Il-COVID-19, il-lingwa u l-politika tal-lingwa — ftit ħsibijiet

Tony Gaffiero

*Il-messaġġ li l-gvernijiet iridu jwasslu jrid ikun wieħed ċar, mingħajr lok għal dubju. U fuq kollox, messaġġ li min jisimgħu jrid iħoss li jkun indirizzat lejh*

Ritratt: Fusion Medical Animation

Nagħmilha ċara mill-ewwel li dak li qed nikteb hawn mhux xi studju xjentifiku. Huwa msejjes biss fuq il-ħsibijiet tiegħi, ta' xi ħadd li juża l-lingwa fil-professjoni tiegħu, ta' xi ħadd ukoll li tinteressah u jħobb il-lingwa Maltija u r-realtajiet li fihom din il-lingwa tintuża. Jiġifieri l-lingwa Maltija bħala lingwa ħajja, il-lingwa nazzjonali u waħda mil-lingwi uffiċjali ta' pajjiż li, taqbel jew ma taqbilx, illum huwa pajjiż kożmopolitan, li minn dejjem ra fi ħdanu jintużaw diversi lingwi.

Donnu li l-pandemija tal-COVID-19, u mhux f'Malta biss, fetħet għatu fuq problemi lingwistiċi li, għalkemm ma nistgħux ngħidu li ma konniex nafu bihom, ma konniex nagħtu tassew kashom għax ma kinux jagħmlu ħafna differenza fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

Qed ngħid mhux f'Malta biss. Għax f'pajjiżi oħra fejn mill-inqas żewġ lingwi jgħixu biswit xulxin ukoll kien hemm xi forma ta' deċiżjonijiet li kellhom jittieħdu fejn tidħol lingwa. Ma ninsewx li hawnhekk qegħdin nitkellmu dwar fattur ta' importanza liema bħalha ta' interess għas-saħħa pubblika. Jiġifieri l-messaġġ li l-gvernijiet iridu jwasslu jrid ikun wieħed ċar, mingħajr lok għal dubju. U fuq kollox, messaġġ li min jisimgħu jrid iħoss li jkun indirizzat lejh. Dan tal-aħħar huwa ta' importanza liema bħalha f'pajjiżi fejn ikun hemm komunità mdaqqsa ta' ħaddiema barranin.

Ejja nħarsu l-ewwel lejn pajjiż daqsxejn 'il bogħod minna, imma li għandu għax jinteressana mhux l-anqas għax huwa bilingwi iżda wkoll għax għandu servizz ta' traduzzjoni statali li bħala kobor jiġi eżatt wara dak tal-Unjoni Ewropea: il-Kanada, fejn il-lingwi uffiċjali huma l-Ingliż u l-Franċiż. Għalkemm il-Franċiż huwa mitkellem biss fi provinċja waħda, Québec, fil-verità huwa uffiċjali, fil-livell Federali tal-Gvern, madwar il-Kanada kollha. U fost il-konsegwenzi ta' dan hemm, pereżempju, li l-prodotti kimiċi jrid ikollhom tikkettar kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Franċiż, fil-pajjiż kollu. Ġara, iżda, li bdew deħlin fis-suq prodotti bħalma huma diżinfettanti, bit-tikkettar bl-Ingliż biss, x'aktarx impurtati mill-Istati Uniti.[1] Dan qajjem l-għadab tal-komunità frankofona fil-Québec u fi provinċji oħra. U l-għadab tant kiber li kellu jindirizza l-problema l-Prim Ministru Kanadiż innifsu li, f'dikjarazzjoni li għamel wera kemm il-prinċipju tad-duwalità lingwistika huwa prinċipju li huwa fil-qalba tal-għamla kostituzzjonali tal-Kanada. Din tittieħed tant bis-serjetà (fuq bażi permanenti) li l-Kanada għandha wkoll Kummissarju għal-Lingwa, jismu Raymond Théberge, li lmenta li fil-provinċji ta' New Brunswick u ta' Ontario, fejn hemm komunitajiet imdaqqsa li jinqdew bil-lingwa Franċiża, ċerta informazzjoni ma ngħatatx dejjem biż-żewġ lingwi. U, kif qalu esponenti Kanadiżi stess, fosthom Trudeau nnifsu, din hija wkoll kwistjoni ta' saħħa u sigurtà.

L-Uffiċċju tal-Kummissarju għal-Lingwa fil-Kanada (Commissioner of Official Languages) jiddikjara li ż-żewġ lingwi uffiċjali huma l-wirt lingwistiku tal-Kanadiżi kollha, irrispettivament mil-lingwa li fiha trabbew.[2] Meta wieħed jirrifletti, din hija dikjarazzjoni pjuttost qawwija meta jitqies li l-Franċiż huwa l-lingwa ta' biss kwart tal-popolazzjoni. Imma, minħabba t-tensjoni li kkaratterizzat ir-relazzjoni bejn iż-żewġ komunitajiet lingwistiċi li jiffurmaw il-Kanada, l-aħjar soluzzjoni li nstabet kienet li ż-żewġ lingwi jitqiesu bħala patrimonju tal-pajjiż kollu b'żieda mal-fatt li hija l-ewwel lingwa uffiċjali fil-provinċja ta' Québec.

Fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, ikun utli li naraw kif żvolġiet is-sitwazzjoni fil-Lussemburgu, il-pajjiż fil-qalba tal-Ewropa u tal-Unjoni Ewropa li għandu tradizzjoni ta' użu ta' aktar minn lingwa waħda, sitwazzjoni mhux tant differenti minn dik esperjenzata f'Malta.

L-ewwel nett wieħed irid jiftakar li l-Lussemburgu huwa pajjiż li għandu preżenza qawwija ħafna ta' ħaddiema barranin, f'kull livell, jiġifieri sew persuni bi kwalifiki akkademiċi għolja ħafna kif ukoll oħrajn b'ħafna inqas kwalifiki. Bejn dawn il-ħaddiema barranin li jgħixu l-Lussemburgu b'mod permanenti, u dawk li kuljum jidħlu fil-Lussemburgu biex jaħdmu mill-pajjiżi ġirien biex imbagħad filgħaxija jmorru lura lejn djarhom, l-għadd ta' ħaddiema barranin, skont ċifri riċenti, jammonta għal 45 minn kull 100 persuna impjegata fil-Lussemburgu.[3] Ma jistax jonqos, għalhekk, li dan ikollu konsegwenzi fejn tidħol il-lingwa.

F'suppliment speċjali li kien deher mal-ħarġa ta' *l-aċċent* ta' Novembru 2019, hemm informazzjoni interessanti ferm dwar is-sitwazzjoni lingwistika

[1] https://www.theguardian.com/world/2020/apr/28/justin-trudeau-canada-french-language-pandemic

[2] https://www.clo-ocol.gc.ca/en/timeline

[3] https://luxtimes.lu/luxembourg/35073-statec-foreign-residents-now-outnumber-nationals#:~:text=Foreign%20workers%20also%20now%20outnumber,coming%20from%20outside%20the%20country.&text=Luxembourg%E2%80%99s%20overall%20workforce%20came%20to,and%20192%2C121%20cross%2Dborder%20workers

fil-Lussemburgu. Huwa affaxxinanti li wieħed jara kif, fid-diversi oqsma tal-ħajja, il-lingwi uffiċjali tal-pajjiż, il-Lussemburgiż, il-Franċiż u l-Ġermaniż, jintużaw skont il-bżonn u skont il-preferenzi tal-okkażjoni u tal-miġemgħa partikolari, b'rabta anki ma' ċerta tradizzjoni. U, minn dak li nistgħu nifhmu aħna bħala barranin, anki mingħajr kunflitt bejn il-lingwi.

Meta faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19, il-Lussemburgu bħall-pajjiżi l-oħra kollha kellu jimbarka fuq kampanja edukattiva u informattiva dwar il-marda.

Għalhekk bdew isiru konferenzi tal-aħbarijiet tista' tgħid kuljum, normalment indirizzati mill-Ministru tas-Saħħa, u xi kultant anki mill-Prim Ministru. Il-konferenzi bdew isiru bil-Lussemburgiż. Iżda fuq il-kanal tal-YouTube tal-gvern Lussemburgiż, dawn il-konferenzi tal-aħbarijiet bdew jinqalbu simultanjament bil-Franċiż permezz tal-interpretazzjoni simultanja.

B'hekk, ma nqalgħet l-ebda kwistjoni lingwistika fil-Lussemburgu fejn tidħol l-informazzjoni mogħtija lill-pubbliku. Apparti dan, sew fuq is-sit web tal-gvern Lussemburgiż, kif ukoll fuq flyers li ntbagħtu fid-djar u distribwiti madwar il-pajjiż, intużaw ukoll lingwi bħall-Portugiż u l-Ingliż, lingwi li wkoll huma użati ħafna fil-Lussemburgu minħabba l-għadd kbir ta' emigranti mill-Portugall u l-ħaddiema l-aktar fis-settur finanzjarju li jippreferu l-Ingliż.

## U f'Malta?

Nistgħu nibdew minn fatt żgħir u sempliċi: erġajna bdejna nisimgħu l-kelma "mxija". Ngħid il-verità, din il-kelma jien personali qatt ma użajtha, għalkemm ġieli smajtha u kont naf xi tfisser. Dejjem kont naħseb li din hija jew kelma ta' użu lokali (fil-fatt hija użata l-aktar fl-inħawi tar-Rabat), jew arkajka (bħal meta ngħidu 'qabla' għal midwife). Iżda f'daqqa waħda bdejna nisimgħuha ta' kuljum fuq it-televiżjoni u l-aħbarijiet nazzjonali. U qabdet. U bdejna narawha użata kullimkien. Forsi mhux tant fil-Malti mitkellem fit-toroq, iżda ċertament fil-materjal stampat u l-avviżi li bdew jitqassmu apparti fir-rapporti fil-ġurnali. U għaliex bdiet tintuża din il-kelma? Sempliċi, għax il-Kap tal-Aħbarijiet tal-istazzjon nazzjonali, il-PBS, huwa mir-Rabat, u allura mdorri jisma' u juża din il-kelma.[4] U beda jużaha fir-rapporti tal-istazzjon tiegħu. B'hekk, erġajna rajna li meta kelma tibda tintuża minn sors li jitqies awtorevoli, u sakemm ma jkunx hemm oġġezzjonijiet minn sorsi oħra daqstant awtorevoli, il-probabbiltà hija li din il-kelma taqbad. Għalkemm dan mhux garantit.

Sirna nafu bi kliem li sa Frar li għadda kien jintuża biss mill-esperti xjentifiċi fis-suġġett, mill-epidemjoloġisti, jew mit-tobba, iżda issa qiegħed imxerred f'fomm il-pubbliku. Qiegħed nirreferi għal kliem bħalma huma 'herd immunity', li ttraduċejnieha bħala 'immunità kollettiva', jew 'komunitarja'. Forsi stajna użajna, bħalma jagħmlu ħafna lingwi, xi varjazzjoni fuq 'herd' fis-sens ta' 'merħla', allura




Ritratt tal-iscrin tas-sit tal-app COVID Alert Malta

'immunità tal-merħla'. Imma naħseb li bil-Malti li tirreferi għan-nies bħala merħla jkollha wisq konnotazzjonijiet negattivi. Inċidentalment, dan jista' jagħti wkoll indikazzjoni jekk kelma ġdida taqbadx. Kelma li b'xi mod tfakkrek f'xi ħaġa li ma togħġbokx u aktarx twarrabha.

Tgħallimna nitkellmu dwar l-'R factor', jew 'R number' (ir-'rata ta' riproduzzjoni') kif ukoll is-'social distancing' (it-'tbegħid soċjali' jew it-

[4]Dan ikkonfermajtu mas-Sur Reno Bugeja personalment.

***“Kelma li b'xi mod tfakkrek f'xi ħaġa li ma togħġbokx u aktarx twarrabha***

'tbegħid fiżiku'), li x'aktarx se jkun in-'normalità l-ġdida' (anki din, espressjoni li issa daħlet fl-użu ta' kuljum), sakemm jinstab il-vaċċin.

U, la semmejna l-vaċċin, interessanti l-fatt li l-kelma l-antika Maltija, jiġifieri 'tilqima' donnha ma gawdietx l-istess xorti ta' 'mxija', fis-sens li ftit li xejn instemgħet fid-diversi rapporti u kitbiet dwar il-COVID-19. Anzi nistgħu nosservaw li l-kelma 'vaċċin' ħadet soppravvent totali fejn jidħol użu, anki fid-diskors ta' kuljum, anki kif jesprimu ruħhom in-nies fuq il-Facebook. Il-Facebook, nemmen jien, għandu aktar karatteristiċi ta' Malti mitkellem milli Malti miktub u għalhekk jaf ikun għodda tajba għall-istudju dwar liema kliem qiegħed jaqbad fit-taħdit u liema qiegħed imajna.

Il-pandemija, però, kellha effett ieħor interessanti għal min iħobb il-lingwa u jinteressawh l-aspetti soċjali u storiċi tagħha.

Bħal ma hu l-każ fil-Lussemburgu li tkellimna dwaru qabel, Malta hija pajjiż b'aktar minn lingwa uffiċjali waħda. Skont il-Kostituzzjoni, il-lingwi uffiċjali huma l-Malti u l-Ingliż, u l-Malti, imma, jiġi identifikat bħala l-lingwa nazzjonali. Mingħajr, madankollu, ma jiġi spjegat f'aktar dettall eżatt xi jfisser legalment li lingwa tkun 'il-lingwa nazzjonali', u kif dan huwa differenti minn 'lingwa uffiċjali'. Il-Kostituzzjoni tkompli tgħid, fejn jidħlu l-lingwi uffiċjali, li "l-Amministrazzjoni tista' għall-finijiet kollha uffiċjali tuża kull wieħed minn dawk l-ilsna: Iżda kull persuna tista' tindirizza ruħha lejn l-Amministrazzjoni f'kull wieħed mill-ilsna uffiċjali u t-tweġiba tal-Amministrazzjoni għal hekk tkun b'dak l-ilsien".[5]

Jiġifieri wieħed jista' jinterpreta dan il-kliem hekk: li kull entità tal-Istat u tal-gvern għandha għażla liema lingwa tuża. M'hemm l-ebda obbligu mixħut fuq l-amministrazzjoni biex tuża lingwa waħda jew oħra. L-għażla dwar b'liema lingwa xi awtorità tkun tixtieq tikkomunika biha hija f'idejha biss. L-uniku dritt li l-Kostituzzjoni tagħti liċ-ċittadin huwa li jista' jindirizza lill-Istat b'liema waħda miż-żewġ lingwi jrid, u għandu d-dritt li jirċievi mill-Istat risposta b'dik il-lingwa. Dan tal-aħħar jista' jkollu konsegwenzi interessanti.

Meta bdiet il-pandemija tal-COVID-19 u l-gvern Malti tgħabba bir-responsabbiltà li jikkomunika mal-poplu informazzjoni indispensabbli biex titrażżan l-imxija, din l-informazzjoni bdiet tingħata fil-biċċa l-kbira bil-Malti, speċjalment fejn jidħlu spots fuq it-televiżjoni u r-radju. Il-konferenzi stampa li bdew isiru ta' kuljum kienu qegħdin isiru bil-Malti biss, anki meta xi ġurnalisti, kif kien isir anki qabel il-pandemija, ġieli staqsew mistoqsijiet bl-Ingliż. U hawn ta' min wieħed jiftakar fl-Art. 5(2) li semmejt qabel. Kieku l-ġurnalisti li staqsew domandi bl-Ingliż riedu risposta bl-Ingliż, setgħu forsi jinvokaw dan l-artikolu fil-Kostituzzjoni, l-artikolu li jobbliga lill-awtoritajiet tal-Istat li jagħtu tweġiba f'dik il-lingwa uffiċjali li biha jiġu indirizzati? Dan punt li qatt ma ġie ttestjat.

U fuq il-midja soċjali, imma, speċjalment min-naħa ta' ħaddiema barranin, bdiet tkun konsistenti l-għajta li l-informazzjoni minn sorsi uffiċjali tingħata bl-Ingliż. Huwa minnu

***“Meta kelma tibda tintuża minn sors li jitqies awtorevoli, u sakemm ma jkunx hemm oġġezzjonijiet minn sorsi oħra daqstant awtorevoli, il-probabbiltà hija li din il-kelma taqbad***

li fuq is-siti web tagħhom, il-ġurnali Maltin bl-Ingliż kienu qegħdin jagħtu l-informazzjoni minn dawn il-konferenzi stampa bl-Ingliż, imma l-argument li l-pubbliku għandu d-dritt anki għal informazzjoni minn ras il-għajn bl-Ingliż diffiċli twarrbu. Fil-fatt, jidher li l-awtoritajiet eventwalment iddeċidew li dawn it-talbiet kienu

[5] Kostituzzjoni ta' Malta, Artikolu 5(2).

raġonevoli, u fil-famużi konferenzi tal-aħbarijiet ta' nofsinhar bdiet issir parti żgħira minnha bl-Ingliż, b'riassunt tal-informazzjoni essenzjali ta' dakinhar. Il-mistoqsijiet bl-Ingliż, imma, baqgħu jitwieġbu bil-Malti.

Peress li l-kwistjoni tal-lingwa f'Malta għadha taħraq, fil-paġni tal-Facebook kienu ħafna dawk li insistew, li "la aħna Maltin, l-informazzjoni għandha tingħata bil-Malti biss", u "min irid l-informazzjoni, jekk irid jitgħallem il-Malti".

U dan iġibni għall-punt tal-politika lingwistika li nemmen li hija l-problema numru wieħed f'Malta fejn jidħol l-użu tal-lingwa, u hija l-kawża tad-diżgwid li ġieli jinqala' u li konna xhieda tiegħu waqt il-kriżi tal-COVID-19.

Minkejja l-bilingwiżmu kif stabbilit fil-Kostituzzjoni, għadu mhux ċar liema lingwa trid tintuża, f'liema kuntesti u meta. U l-kriżi kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 serviet biex xeħtet ftit dawl fuq dan.

Nieħdu, ngħidu aħna s-sitwazzjoni li semmejna qabel fejn jidħlu l-konferenzi stampa, dik tal-mistoqsijiet mill-ġurnalisti li jsiru bl-Ingliż. Dan mhux fatt li beda jseħħ issa. Kien ilu jiġi nnutat li f'dawn l-aħħar snin, kien hemm numru ta' ġurnalisti li jirrappreżentaw il-gazzetti stampati bl-Ingliż (li, irridu nammettu, huma l-aktar moqrija) li jpoġġu l-mistoqsijiet tagħhom dejjem bl-Ingliż, minkejja li għal għexieren ta' snin il-konferenzi stampa tal-gvern Malti, speċjalment fejn jitkellem xi ministru, dejjem bil-Malti saru. Madankollu, huwa fatt ukoll li f'pajjiżi fejn tintuża aktar minn lingwa waħda huwa normali li jkun hemm ġurnalisti li jistaqsu mistoqsijiet bil-lingwi differenti tal-post. Il-prassi normalment hi li min ikun qiegħed iwieġeb, iwieġeb bil-lingwa li biha ssirlu l-mistoqsija. F'Malta, minkejja li, kif rajna, il-Kostituzzjoni saħansitra tobbliga lill-awtoritajiet li jużaw l-istess lingwa li biha jiġu indirizzati, dan huwa injorat għalkollox u tintuża l-lingwa li jippreferi min ikun qiegħed iwieġeb.

Kien hawn min qal li t-tqegħid tal-mistoqsijiet bl-Ingliż minn xi ġurnalisti huwa qżież jew tgħawwiġ tal-ħalq bi snobbiżmu. Fl-opinjoni tiegħi, mhu xejn minn dan. Ir-raġuni sempliċi nemmen li hija li f'Malta jeżisti grupp ta' nies, minoranza mdaqqsa, li ma tuża l-Malti xejn. La d-dar, la fil-familja, la fost il-ħbieb u lanqas fuq ix-xogħol. U f'dawn l-aħħar snin, hekk kif l-ambjent ġurnalistiku kiber, persuni f'dan il-grupp bdew deħlin ukoll fil-ġurnaliżmu, ma' ġurnali li fuq kollox il-lingwa tagħhom hi l-Ingliż. Jidher li dawn il-ġurnali ma jitolbux li min jidħol bħala ġurnalist magħhom irid ikun ukoll jaf jesprimi ruħu bil-Malti, anki mitkellem. F'pajjiż bilingwi bħal Malta, dan jidhirli li huwa nuqqas. Imma huwa nuqqas li ġej mill-fatt li ma teżistix politika tal-lingwa.

Imbagħad hemm aspett ieħor. Jidher li fl-aħħar snin qiegħed ikun hemm użu aktar frekwenti tal-Malti fejn tidħol il-komunikazzjoni interna bejn id-diversi dipartimenti tal-Gvern. Imma meta jridu jipproduċu rapporti tekniċi jew xjentifiċi, dawn isiru tista' tgħid esklużivament bl-Ingliż. U lanqas ma jkun hemm traduzzjoni tagħhom. Nieħdu l-baġit ta' kull sena. Għalkemm id-diskors programmatiku jsir fil-Parlament naturalment bil-Malti, id-dokumenti tiegħu, bħalma huma l-Estimi nfushom u l-Economic Survey joħorġu bl-Ingliż biss.[6] Meta, imbagħad,

> ***Minkejja l-bilingwiżmu kif stabbilit fil-Kostituzzjoni, għadu mhux ċar liema lingwa trid tintuża, f'liema kuntesti u meta***

ngħidu aħna, joħroġ xi rapport tekniku u ssir konferenza stampa dwaru, aktar iva milli le, din issir bil-Malti, anki jekk ir-rapport innifsu jkun bl-Ingliż biss.

Jidhirli li dan kollu jirrifletti s-sitwazzjoni ġenerali fil-pajjiż, inkluż fl-iskejjel, fejn għalkemm uffiċjalment, hemm ċerti suġġetti li jiġu mgħallma bl-Ingliż, u oħrajn bil-Malti, fil-prattika, speċjalment fl-iskejjel tal-Istat, tintuża taħlita ta' Malti u ta' Ingliż waqt l-ispjega tal-għalliem. Anki jekk, imbagħad, l-eżerċizzji bil-kitba normalment ikunu bil-lingwa li biha suppost huwa mgħallem is-suġġett. Din hija sitwazzjoni ta' kaos. U l-kaos rari jagħmel ġid.

Il-kwistjoni tal-politika tal-multilingwiżmu f'Malta, li tkun tista' ġġib xi forma ta' ordni f'din is-sitwazzjoni, għadha qatt ma bdiet tiġi diskussa bis-serjetà f'Malta. U, issa li f'Malta

[6] https://tinyurl.com/BudgetMT2020

*Din hija sitwazzjoni ta' kaos. U l-kaos rari jagħmel ġid*

hemm sezzjoni tal-popolazzjoni li tikkonsisti minn ħaddiema barranin, hemm bżonnha aktar minn qatt qabel, sew għall-protezzjoni tal-lingwa Maltija (għalkemm dwar dan għandna diġà liġi speċifika), kif ukoll għad-drittijiet lingwistiċi ta' kull membru tal-komunità li tgħix Malta.

Tkun tista', forsi, twassal biex jiġu definiti b'mod ċar x'inhuma d-drittijiet lingwistiċi tal-Maltin. Għandu dritt ċittadin Malti f'Malta jirċievi l-informazzjoni kollha li għandu bżonn (inklużi rapporti tekniċi) bil-Malti, jekk jitlobha? Għandu dritt dan iċ-ċittadin li fuq il-mezzi tax-xandir nazzjonali jkollu aċċess anki għal programmi b'lingwi oħra, sottotitolati bil-Malti? Mill-banda l-oħra, ċittadin Malti li ma jafx bil-Malti, jew inkella resident ta' Malta li ma jkunx ċittadin, għandu d-dritt li jirċievi informazzjoni bl-Ingliż, meta tqis li din hija wkoll lingwa uffiċjali? X'għandha tkun ir-relazzjoni bejn l-Ingliż u l-Malti bħala lingwi uffiċjali? Għandha teżisti ġerarkija bejniethom, jew ikunu ndaqs? U xi tfisser eżatt meta ngħid li l-Malti hu l-lingwa nazzjonali? Mad-daqqa t'għajn, dan donnu jfisser li l-Malti għandu pożizzjoni ogħla mill-Ingliż. Imma mbagħad għaliex il-Malti huwa nieqes, kif rajna, fejn jidħlu rapporti tekniċi uffiċjali u anki minn ħafna attivitajiet kulturali, anki uffiċjali?

Naturalment huwa fatt ukoll li, sa fejn naf jien, ħadd qatt ma ttestja l-Artikolu 5(2) tal-Kostituzzjoni fil-Qorti, dwar jekk dan jimponix xi obbligu fuq l-Istat li jipprovdi dejjem l-informazzjoni biż-żewġ lingwi uffiċjali. Ngħidu aħna, li kieku xi ċittadin Malti kellu jitlob kopja bil-Malti ta' xi rapport tekniku tal-Gvern, xi tkun ir-risposta tal-awtoritajiet?

Nagħlaq b'dan l-eżempju: ir-Regolamenti dwar it-Tikketti u l-Ippakkettjar ta' Prodotti Mediċinali (Kap. 458 tal-Liġijiet ta' Malta) jistipulaw, fir-Regolament 10, li "Il-partikolaritajiet dwar it-tikkettjar elenkati fir-regolamenti 3, 7 u 9 għandhom jidhru f'lingwa uffiċjali jew fil-lingwi uffiċjali ta' Malta."[7] Jiġifieri, anki hawn, min qed ibigħ jew jipproduċi l-prodott mediċinali jista' jagħżel il-lingwa uffiċjali li jrid, u jużaha. M'hemm l-ebda obbligu li liċ-ċittadin, l-informazzjoni trid tingħatalu fiż-żewġ lingwi uffiċjali. Naħseb li l-punt għamiltu.

Tony Gaffiero huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea

[7] http://justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=11271&l=2




Illustratur: Peter Magro minn https://www.facebook.com/pmagro11/




# Il-Kanonku Fortunato Panzavecchia – 1797-1850 – Raġel ta' Kultura u Qaddej tal-Patrija

Dan hu t-titlu ta' pubblikazzjoni dwar il-Kanonku Panzavecchia li ħarġet fl-2019. L-awtur, **David Agius Muscat**, ġie intervistat għal *l-aċċent* minn **Alan Delia**.



**Fortunato Panzavecchia mhux isem magħruf 'il barra miċ-ċrieki tal-istudju tal-Malti. Dan hu fatt sfortunat meta wieħed iqis l-attività bla hedu, il-firxa ta' interessi u l-viżjoni li kellu. Xi tqis li kienu l-kisbiet ewlenin ta' Panzavecchia li għalihom għandu jibqa' mfakkar?**

Panzavecchia kellu firxa wiesgħa ta' interessi. Għall-prattiċità se naqsamhom fi tnejn. L-ewwel, l-interessi spiritwali u reliġjużi li wassluh biex jordna qassis. Għas-saċerdozju u biex jilħaq avukat tal-Knisja tħarreġ akkademikament. It-tieni, l-interessi li kellu fir-riċerka storika,

fl-ilsna, fil-ġurnaliżmu u fl-edukazzjoni. Huwa biżżejjed li wieħed iħares lejn is-serjetà li addotta biex jittrattahom biex jiddetermina l-kwalitajiet għolja ta' dan il-persunaġġ. Hawnhekk qed nirreferi l-aktar għall-kotba li ppubblika fuq l-istorja ta' Malta u fuq l-ilsien Malti. Panzavecchia kien ukoll pijunier fl-edukazzjoni popolari lokali. Huwa mhux biss fetaħ l-ewwel istitut skolastiku għat-tfal il-foqra tat-Tlett Ibliet, imma kien ukoll l-ewwel direttur tal-iskejjel primarji ta' Malta u Għawdex.

**Panzavecchia kellu għal qalbu ħafna l-istorja ta' pajjiżna u l-ilsien Malti. Kif inhu rifless dan l-interess fil-kitbiet tiegħu?**

Naħseb li kollox ma' kollox l-ikbar interessi ta' Panzavecchia kienu l-istorja ta' Malta u l-ilsien Malti. L-interess ġenwin li kellu fl-istorja ta' Malta narawh fl-għadd kbir ta' noti manuskritti li kiteb u li jinsabu fl-Arkivju tal-Katidral ta' Malta, l-Imdina. Narawh fil-ktieb *L'Ultimo Periodo della Storia di Malta sotto il Governo dell'Ordine Gerosolimitano* (1835). Is-singolarità ta' dan il-ktieb tidher fil-fatt li Panzavecchia ma qagħadx biss fuq tagħrif li kienu kitbu kittieba oħrajn qablu. Qalleb fid-dokumenti oriġinali u fuq kollox fittex il-kelma tax-xjuħ li kienu għadhom jiftakru ż-żminijiet li ried jikteb fuqhom. Fil-ktieb tiegħu ma ppubblikax kulma qara u kulma sema'. Beża' li jekk jagħmel hekk kien se jirfes il-kallijiet ta' wħud li kienu għadhom ħajjin. Imma fir-riċerka tiegħi sibt in-noti manuskritti tiegħu mhux iċċensurati. Dawn jitfgħu dawl fuq ġrajjiet li ma konniex nafuhom. Biżżejjed insemmi għadd ta' fatti ġodda fuq il-konfoffa tal-1797 kontra l-Ordni minn fomm wieħed mill-protagonisti tagħha stess: Mikiel Anton Vassalli.

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-Malti, Panzavecchia kiteb grammatika sinjifikattiva għal żmienha. Għall-ewwel darba l-element Taljan fil-Malti ġie studjat daqskemm ġie studjat l-Għarbi. Mhux biss. Biha Panzavecchia ried jikkodifika l-Malti fl-iskejjel lokali. Ried ukoll jgħallem il-prinċipji tal-grammatika lit-tfal Maltin biex isibuha eħfef jitgħallmu ilsna oħrajn. Barra l-grammatika, Panzavecchia medd idejh fuq żewġ dizzjunarji tal-Malti, wieħed etimoloġiku u l-ieħor frażjoloġiku. Madankollu, minħabba li l-mewt ħasditu ħesrem – kien għad kellu 53 sena – huwa ma laħaqx ħareġ ix-xogħlijiet sħaħ. Ħareġ biss l-ewwel faxxiklu ta' kull dizzjunarju. B'xorti ħażina, illum dawn iż-żewġ pubblikazzjonijiet ma jinstabu mkien. Madankollu, fil-ktieb tiegħi qed inġib għall-ewwel darba traskrizzjoni tal-abbozzi manuskritti tad-daħliet tagħhom.

**Il-Kanonku Panzavecchia kien ta kontribut importanti wkoll fil-qasam tal-ġurnaliżmu. Kif tivvaluta dan il-kontribut, speċjalment fid-dawl tal-fatt li meta daħal fix-xena Panzavecchia, il-libertà tal-istampa f'Malta kienet fl-infanzja tagħha?**

Fil-bidu tas-seklu 19 f'Malta kienet teżisti kontroversja sħiħa fuq jekk kellhiex tingħata l-libertà tal-istampa. Panzavecchia mill-ewwel wera ruħu favuriha. Din l-orjentazzjoni jista' jkun li kienet influwenzata mill-fatt li kien bniedem ta' moħħ miftuħ, bil-għatx mhux biss biex jikseb l-għarfien għalih innifsu imma wkoll biex dan l-għarfien jgħaddih lil ħaddieħor. Jista' jkun li kien influwenzat ukoll minn sieħbu Giorgio Mitrovich, tamparu u Senglean bħalu. Hi kif inhi, Panzavecchia kien l-ewwel Malti li ppubblika f'ismu ġurnal politiku bil-permess tal-Gvern ftit xhur biss qabel ma ngħatat il-libertà tal-istampa. Il-ġurnal jismu *Lo Spettatore Imparziale* (1838). Madankollu dan il-ġurnal ma niżilx tajjeb ma' kulħadd. Wara biss ftit ħarġiet tiegħu l-Knisja, bi ftehim mal-Vatikan, għafset lil Panzavecchia biex ma jibqax joħroġ dan il-ġurnal. Panzavecchia kellu jbaxxi rasu imma, mhux kuntent, sfida din id-deċiżjoni u wara ftit ġimgħat beda joħroġ il-ġurnal *Brighella – Ossia Miscellanea Gaulo-Melitense*. Did-darba ħaseb



Litografija tal-Kanonku Fortunato Panzavecchia (1797 - 1850) Id-Dipartiment tal-Istorja, l-Università ta' Malta



Wieħed mill-manuskritti ta' Panzavecchia
L-arkivju tal-Katidral ta' Malta, l-Imdina

aħjar li ma jġibx ismu fih u sal-lum kulħadd kien jaħseb li dan il-ġurnal kien joħorġu Dun Ġużepp Zammit, imlaqqam Brighella. Fil-ktieb tiegħi qed inġib l-ewwel ħarġa stampata ta' dan il-ġurnal li sibtha fl-*Archivio Segreto del Vaticano*.

**L-istudju li ppubblikajt dwar dan il-persunaġġ storiku kien jistrieħ ħafna fuq riċerka dokumentata. Tgħidilna xi ħaġa dwar il-proċess tar-riċerka tiegħek, id-diffikultajiet li ltqajt magħhom u kif irnexxielek issolvihom?**

Panzavecchia għandu 144 manuskritt. Dawn jinsabu lkoll fl-Arkivju tal-Katidral, l-Imdina. Fihom hemm ftit iktar minn 40,000 folja.

Hi kif inhi, din ir-riċerka ħaditli mal-ħmistax-il sena. Bdejt mill-ewwel folja tal-ewwel manuskritt. Ktibt in-noti fuqha u minn hemm għaddejt għat-tieni folja. Bqajt sejjer hekk, folja wara folja, manuskritt wara ieħor, sakemm dort il-manuskritti kollha. Minn hemm għaddejt għat-tieni stadju, jiġifieri li ndomm it-tagħrifiet kollha f'ordni kronoloġika. Fl-istess ħin laħħamt fejn stajt b'tagħrifiet oħrajn li sibthom f'dokumenti f'arkivji pubbliċi u privati, u ġurnali u kotba kontemporanji. Proċess li, kif għedt, ħadli ħafna snin u li għalih ridt is-sabar u fuq kollox l-appoġġ tal-ġenituri tiegħi u tal-ħbieb. Hawnhekk insemmi b'ħajr lil Dr Olvin Vella, lill-Prof. Manwel Mifsud, u lill-assistent arkivista tal-Katidral Mario Gauci. Insemmi b'ħajr ukoll lid-diriġenti tal-Horizons li ħadu ħsieb id-disinn u l-pubblikazzjoni sabiħa ta' dan ix-xogħol.

**Ħafna minna tradutturi u mingħajr ma rridu ninteressaw ruħna meta nsiru nafu li xi ħadd bħal Panzavecchia kien traduttur ukoll.**

Iva, Panzavecchia kien traduttur ukoll. Ma kienx jaqleb il-liġijiet kif tagħmlu tajjeb intom, niftiehmu, anke jekk darba minnhom kiteb li jkun aħjar jekk il-liġijiet isiru bil-Malti wkoll, biex hekk jifhimhom kulħadd. Imma apparti dan, Panzavecchia qaleb għadd ta' kotba tal-Iskrittura Mqaddsa. Minn dawn laħaq stampa l-ewwel faxxiklu tal-Ġenesi biss li ħarġu fl-istamperija privata tiegħu. Fil-ktieb inġib tagħrif fuq dawn it-traduzzjonijiet u ritratti ineditti ta' abbozzi ta' qxur ta' kotba mitlufin.

David Agius Muscat huwa lettur fil-Junior College

# Min aħna, u x'nagħmlu

## Il-korrispondenti tat-taħriġ

Marija Agius u Sylvana Chiaruttini

EU Learn

F'dinja kkaratterizzata minn bidliet kontinwi, il-bżonn li nitħarrġu u niżviluppaw il-ħiliet tagħna fuq il-post tax-xogħol qiegħed kulma jmur dejjem jikber. Il-Kummissjoni Ewropea ilha li għarfitu dan, tant li llum għandha għad-dispożizzjoni tagħha tim ta' uffiċjali responsabbli għat-taħriġ u l-iżvilupp tal-impjegati tagħha. Dan huwa rifless ukoll fid-DĠT, u d-Dipartiment tal-Malti għandu l-korrispondenti tat-taħriġ tiegħu li flimkien mal-kapijiet u mal-korrispondenti l-oħra jieħdu ħsieb l-oqsma neċessarji għall-iżvilupp tal-ħiliet fid-Dipartiment.

Biex wieħed ikun traduttur tajjeb, mal-kompetenza lingwistika jrid jorbot ir-riċerka tematika u terminoloġika, l-għarfien tas-software li jeħtieġ biex jagħmel xogħlu, u l-ħiliet neċessarji biex jikkomunika tajjeb mal-kollegi. Għaldaqstant, kull sena jinħema pjan ta' taħriġ li jinqasam fuq diversi binarji. It-tradutturi tal-Kummissjoni jitħarrġu mhux biss mill-aspett lingwistiku, iżda wkoll minn aspetti oħra. Il-korsijiet jieħdu diversi forom: daqqa jkunu seminar, daqqa f'ambjent ta' workshop u tul dawn l-aħħar xhur anki online, fuq bażi ta' inizjattiva individwali. Huwa minnu li dawn il-korsijiet ilhom ftit li ġew introdotti, iżda jekk qatt kien hemm sitwazzjoni fejn inħass il-bżonn tagħhom, kienet proprju l-pandemija tal-COVID-19, li bagħtitna lkoll id-dar, naħdmu u nistudjaw mill-bogħod!

Id-dipartiment tat-taħriġ tal-Kummissjoni kontinwament joffri taħriġ tematiku u terminoloġiku. F'kollaborazzjoni ma' diversi universitajiet, isiru korsijiet speċjalizzati f'diversi oqsma, ngħidu aħna d-dritt tal-Unjoni, it-taxxa u t-tassazzjoni, l-agrikultura, u l-finanzi. Dan isir skont it-tbassir tax-xogħol li jkollna, sabiex wieħed jiffamiljarizza ruħu ma' kunċetti speċifiċi qabel ma jibda jaħdem fuq it-traduzzjonijiet. Il-korrispondenti tad-dipartiment, xogħolhom huwa li jinfurmaw lid-Dipartiment b'dan it-taħriġ, u jipproponu x'korsijiet ġodda jistgħu jiġu offruti, abbażi tal-ħtiġijiet tad-Dipartiment, u tat-tbassir tax-xogħol. Id-Dipartiment tal-Malti jistieden regolarment lil bosta esperti mill-Università ta' Malta, mill-Kunsill tal-Malti u minn setturi oħra biex jaġġornawna u jgħaddulna fehmiethom dwar xogħolna u dwar kif nistgħu ntejbuh u norqmuh. Dan għaliex minkejja li nissejħu 'tradutturi' dak li nipproduċu fil-fatt huwa test ta' awtentiċità parallela mat-test

kif imfassal fil-lingwa oriġinali mill-awtur. Għaldaqstant, f’każ ta’ kontestazzjoni quddiem il-qrati Maltin huwa t-test bil-Malti li jintuża bħala test ta’ referenza. Għaldaqstant dak li nipproduċu jrid ikun mhux biss ta’ kwalità tajba lingwistikament, iżda wkoll jirrifletti bil-Malti l-ħsieb tal-awtur. Minbarra s-seminars mill-professuri minn universitajiet mill-UE kollha, isir ukoll taħriġ tematiku u terminoloġiku minn uffiċjali interni tal-Kummissjoni.

Xogħol it-traduttur illum ma jistax isir iktar mingħajr it-teknoloġija. Minbarra s-software tat-traduzzjoni stess, naħdmu bil-bażijiet tad-data tat-termini, u niddependu wkoll mill-memorji ta’ xogħolna stess (u mit-traduzzjoni awtomatizzata) biex inlaħħqu mal-volum ta’ xogħol li jkollna kull sena. Huwa importanti li t-traduttur, minbarra ħakma b’saħħitha tal-lingwi u tar-regoli interni, ikun profiċjenti wkoll fl-għodda li mistenni jaħdem biha. Dawn l-aħħar snin, ingħatat importanza kbira għat-tisħiħ tal-kompetenzi teknoloġiċi fid-DĠT. Tul is-sena kollha, jiġu organizzati korsijiet qosra utli fix-xogħol ta’ kuljum tat-traduttur.

Ta’ spiss naħsbu li t-traduttur huwa xi ħadd li jinqafel iħarbex f’xi uffiċċju mudlam. Fil-każ tat-tradutturi tal-Kummissjoni, il-verità hija pjuttost differenti. Il-komunikazzjoni hija fundamentali għal xogħolna. Il-korrispondenti tat-taħriġ jieħdu t-titjib tal-komunikazzjoni bejnietna bis-serjetà, kemm f’dak li għandu x’jaqsam strettament mad-dokumenti u mar-regoli interni tat-traduzzjoni, kif ukoll il-komunikazzjoni soċjali, fid-dipartiment u lil hinn minnu. Għaldaqstant, tul is-sena, isiru diversi korsijiet li jsaħħu l-ħiliet tagħna biex naħdmu u ninteraġixxu b’mod effettiv. Barra minn dan, darba kull sentejn norganizzaw ġurnata mimlija attivitajiet għall-kollegi kollha tad-Dipartiment tal-Malti tat-traduzzjoni proprju bl-iskop li apparti t-tfassil tal-miri tad-dipartiment għal dik is-sena, intejbu r-relazzjonijiet tagħna fuq il-post tax-xogħol, bil-għan – u bit-tama – li nitgħallmu minn xulxin u li nżommu ruħna motivati għal sena oħra ta’ traduzzjoni.

Sylvana Chiaruttini





Marija Agius



Marija Agius u Sylvana Chiaruttini huma tradutturi mal-Kummissjoni Ewropea

# X'tgħid eżatt Jokasta?

## Analiżi lingwistika ta' tliet traduzzjonijiet bil-Malti ta' silta minn *ΟΙΔΙΠΟΥΣ ΤΥΡΑΝΝΟΣ* (Edipu s-Sultan) ta' Sofokle

Carmel Serracino

Qed insegwi b'interess kbir l-artikli ta' Ivan Said dwar traduzzjonijiet ta' testi Klassiċi fil-Malti.[1] Bħala wieħed li nħobb l-ilsien Malti u lettur tal-Klassiċi fl-Università ta' Malta, u anki traduttur għall-Malti ta' test Klassiku ppubblikat,[2] inħoss li Said qed jagħmel studju mill-iktar siewi f'kamp akkademiku li s'issa kien pjuttost injorat. Bl-artikli riċerkati tiegħu, Said qed juri r-rikkezza u l-ambitu wiesa' ta' dan l-aspett fl-istorja ta' traduzzjonijiet għall-Malti. Min-naħa l-oħra, Said qed jikxef ukoll kemm baqgħalna x'naqdfu jekk irridu li l-Malti jkun mogħni b'vetrina ta' traduzzjonijiet denji tat-testi meqjusin kanoniċi fil-letteratura Klassika.

Fl-artiklu ta' Said li deher f'*l-aċċent* ta' Novembru 2019, laqtitni ħafna t-tabella li fiha l-awtur jagħtina opportunità biex inqabblu verżjoni bl-Ingliż ta' silta qasira mit-traġedja Griega ta' Sofokle, *Edipu s-Sultan* (*ΟΙΔΙΠΟΥΣ ΤΥΡΑΝΝΟΣ*), ma' tliet traduzzjonijiet għall-Malti tal-istess silta. Is-silta tikkorrispondi għal seba' versi (977-983) mill-edizzjoni oriġinali tat-traġedja,[3] imlissna mir-Reġina Jokasta fix-xena tagħha ma' Edipu. Il-verżjonijiet bil-Malti huma ta' Louis Azzopardi (1968), Oliver Friggieri (1989), u Victor Xuereb (1989, b'reviżjonijiet fl-1995 u fl-2001). Dawn it-tliet tradutturi tawna edizzjoni kompluta ta' din it-traġedja – għalkemm waħda biss, dik ta' Friggieri, ġiet ippubblikata.[4] Li għandna tliet traduzzjonijiet differenti ta' traġedja Griega waħda hija diġà xi ħaġa impressjonanti, u aktarx dan jixhed l-istatura letterarja li dejjem gawda dan ix-xogħol.[5]

| **Tqabbil tad-diskors ta' Jokasta minn *Edipu s-Sultan*, il-versi 1068-1078** | |
|---|---|
| *The Oedipus Plays* (*https://www.sparknotes.com/drama/oedipus/*) | *Louis Azzopardi (imtella' għall-ewwel darba fl-1968, qatt ma ġie ppubblikat)* |
| Fear? What should a man fear? It's all chance, chance rules our lives. Not a man on earth can see a day ahead, groping through the dark. Better to live at random, best we can. And as for this marriage with your mother—have no fear. Many a man before you, in his dreams, has shared his mother's bed. Take such things for shadows, nothing at all— Live, Oedipus, as if there's no tomorrow! | Tbażżgħak? Raġel x'għandu x'jambih il-biża'? Ix-xorti tmexxi 'l ħajjitna, u xejn mill-ġejjieni mhu magħruf. Jaqbel li minn jum għall-ieħor ngħixu kif l-aħjar li nistgħu. U dal-ħsieb li tiżżewweġ lil ommok lanqas m'għandu jbażżgħak; mhux l-ewwel wieħed li ħolomha ħaġa bħal din. Ħwejjeġ ta' dix-xorta għandhom jintesew, jekk ta' bilħaqq irridu nġerrħu l-ħajja. |

[1] I. Said (2019) 'Ix-xogħlijiet Klassiċi u l-kitbiet ta' Santu Wistin bil-Malti': l-ewwel parti, *l-aċċent* 18, 53-67; it-tieni parti, *l-aċċent* 19, 51-63.
[2] Aristotli (2012) *Dwar l-arti tal-poeżija: Traduzzjoni ta' Περὶ Ποιητικῆς minn Karmenu Serracino b'introduzzjoni u noti*, Malta Classics Association u BDL books.
[3] It-test Grieg li qed nuża huwa dak ta' Francis Storr (Loeb Classical Library) ipprovdut minn Perseus Digital Library (http://www.perseus.tufts.edu/hopper/text?doc=Perseus:text:1999.01.0191, aċċessat 2 ta' Ġunju 2020). Kummentarji li qdewni fl-analiżi tiegħi kienu dawk ta' R. Jebb (l-ewwel edizzjoni fl-1885) u ta' R.D. Dawe (2006).
[4] O. Friggieri (2008) *Sofokle u Ewripide: Tliet traġedji Griegi*, Pubblikazzjoni Indipendenza.
[5] Pereżempju, minn Aristotli fit-trattat *Dwar l-arti tal-poeżija* (ara nota 2).

| Victor Xuereb (maqlub fl-1989, rivedut fl-1995 u fl-2001, qatt ma ġie ppubblikat) | Oliver Friggieri (imtella' għall-ewwel darba fl-1989, ippubblikat fl-2008) |
|---|---|
| Għax għadek, bħalek, tibża' mill-babaw? Ma tafx li kollox jiġri hekk .. bl-addoċċ u li l-ġejjieni għadu ħadd ma rah? Għix biss il-lum għal-lum: bla ma tħabbel rasek. Toqgħodx lil moħħok tgħabbi b'ħafna biża' li għad tiżżewweġ 'l ommok! Ħafna qablek, lil ommhom ħolmu li jiżżewġu b'marthom! Min l-aktar jarmi dan il-ħolm fil-bogħod, jgħix l-aktar hieni fost kemm hawn bnedmin! | Għala għandna nibżgħu, meta l-bniedem hu mmexxi mix-xorti, u xejn ma jista' jitbassar? Le, għix mingħajr ħsieb u dan jaqbel l-aktar. Għalhekk tibżax dwar iż-żwieġ ma' ommok; ħafna bnedmin oħrajn ġarrbu dil-ħaġa qabel — fil-ħolm li ħolmu. Min jaħseb l-inqas dwar dan, hu l-aħjar li jgħix. |

Ikun interessanti li tara x'differenzi jeżistu bejn it-tliet verżjonijiet kompluti. F'dan l-artiklu, jien ħa nifli t-tliet siltiet li Said silet fl-artiklu tiegħu billi nqabbilhom, mhux mal-verżjoni bl-Ingliż, imma mal-oriġinali Grieg. Għall-fini ta' dan l-istħarriġ, se nikkonċentra fuq dawn il-ftit versi biss. Qed nikkunsidrahom bħala tliet kampjuni li aktarx jirriflettu b'mod sodisfaċenti lill-bqija tat-traduzzjoni rispettiva.

Issa, nafu li l-uniku wieħed mit-tliet tradutturi li kellu għarfien tajjeb tal-Grieg Antik kien Victor Xuereb, li tana t-traduzzjonijiet għall-Malti tal-*Odissea* (1989), l-*Iljade* (1999), u r-*Repubblika* (2008) ta' Platun, fost oħrajn. Il-verżjonijiet ta' Azzopardi u ta' Friggieri, min-naħa l-oħra, it-tnejn saru bi skop ta' produzzjoni teatrali. Wieħed għalhekk jasal biex jippretendi li dik ta' Xuereb, bħala studjuż klassiku li ma kienx direttament immotivat min-neċessitajiet teatrali, ħa tkun l-eqreb waħda lejn l-oriġinal mit-tlieta li huma.

Qabelxejn, ħa nagħti hawn taħt il-verżjoni bil-Grieg tas-silta, flimkien mat-traduzzjoni tiegħi li fiha ppruvajt kemm jista' jkun noqrob lejn l-oriġinal, bi stil prożajku u bla ebda tentattiv biex inkun poetiku.

| | |
|---|---|
| τί δ᾽ ἂν φοβοῖτ᾽ ἄνθρωπος ᾧ τὰ τῆς τύχης κρατεῖ, πρόνοια δ᾽ ἐστὶν οὐδενὸς σαφής; εἰκῆ κράτιστον ζῆν, ὅπως δύναιτό τις. σὺ δ᾽ εἰς τὰ μητρὸς μὴ φοβοῦ νυμφεύματα: πολλοὶ γὰρ ἤδη κἀν ὀνείρασιν βροτῶν μητρὶ ξυνηυνάσθησαν. ἀλλὰ ταῦθ᾽ ὅτῳ παρ᾽ οὐδέν ἐστι, ῥᾷστα τὸν βίον φέρει. | X'għandu x'jibża' bniedem, li fuqu jaħkmu il-ħwejjeġ tax-xorti, u tbassir m'hemm ta' xejn ċar? L-aħjar li tgħix kif jiġi, kif wieħed jista'. Int toqgħodx tibża' dwar iż-żwieġ ma' ommok: Għax ġa ħafna bnedmin, anki fil-ħolm, imteddu ma' ommhom. Imma dak li lilu dal-ħwejjeġ huma bla importanza, hu jgħix ħajtu bl-eħfef mod. |

**Analiżi**

Issa ħa nieħu vers vers, jew aħjar, sentenza sentenza, u taħt il-Grieg se nipproduċi l-verżjoni tiegħi (CS), ta' Azzopardi (LA), ta' Friggieri (OF), u ta' Xuereb (VX).

| 977-8 | τί δ' ἂν φοβοῖτ' ἄνθρωπος ᾧ τὰ τῆς τύχης<br>κρατεῖ, πρόνοια δ' ἐστὶν οὐδενὸς σαφής; |
|---|---|
| CS | X'għandu x'jibża' bniedem, li fuqu jaħkmu il-ħwejjeġ tax-xorti, u tbassir m'hemm ta' xejn ċar? |
| LA | Tbażżgħak? Raġel x'għandu x'jambih il-biża'? Ix-xorti<br>tmexxi 'l ħajjitna |
| OF | Għala għandna nibżgħu, meta l-bniedem<br>Hu mmexxi mix-xorti, u xejn ma jista' jitbassar? |
| VX | Għax għandek, bħalek, tibża' mill-babaw?<br>Ma tafx li kollox jiġri hekk … bl-addoċċ<br>U li l-ġejjieni għadu ħadd ma rah? |

Fil-verżjoni oriġinali, għandna sentenza interrogattiva, b'forza rettorika, li tinqasam fi tlieta: (a) il-mistoqsija diretta, (b) klawsola relattiva, u (ċ) klawsola oħra li telabora l-inadegwatezza tat-tbassir. Fit-traduzzjoni tiegħu, Azzopardi jibda bid-domanda 'Tbażżgħak?' li Jokasta tindirizza direttament lil Edipu, u li, għalkemm effettiva, hija nieqsa mill-oriġinal. Azzopardi mbagħad iħalli barra klawsola (ċ). Friggieri jittraduċi bi qrubija lejn l-oriġinal: jibda fl-ewwel persuna fil-plural, imma jaqleb mill-ewwel għat-tielet persuna fis-singular u hekk jersaq iżjed lejn il-Grieg. Il-verżjoni ta' Xuereb, min-naħa l-oħra, tinħass kollokwa: jintroduċi l-idea tal-'babaw' li, meta mqabbla mal-Grieg, mhix daqshekk flokha, anki minħabba l-konnotazzjoni aktarx leġġera tal-kelma Maltija. Fl-istess ħin, madanakollu, il-kelma 'babaw', u anki l-bqija tas-sentenza kif jittraduċiha Xuereb, tfakkrek f'omm li qed twiddeb lil binha żgħir, għax, pereżempju, ma jridx li jorqod fil-kamra waħdu minħabba l-biża' tal-babaw. Xuereb forsi qed iżid l-ironija iktar milli diġà hemm fil-versi ta' Sofokle: iżjed milli bħala mart Edipu, Jokasta qed titkellem bħala ommu! Xuereb ikompli juża livell kollokwu ta' lingwa anki fit-tieni vers: 'ma tafx li kollox jiġri hekk … bl-addoċċ', addattament pjuttost goff tal-espressjoni ta' Sofokle, fejn is-suġġett huwa 'il-ħwejjeġ tax-xorti', jiġifieri, iċ-ċirkostanzi li huma riżultat tax-xorti. Fl-għażla tal-frażi 'bl-addoċċ', Xuereb donnu qed jantiċipa Εἰκῇ (ara hawn taħt), l-ewwel kelma tal-vers li jmiss.

| 979 | Εἰκῇ κράτιστον ζῆν, ὅπως δύναιτό τις. |
|---|---|
| CS | L-aħjar li tgħix kif tiġi, b'liema mod wieħed jista'. |
| LA | Jaqbel li minn jum għall-ieħor ngħixu kif l-aħjar li<br>Nistgħu. |
| OF | Le, għix mingħajr ħsieb u dan jaqbel l-aktar. |
| VX | Għix biss il-jum għal-lum: bla ma tħabbel rasek. |



Studju għal Oedipus Bids Farewell to Jocasta
Alexandre Cabanel (1823-1889) – Musée Duplessis Valcourt, il-Kanada

Din hi sentenza ta' vers wieħed biss, magħmula minn dikjarazzjoni fil-bidu (a), li magħha tintrabat relattivament klawsola indefinittiva (b). F'dan il-vers jinħass sottilment element ta' kontradizzjoni, li naturalment tilgħab parti importanti fl-andament kollu tad-dramm. F'(a) Jokasta qed tgħid lil Edipu li l-aħjar mod (κράτιστον, superlattiv avverbjali tal-aġġettiv ἀγαθός, 'tajjeb') ta' kif wieħed jgħix huwa *Εἰκῆ*, avverbju li jfisser 'bla pjan, bla ħsieb, bl-addoċċ'. Fit-tieni parti tal-vers, jiġifieri (b), Jokasta qed tissuġġerixxi li wieħed għandu jagħmel l-aħjar li jista' fiċ-ċirkostanzi. Il-verb li tuża hawn huwa δύναιτό, li jagħtina n-nom δύναμις, 'saħħa, ħila, poter', minn fejn aħna writna l-kelma 'dinamika'. Naħseb li l-ikbar sfida għat-traduttur ta' dan il-vers tinsab fil-kelma Εἰκῆ. Fil-verżjoni tiegħi, qed nittraduċi Εἰκῆ bħala 'kif tiġi' (simili għal kif ngħidu 'neħodha kif tiġi'). Azzopardi u Xuereb jużaw żewġ idjomi simili għal xulxin ('minn jum għall-ieħor' u 'il-jum għal-lum' rispettivament), filwaqt li Friggieri jippreferi 'mingħajr ħsieb'. Però donnu li Azzopardi biss, mit-tliet tradutturi tagħna, jagħti interpretazzjoni sodisfaċenti tal-parti (b) tas-sentenza. Jokasta ta' Friggieri tkompli 'dan jaqbel l-aktar', li iktar tirrifletti l-parti (a), filwaqt li Jokasta ta' Xuereb tgħid 'bla ma tħabbel rasek' li tagħti idea differenti, kważi opposta, ta' dak li apparentament trid tfisser Jokasta fl-oriġinali ta' Sofokle.

| | |
|---|---|
| **980** | **σὺ δ᾽ εἰς τὰ μητρὸς μὴ φοβοῦ νυμφεύματα·** |
| CS | Int toqgħodx tibża' dwar iż-żwieġ ma' ommok: |
| LA | U dal-ħsieb li tiżżewweġ lil ommok lanqas<br>M'għandu jbażżgħak; |
| OF | Għalhekk tibżax dwar iż-żwieġ ma' ommok; |
| VX | Toqgħodx lil moħħok tgħabbi b'ħafna biża'<br>Li għad tiżżewweġ 'l ommok! |

Minn ħsibijiet ta' natura ġenerali dwar nuqqas ta' għarfien tal-ġejjieni u l-frugħa tat-tbassir, Jokasta issa tgħaddi għall-kwistjoni speċifika li qed titturmenta lil Edipu. Din is-sentenza qasira hija projbizzjoni indirizzata direttament lil Edipu biex ineħħi l-biża' li għad jiżżewweġ lil ommu, liema biża' kien għadu kemm semma fil-versi preċedenti. L-aktar li joqrob għall-Grieg f'dal-każ huwa Friggieri, li, bħal Sofokle, jillimita t-traduzzjoni tiegħu għal spazju ta' vers wieħed u jesprimih b'mod sempliċi, filwaqt li ż-żewġ tradutturi l-oħra jtawlu l-espressjoni sa nofs il-vers ta' wara – Xuereb, għal darb'oħra, jerġa' jfittex li jkun naturali fit-taħdit u jdaħħal l-idjoma 'lil moħħok tgħabbi', li mhix fil-vers oriġinali; min-naħa l-oħra, wieħed jammira r-ritmu tal-endekasillabu tiegħu (l-istess vers li Xuereb uża biex jittraduċi l-eżametri tal-epiċi Klassiċi). Jokasta ta' Azzopardi tirreferi għal 'il-ħsieb' li qed ibeżża' lil Edipu, meta dik ta' Sofokle donnha hawn qed titkellem dwar biża' iktar reali.

| | |
|---|---|
| **981-2** | **πολλοὶ γὰρ ἤδη κἀν ὀνείρασιν βροτῶν<br>μητρὶ ξυνηυνάσθησαν.** |
| CS | Għax diġà ħafna rġiel, anki fil-ħolm, imteddu ma' ommhom. |
| LA | Mhux l-ewwel wieħed li ħolomha<br>Ħaġa bħal din. |
| OF | Ħafna bnedmin oħrajn ġarrbu dil-ħaġa qabel –<br>Fil-ħolm li ħolmu. |
| VX | Ħafna qablek,<br>lil ommhom ħolmu li jiżżewġu b'marthom! |

Dan huwa vers ieħor diffiċli. Jokasta tidher li qed tipprova tfarraġ lil Edipu billi tgħidlu li, l-istess kif ħafna rġiel xi darba ħolmu li kellhom x'jaqsmu ma' ommhom u wara li stenbħu ntebħu li dik ma kinitx ħlief ħolma, l-istess hu jeħtieġlu jemmen li l-oraklu jista' jiżbalja daqslikieku ħolma, u li għaldaqstant mhux se jseħħ. Il-mod kif Jokasta tesprimi dan iħalli ftit ambigwità peress li tgħidu f'forma ta' dikjarazzjoni (u tuża l-verb fit-temp bil-Grieg imsejjaħ *eristu*, li bħala dispożizzjoni ta' ħin kellu element indefinit); kważi tista' tinftiehem li kienet prattika normali li wieħed jorqod ma' ommu. Hija biss il-frażi κἀν ὀνείρασιν ('*anki* fil-ħolm'), infilsata f'nofs id-dikjarazzjoni, li tikkundizzjona din l-azzjoni bħala limitata għall-ħolm, u, indirettament, bħal fil-każ preżenti, għal oraklu żbaljat. Nistgħu naraw li l-ebda wieħed mit-tliet tradutturi Maltin ma jirriproduċi din is-sottilezza ta' kliem Jokasta – l-iktar wieħed li joqrob huwa Friggieri. Fil-verżjoni ta' Azzopardi, Jokasta donnha qed tindika li Edipu huwa wieħed minn dawk il-bosta rġiel li xi darba raqdu ma' ommhom fil-ħolm. Azzopardi u Friggieri ma jagħtux rendikont tal-frażi μητρὶ ξυνηυνάσθησαν ('imteddu ma' ommhom'), filwaqt li Xuereb, marsus min-neċessità li jimla endekasillabu, jamplifikaha, u hekk jitlef xi ftit jew wisq mill-qawwa tagħha.

| **983-3** | **ἀλλὰ ταῦθ᾽ ὅτῳ παρ᾽ οὐδέν ἐστι, ῥᾷστα τὸν βίον φέρει.** |
|---|---|
| CS | Imma dak li għalih dal-ħwejjeġ huma bla importanza, hu jgħaddi ħajtu bl-eħfef mod. |
| LA | Ħwejjeġ ta' dix-xorta għandhom jintesew,<br>Jekk ta' bilħaqq irridu nġerrħu l-ħajja. |
| OF | Min jaħseb l-inqas<br>Dwar dan, hu l-aħjar li jgħix. |
| VX | Min l-aktar jarmi dan il-ħolm fil-bogħod,<br>Jgħix l-aktar hieni fost kemm hawn bnedmin! |

Jokasta tagħlaq dan id-diskors bi twissija ġenerali. Min iqis lil 'dawn il-ħwejjeġ' bħala xi ħaġa mingħajr importanza (παρ᾽ οὐδέν ἐστι, litteralment 'huma bħal xejn'), huwa jgħix l-aħjar, huwa, litteralment, 'iġorr (φέρει) il-ħajja' bl-eħfef mod. Għal darb'oħra, għandna element ta' ambigwità: bil-kelma ταῦθ', 'dal-ħwejjeġ', għal xiex qed tirreferi propjament Jokasta? Qed tirreferi għall-profeziji tal-oraklu, għal ħolm disturbanti, jew għat-tnejn li huma? Forsi l-aktar li jersaq qrib il-vers Grieg huwa, din id-darba wkoll, Friggieri, li jżomm l-espressjoni sempliċi u fl-istess ħin mhux nieqsa mill-ambigwità. Il-mod kif jittraduċiha Azzopardi ('għandhom jintesew') jista' jindika li l-'Ħwejjeġ' seħħew tabilħaqq, u, għalhekk, jeħtieġ li wieħed jinsiehom ('jintesew'). Xuereb, tipikament, jagħżel espressjoni grafika, 'jarmi dan il-ħolm fil-bogħod'. Għalkemm, bħala metafora, tinħass qawwija wisq, din fil-fatt tista' titqies bħala interpretazzjoni interessanti ta' παρ᾽ οὐδέν ἐστι, peress li t-tifsira radikali tal-prepożizzjoni παρά hija 'fil-ġenb, maġenb' – bħal meta, fil-Parabbola taż-Żerriegħa, xi żerriegħa taqa' παρὰ τὴν ὁδόν 'mal-mogħdija' (Mattew 13:4). Fl-istess ħin, Xuereb jispeċifika 'il-ħolm', u allura ma jirnexxilux jirriproduċi dik l-ambigwità tal-kliem oriġinali.

## Konklużjoni

L-għan ta' dan l-eżerċizzju kien li, permezz ta' kampjun ta' ftit linji biss, jifli r-reqqa letterarja ta' tliet traduzzjonijiet bil-Malti tal-istess traġedja Griega, il-famuża *Edipu s-Sultan* ta' Sofokle. Dan l-eżerċizzju jista' jinħass li kien ftit superfiċjali, peress li eskluda mhux biss l-iskop jew skopijiet wara t-tliet traduzzjonijiet, iżda anki ma ppruvax jagħti mertu lejn l-istil letterarju ta' kull waħda minnhom. Infatti, l-analiżi rigoruża kienet biss dwar kemm kull traduttur kien fidil lejn l-oriġinal Grieg, anki jekk nafu li tnejn minnhom ittraduċew ix-xogħol minn traduzzjonijiet f'lingwi oħra. Minkejja dan, innutajna li kemm Azzopardi u kemm Friggieri rnexxielhom iżommu qrubija rispettabbli ħafna lejn it-test oriġinali Grieg, anki jekk ma kinux jafu l-Grieg tajjeb. Min-naħa l-oħra, anki jekk Victor Xuereb kien studjuż klassiku u li aktarx li qaleb direttament mill-Grieg, xorta stajna ninnutaw l-ironija li, f'xi partijiet, Azzopardi u Friggieri qorbu iktar lejn il-kliem ta' Sofokle.

Fl-aħħar mill-aħħar, ir-riżultat ta' din l-evalwazzjoni huwa li t-tliet tradutturi Maltin, għall-inqas fuq livell lingwistiku, tawna verżjoni leali ħafna lejn id-dramm Grieg, dejjem jekk se niddependu fuq dan il-kampjun. Biex jikkonferma dan, il-qarrej jeħtieġlu biss jagħti titwila lejn il-versi bl-Ingliż li Said irriproduċa wkoll fl-iskeda tiegħu biex jinnota kemm it-traduttur ikkwotat hemmhekk ħa libertajiet li t-tradutturi tagħna tant evitaw.[6]

Dr Carmel Serracino huwa lettur tal-Klassiċi fid-Dipartiment tal-Klassiċi u l-Arkeoloġija fl-Università ta' Malta

[6] Niżżi ħajr lil Ivan Said u lil Brooke Gatt talli qraw dan l-artiklu, ikkummentawli fuqu, u għamlu bosta korrezzjonijiet lingwistiċi.

# Ix-xogħlijiet Klassiċi u l-kitbiet ta' Santu Wistin bil-Malti – it-Tielet Parti

Ivan Said

**Dan hu t-tielet u l-aħħar artiklu mis-sensiela dwar ix-xogħlijiet Klassiċi bil-Malti. L-ewwel tnejn kienu dwar ix-xogħlijiet Griegi u Latini li nqalbu għall-Malti filwaqt li dan hu dwar il-kitbiet ta' Santu Wistin li nqalbu għall-Malti kważi kollha mil-Latin.**

Santu Wistin hu fost l-ewwel ħassieba u kittieba Nsara li nqata' mid-dinja Klassika Rumana filwaqt li uża dak li xorob minnha f'kitbietu. Hu wieħed mill-pilastri tal-filosofija Oċċidentali, imfittex u studjat kemm mid-dinja akkademika lajka kif ukoll dik Nisranija.

"Santu Wistin kellu sehem ewlieni f'kull rinaxximent fl-Oċċident sa minn żmien Karlumanju," jgħidilna Albert C. Outler, teologu Metodista u traduttur ta' *L-Istqarrijiet* għall-Ingliż li jsostni li l-ħsieb Agostinjan insibuh fil-filosofija moderna u saħansitra għadu jinfluwenza t-teoloġija kontemporanja. Santu Wistin għadu jiġi mistħarreġ fl-università u fis-seminarju bħala filosofu u teologu u għadu wkoll jinqara b'mod wiesa' bħala kittieb kreattiv (Frar 1959, p. 214).

Il-Professur Joe Friggieri jsejjaħlu "l-ewwel filosofu kbir tad-dinja Nisranija" (2000, p. 139) filwaqt li Outler iqisu "Nisrani klassiċista li ma ra l-ebda kontradizzjoni fit-termini" (Frar, 1959, p. 214), u jżid jgħid: "Aktar minn kwalunkwe Nisrani ieħor tal-qedem, Santu Wistin kiseb sinteżi vijabbli tal-fidi Nisranija u l-kultura Klassika" (Frar 1959, p. 219). [Il-kwotazzjonijiet ta' Outler huma traduzzjoni tal-awtur.]

### Il-korp letterarju ta' Santu Wistin

Stéphane Gioanni jsejjaħ il-kitbiet ta' Santu Wistin bħala "biċċa xogħol enormi, essenzjali u goffa ... [li] ġew identifikati b'mod metodiku mid-dixxiplu tiegħu San Possidju: madwar 800 prietka, 300 ittra u madwar 100 biċċa xogħol li għandhom post prinċipali fil-kultura tal-Punent." Dan l-istoriku Agostinologu Taljan ikompli jgħidilna li dawn ix-xogħlijiet ġew "magħrufa biss permezz ta' kopji ta' manuskritti medjevali jew moderni. Għalhekk, l-ispeċjalisti [tal-istudji dwar Santu Wistin] ikollhom jinnavigaw qalb l-iżbalji tal-ikkopjar, qalb il-kitba mill-ġdid abbużiva u l-bosta testi li ġew attribwiti ħażin lill-Isqof ta' Ippona: L-awra tiegħu kienet tali li l-attribuzzjoni lil Santu Wistin kienet biżżejjed biex issaħħaħ l-awtorità ta' kwalunkwe psewdoepigrafu miktub. Wara l-isforz kbir editorjali tal-Benedittini



Ritratt ta' Santu Wistin ta' Ippona,
pittura ta' Mattia Preti
li hemm fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti,
il-Belt Valletta

ta' San Mawru sas-seklu sbatax, l-edizzjonijiet suċċessivi għamluha possibbli li llum għandna aċċess għall-biċċa l-kbira tax-xogħlijiet ta' Santu Wistin, arrikkiti bl-iskoperta ta' 27[1] ittra mhux ippubblikati minn Johannes Divjak fl-1974, 26 prietka mhux ippubblikati minn François Dolbeau fl-1990 u testi oħrajn li nstabu dan l-aħħar" [Traduzzjoni tal-awtur] (Ġunju 2018, p. 45).

Il-kitbiet ta' Santu Wistin juru ragħaj li jipprietka bla waqfien u fl-istess ħin kontinwament jiċċaqlaq minn post għall-ieħor biex jipprietka. Kull fejn kien imur, kien ikun akkumpanjat minn segretarji leali li kienu jirreġistraw kulma kien jipprietka (Gioanni, Ġunju 2018, p. 44) u hu bis-saħħa t'hekk li ħafna minn dawn il-prietki salvaw, għaddew minn ġenerazzjoni għall-oħra u waslu għandna.

## It-tradutturi prinċipali Maltin

It-tradutturi prinċipali Maltin tax-xogħlijiet ta' Santu Wistin huma **Valentin Vince Barbara** (29 ta' Marzu 1920-6 ta' Mejju 2004) u **r-Rev. Professur Salvinu Caruana** OSA (28 ta' Diċembru 1949-). Kif turi l-lista ta' hawn taħt, dawn it-tnejn tawna l-maġġorparti tat-traduzzjonijiet tax-xogħlijiet ta' Santu Wistin li għandna ppubblikati bil-Malti, bl-akbar ammont jagħtihulna Barbara. It-traduzzjonijiet kollha saru mil-Latin, il-lingwa oriġinali, bl-eċċezzjoni ta' *Id-Diskors tal-Mulej fuq il-Muntanja* (1999) li Barbara qalbu mit-Taljan.

Imwieled Bormla, Barbara ssieħeb mad-Dumnikani fl-1936 u qaddes fl-1942. Dan it-traduttur prolifiku tana ħafna xogħlijiet bil-Malti miġjuba mill-Ebrajk, mill-Grieg, mil-Latin, mill-Ingliż, mill-Franċiż, mit-Taljan u mill-Ispanjol. Ħafna mix-xogħlijiet li qaleb huma reliġjużi, liturġiċi u Bibliċi iżda tana wkoll għadd ta' xogħlijiet letterarji importanti bħal *Ġulju Ċesri* (1970) ta' William Shakespeare u *Dar ta' Pupa* (1990) ta' Henrik Ibsen, it-tnejn mill-Ingliż, *Il-Lukandiera* (1992) ta' Carlo Goldoni u *Għaxar Snin Ħabs: L-Ittri ta' Silvio Pellico* (2001), it-tnejn mit-Taljan. Mill-Grieg fl-1984 tana *L-Erba' Evanġelji, L-ittri ta' San Ġwann u ta' San Ġakbu* u *L-Apokalissi*. Kien membru tal-Għaqda Biblika Maltija (Schiavone, 2009, pp. 176-177). Fl-awtobijografija tiegħu Barbara jgħid li l-perjodu li f'ħajtu tah "l-aqwa sodisfazzjon" (2003, p. 11) kien proprju dak ta' wara l-Konċilju Vatikan II, meta l-Knisja Kattolika f'Malta qabbditu, flimkien ma' tradutturi oħrajn, biex jaqleb ħafna mil-liturġija mil-Latin għall-Malti.




Hu jistqarr li f'dan iż-żmien kien "fgat bix-xogħol, mhux biss bit-traduzzjonijiet liturġiċi u Bibliċi, imma l-iżjed bir-responsabbiltà". Minkejja li f'Ġunju 1974 il-kontribut tiegħu ġie rikonoxxut mill-Vatikan bid-dekorazzjoni *Pro Ecclesia et Pontifice*, dan ix-xogħol voluminuż, flimkien ma' nuqqas ta' komprensjoni mis-superjuri tiegħu, ikkawżalu għeja kbira u f'Ottubru tal-1974 telaq għall-Awstralja għal dik li suppost kienet btala twila. Fil-fatt din serviet ta' opportunità biex jibda ħajja ġdida: ħajja lajka li wasslitu wkoll biex jiżżewweġ lil Agnes Leong fil-5 ta' Settembru 1976 (2003, pp. 15-17).

[1] Fil-verità nstabu 29 ittra: Ara *Wistin l-Imħallef – Il-ħidma ġudizzjarja tal-Isqof f'Ippona. Id-29 Ittra Divjak.*

| Ix-Xogħlijiet ta' Santu Wistin u oħrajn dwaru tradotti bil-Malti* | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Is-sena tat-traduzzjoni | It-titlu | | L-awtur oriġinali | Il-lingwa sors (u s-sena tal-pubblikazzjoni tax-xogħol oriġinali fejn pertinenti) | It-traduttur Malti |
| | Bl-Ingliż - u bil-Latin fejn pertinenti | Bil-Malti | | | |
| 1946 | *The Confessions of Saint Augustine [Confessiones]* | *Il-Qrariet ta' Santu Wistin – L-Ewwel Ktieb* | Santu Wistin | Il-Latin (Bejn 397 u 400 WK) | Valentin Vince Barbara |
| 1953 | *The Confessions of Saint Augustine [Confessiones]* | *Il-Qrariet ta' Santu Wistin – It-Tieni u t-Tielet Ktieb* | Santu Wistin | Il-Latin (Bejn 397 u 400 WK) | Valentin Vince Barbara |
| Frar 1956-Nov. 1963 *(Santa Rita – Perjodiku Agostinjan)* | *The Confessions of Saint Augustine [Confessiones]* | *L-Istqarrijiet ta' S. Wistin L-1el sat-3et Ktieb (Kap. I-VIII)* | Santu Wistin | Il-Latin (Bejn 397 u 400 WK) | Karmenu Vassallo u P. Ugolino Gatt OSA |
| 1981 | *Rule of St. Augustine [Regula Sancti Augustini]* | *Regula ta' Santu Wistin* | Santu Wistin | Il-Latin (400 WK) | Ferdinand Xuereb OSA |
| 1987 | *Rule of St. Augustine [Regula Sancti Augustini]* | *Ir-Regola ta' Santu Wistin (verżjoni mqassra)* | Santu Wistin | Il-Latin (400 WK) | Dr Joe Calleja |
| 1989 | *The Confessions of Saint Augustine [Confessiones]* | *L-Istqarrijiet* | Santu Wistin | Il-Latin (Bejn 397 u 400 WK) | Valentin Vince Barbara |
| 1992 | *Rule of St. Augustine [Regula Sancti Augustini]* | *Santu Wistin – Ir-Regula* | Santu Wistin | Il-Latin (400 WK) | Dumink Portelli OSA |
| 1992 | *On Christian Teaching* [De doctrina christiana] | *It-Tagħlim Nisrani*** | Santu Wistin | Il-Latin (I-III: 396 WK, IV: 426 WK) | Valentin Vince Barbara |
| 1992 | *The Life of Saint Augustine [Vita Augustini]* | *Il-Ħajja ta' Wistin*** | San Possidju | Il-Latin (madwar 439 WK) | Valentin Vince Barbara |
| 1992 | | *Kronoloġija ta' l-Opri ta' Santu Wistin*** | | Il-Latin | Valentin Vince Barbara |
| 1995 | *Chronologia operum Sancti Augustini secundum ordinem Retractationum digesta* | *Kronoloġija ta' l-opri ta' Santu Wistin skond it-tagħrif tar-Ritrattazzjonijiet* | Serafin Zarb OP | Il-Latin (1933-34) | Valentin Vince Barbara |
| 1996 | *The City of God Against the Pagans [Dē cīvitāte Deī contrā pāgānōs]* | *Il-Belt ta' Alla (2 volumi)* | Santu Wistin | Il-Latin (Fil-bidu tas-seklu 5 WK) | Valentin Vince Barbara |
| 1999 | *Our Lord's Sermon on the Mount [De Sermone Domini in monte]* | *Id-Diskors tal-Mulej fuq il-Muntanja* | Santu Wistin | It-Taljan (397-426 WK) | Valentin Vince Barbara |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 2003 | *Chronologia tractatuum S. Augustini in Evangelium primamque Epistolam Ioannis Apostoli* | *Kronoloġija tat-trattati ta' Santu Wistin fuq l-Evanġelju u l-1 Ittra ta' San Ġwann Appostlu* | Serafin Zarb OP | Il-Latin (1934) | Valentin Vince Barbara |
| 2003 | *On Christian Teaching* *[De doctrina christiana]* | *It-Tagħlim Nisrani* *Opra ta' Stu Wistin* *Isqof ta' Ippona* *b'noti dwar ħajtu mid-dixxiplu tiegħu S. Possidju Isqof ta' Kalama**** | Santu Wistin | Il-Latin (I-III: 396 WK, IV: 426 WK) | Valentin Vince Barbara |
| | | *Il-Ħajja ta' Wistin pp i-xxxiii* | San Possidju | | |
| 2004 | *On Christian Teaching* *[De doctrina christiana]* | *It-Tagħlim Nisrani* | Santu Wistin | Il-Latin (I-III: 396 WK, IV: 426 WK) | Valentin Vince Barbara |
| 2004 | *Some of St Augustine's Sermons on St John the Baptist including Sermon No. 3, discovered by François Dolbeau in 1990 [De Voce et Verbo]* | *Il-Leħen u l-Kelma* *Il-priedki 287-293, 379-380, 307-308,* *3 (Dolbeau)* | Santu Wistin | Il-Latin | Salvinu Caruana OSA |
| 2005 | *The Life of Saint Augustine* *[Sancti Augustini Vita]* | *San Possidju Isqof ta' Kalama –* *Il-Ħajja ta' Wistin* | San Possidju | Il-Latin | Salvinu Caruana OSA |
| | | *Il-Priedki 355 u 356 u l-Ittra 213 ta' Santu Wistin, Isqof ta' Ippona* | Santu Wistin | | |
| 2012 | *Letters by St Augustine discovered by Johannes Divjak in 1974, known as the Divjak Letters* | *Wistin l-Imħallef –* *Il-ħidma ġudizzjarja tal-Isqof f'Ippona.* *Id-29 Ittra Divjak.* | Santu Wistin | Il-Latin | Salvinu Caruana OSA |
| 2017 | *Rule of St. Augustine [Regula Sancti Augustini]* | *Ir-Regula ta' Santu Wistin* | Santu Wistin | Il-Latin 400 WK | Salvinu Caruana OSA |
| 2020 | *Ten Homilies On The Epistle Of John To The Parthians* *[In Epistolam Joannis Ad Parthos Tractatus Decem]* | *Waħda u Sħiħa hija l-Imħabba* | Santu Wistin | Il-Latin | Francis Calleja OSA |

* Il-lingwa oriġinali tal-kitbiet kollha elenkati hawn hija l-Latin.

** Qatt ma sibt kopja ta' dawn il-kotba iżda huma elenkati fost it-traduzzjonijiet mil-Latin li Barbara ppubblika fl-1992 fil-lista li hemm fin-nota bijografika fi Schiavone, 2009, pp. 176-177. *Kronoloġija ta' l-Opri ta' Santu Wistin* wisq probabbli huwa t-traduzzjoni tal-ktieb ta' Zarb tal-1933-34 u mhux traduzzjoni tal-*Indiculum opera Sancti Augustini* ta' San Possidju iżda Schiavone ma jagħtix ħjiel.

*** Din l-edizzjoni tinkludi *Il-Ħajja ta' Wistin ta' San Possidju, Isqof ta' Kalama.*

Meta bejn l-1948 u l-1964 Barbara kien għalliem fil-Kulleġġ ta' San Albert il-Kbir, għal xi żmien kellu lil Caruana bħala student tas-sekondarja. Imwieled Ħaż-Żabbar, Caruana ssieħeb mal-Agostinjani fl-1967 u kien il-Papa Pawlu VI li ordnah saċerdot fl-1975 f'Ruma. Studja fl-Università ta' Malta u fl-*Augustinianum* f'Ruma. Caruana pprovda l-istudji introduttorji għal ħafna mit-traduzzjonijiet Agostinjani bil-Malti. Fl-1991, Caruana beda jgħallem fid-Dipartiment tal-Filosofija tal-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta iżda fl-1993 inħatar lecturer tal-Patroloġija u l-Istorja tal-Knisja fil-Fakultà tat-Teoloġija fejn wara sar professur tat-teoloġija (Schiavone, 2009, p. 496). Caruana hu Agostinologu per eċċellenza mfittex għat-tagħlim tiegħu dwar Santu Wistin kemm f'Malta kif ukoll fl-Ewropa. Sa mill-2002, huwa membru tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Istudji tal-Ordni Agostinjan. Bħalissa hu rtirat fil-Kunvent tal-Agostinjani l-Belt fejn qed jiddedika ħajtu u ħinu kollu fil-kitba u t-traduzzjoni għall-Malti tax-xogħlijiet Agostinjani.




### Ir-riskju tal-użu tal-lingwa pont fit-traduzzjoni

Fl-awtobijografija tiegħu, Barbara jirrakkonta żewġ inċidenti żgħar fix-xogħol tiegħu bħala traduttur tal-Knisja Kattolika f'Malta. Wieħed minnhom jista' jifttħilna għajnejna dwar ir-riskju tal-użu ta' test b'lingwa pont li tintuża fix-xogħol tat-traduzzjoni minflok il-lingwa oriġinali. Wara l-Konċilju Vatikan II, il-Knisja f'Malta ħtiġilha taqleb għall-Malti t-testi liturġiċi mil-Latin, xogħol li kien qed jagħmel Barbara: "Fl-1970 qlibt ir-riti kollha tat-Tridu Mqaddes tal-Għid. It-test Latin uffiċjali kien għadu ma wasalx, u t-traduzzjoni għamiltha minn fuq dik Taljana. Inzerta li t-Taljani bi żball ħallew barra lil San Lawrenz fil-Litanija tal-Qaddisin. Jien ma kontx naf li dan sar bi żball, u 'l San Lawrenz ħallejtu barra jien ukoll. U jien kont Dumnikan fil-kunvent tal-Birgu, fejn hemm żewġ partiti ħorox kontra xulxin: ta' San Lawrenz (ta' isfel) u ta' San Duminku (ta' fuq). Kulħadd kien jaf li t-testi liturġiċi kont qed naqlibhom jien, ta' isfel akkużawni li lil San Lawrenz ħallejtu barra apposta bi spirtu partitarju, u l-Arċipriet irrappurtani lis-segretarju tal-Kongregazzjoni tal-Kult. Dan fissirlu x'ġara, u aktar tard ikkoreġejt l-iżball li għamilt bla ma kelli ħtija" (2003, pp. 13-14). Slitt dan l-inċident peress li fiż-żewġ artikli preċedenti rajna li ħafna mix-xogħlijiet Klassiċi bil-Malti ma nqalbux mill-ilsien oriġinali (ara *l-aċċent* Marzu 2019, p. 53 u Fenech, 2011, p. 81) iżda mil-lingwa pont. Madankollu dan ma jgħoddx għat-traduzzjonijiet kollha li qed jissemmew f'dan l-artiklu.



Valentin Vince Barbara



Rev. Professur Salvinu Caruana OSA

**Kotba muftieħ dwar Santu Wistin**

Hemm żewġ kotba dwar Santu Wistin, maqlubin mil-Latin għall-Malti, li mingħajrhom id-dinja akkademika kien ikunilha ħafna aktar diffiċli li tifhem il-ħajja u l-kitbiet ta' Santu Wistin. L-ewwel ktieb huwa *Vita Augustini* miktub minn San Possidju, l-Isqof ta' Kalama (illum Guelma, l-Alġerija) u għal 40 sena ħabib ta' Santu Wistin u dixxiplu tiegħu. Dan inqaleb għall-Malti darbtejn, l-ewwel darba minn Barbara bħala *Il-Ħajja ta' Wistin* (żewġ edizzjonijiet, 1992[2] u 2003 fi ktieb wieħed ma' *It-Tagħlim Nisrani*) u t-tieni darba nqaleb minn Caruana bħala *Il-Ħajja ta' Wistin* (2005). *Vita Augustini* flimkien ma' *L-Istqarrijiet* jitfa' ħafna dawl fuq ħajjet Santu Wistin. Lil San Possidju jiġi attribwit ukoll *Indiculum opera Sancti Augustini*, lista tal-kitbiet ta' Santu Wistin.






[2] Bqajt ma sibtx kopja ta' din l-edizzjoni imma nsibuha elenkata fost it-traduzzjonijiet mil-Latin li Barbara ppubblika fl-1992 fil-lista li hemm fin-nota bijografika fi Schiavone, 2009, pp. 176-177. Aktarx li dan hu l-istess ktieb li hemm integrat f'*It-Tagħlim Nisrani – Opra ta' Stu Wistin Isqof ta' Ippona – b'noti dwar ħajtu mid-dixxiplu tiegħu S. Possidju Isqof ta' Kalama* tal-2003, ktieb ippubblikat mill-awtur stess fi Blacktown NSW, l-Awstralja li Schiavone ma jelenkax u li kopja tiegħu sibtha fil-Librerija tal-Melitensia tal-Università ta' Malta.





SERAFIN M. ZARB O.P.

KRONOLOĠIJA
TA' L-OPRI TA' STU WISTIN

skond it-tagħrif
tar-Ritrattazzjonijiet

Traduzzjoni ta'
Val V. Barbara

Blacktown, N.S.W., Awstralja
1995

Minħabba dan l-artiklu, kelli x-xorti li nżur lil Patri Salvinu fil-librerija enormi personali tiegħu fil-Belt.

| **Tqabbil tal-istess silta minn Il-Ħajja ta' Wistin: L-1el inċiż tat-2ni Kapitlu tal-1el Taqsima** | |
|---|---|
| **<u>Bil-Latin:</u> *Vita sancti Aurelii Augustini*, S. Aurelii Augustini OPERA OMNIA – editio latina, http://www.augustinus.it/latino** | **<u>Bl-Ingliż:</u> *Life of Saint Augustine written by the Bishop Possidius*, translated by Herbert Theberath Weiskotten, https://www.ccel.org** |
| Moxque ex intimis cordis medullis spem omnem quam habebat in saeculo, dereliquit; iam non uxorem, non filios carnis (Rom 9, 8), non divitias, non honores saeculi quaerens; sed Deo cum suis servire statuit, et in illo, et ex illo pusillo grege esse studens, quem Dominus alloquitur, dicens: Nolite timere, pusillus grex, quoniam complacuit Patri vestro dare vobis regnum. Vendite quae possidetis, et date eleemosynam: facite vobis sacculos non veterascentes, thesaurum non deficientem in coelis (Lc 12, 32), et cetera | And soon from his inmost heart he relinquished all earthly desires, no longer seeking wife, children of the flesh, riches or worldly honors. But he determined to serve God with His saints, desiring to be in and of that little flock to which the Lord spoke, saying, "Fear not, little flock, for it is your Father's good pleasure to give you the kingdom. Sell that ye have and give alms; provide yourselves bags which wax not old, a treasure in the heavens that faileth not," and so on. |
| **<u>Bil-Malti:</u> *Il-Ħajja ta' Wistin*, Salvinu Caruana OSA, 2005, Provinċja Agostinjana, Malta, p. 83** | **<u>Bil-Malti:</u> *Il-Ħajja ta' Wistin*, Valentin Vince Barbara, 2003, Blacktown, N.S.W. l-Awstralja, p. iv** |
| F'qasir żmien minn ġewwa l-qiegħ nett ta' qalbu huwa ċaħad għal kull tamiet ta' din id-dinja. Bla ma fittex aktar mara u lanqas ulied mill-ġisem, lanqas ġid, kif ukoll xi ġieħ ta' din id-dinja, imma qatagħha li jaqdi lill-Alla flimkien ma' ta' daru, jixtarr kif kien sejjer ikun wieħed minn dik il-merħla li lilha l-Mulej qal: "La tibżgħax, merħla ċkejkna, l-għaliex Missierkom ried jagħtikom is-saltna. Biegħu dak kollu li għandkom u agħtuh lill-fqar: agħmlu għalikom boroż li ma jiqdimux, teżor li ma jiġi qatt nieqes fis-smewwiet," u l-bqija tal-kliem. | Bla telf ta' żmien neħħa minn qiegħ qalbu kull tama li kellu fid-dinja. Ma baqax ifittex li jiżżewweġ u jkollu l-ulied, ċaħad l-għana u l-ġieħ tal-art, ried jaqdi 'l Alla u lill-qaddejja tiegħu, u ħabrek biex ikun wieħed mill-membri ta' dik il-merħla ċkejkna li l-Mulej qalilhom: "Tibżgħu xejn, merħla ċkejkna, għax Missierkom għoġbu jagħtikom is-saltna. Bigħu ġidkom u agħtuh karità, u fittxu għalikom infuskom boroż li ma jitmermrux, teżor li ma jiġix nieqes fis-sema". |

"Il-*Ħajja* ta' Stu Wistin," jikteb Caruana, "miktuba minn ħabibu San Possidju mhix xhud biss u għajnuna għal min ikun irid jaf aktar dwar l-ordni kronoloġika tal-opri ta' Stu Wistin minħabba li huwa fassal il-magħruf *Indiculum* tal-opri tal-Qaddis, imma sfat ukoll l-għajn ewlenija wkoll għall-*Ħajja* tal-Isqof t'Ippona. Possidju ħallielna ħjiel eżatt u komplut tax-xogħol letterarju li Santu Wistin ħalla ġewwa l-biblijoteka tiegħu t'Ippona" (2005, p. 12).

It-tieni ktieb bil-Latin inkiteb u ġie ppubblikat minn Patri Serafin Zarb OP (31 ta' Awwissu 1899-7 ta' Marzu 1976), Dumnikan rispettat, biblista u awtorità internazzjonali fuq Santu Wistin, professur tal-Kotba Mqaddsa u l-Ilsna Semitiċi fl-Angelicum ta' Ruma (1936-1939) u professur tat-Teoloġija Dommatika fil-Fakultà tat-Teoloġija tal-Università ta' Malta (1943-1965) (Schiavone, 2009, pp. 1703-1706). *Chronologia operum Sancti Augustini secundum ordinem Retractionem digesta*, ippubblikat għall-ewwel darba f'sensiela ta' papers fil-ġurnal akkademiku *Angelicum* bejn l-1933 u l-1934, inqaleb għall-Malti minn Barbara wkoll bħala *Kronoloġija ta' l-opri ta' Santu Wistin skond it-tagħrif tar-Ritrattazzjonijiet.* Iż-żewġ kotba tar-*Ritrattazzjonijiet* li Santu Wistin tana fi xjuħitu bejn l-426 u l-428 huma speċi ta' reviżjoni li l-qaddis Afrikan għamel tat-trattati tiegħu stess. Għaldaqstant Zarb sejjes *Chronologia operum S. Augustini* fuq ir-*Ritrattazzjonijiet* u fuq *Vita Augustini* u l-*Indiculum* u ħareġ bil-kronoloġija datata tax-xogħlijiet li titfa' dawl ulterjuri fuq il-ħajja tal-qaddis.



Rev. Professur Serafin Zarb OP

F'komunikazzjoni privata bil-miktub miegħi, il-Professur Caruana, student ta' Zarb meta kien qed jitħejja biex isir saċerdot, spjegali għala *Chronologia operum S. Augustini* fid-dinja tal-Agostinoloġija hu importanti ħafna: "Dan ix-xogħol ta' Zarb hu wisq importanti għaliex hu rnexxielu, għall-ewwel darba, jiddata x-xogħlijiet kollha ta' Santu Wistin elenkati fl-*Indiculum* skont ir-*Ritrattazzjonijiet.* Għaldaqstant għandna idea pjuttost ċara mhux biss ta' x'kiteb u ppubblika Santu Wistin iżda wkoll għandna kronoloġija datata ta' ħajtu. Fid-dinja tal-istudju ta' Santu Wistin dan ix-xogħol hu aċċettat bħala awtorità indiskutibbli u ngħid għalija, nitmeżmeż meta nara xi studju dwar ix-xogħlijiet u/jew il-ħajja ta' Santu Wistin mingħajr referenza għal dan il-ktieb ta' Zarb marbut mar-*Ritrattazzjonijiet*. Madanakollu, illum, din ta' Zarb mhix l-aħħar kelma dwar id-datazzjoni tal-opri ta' Santu Wistin, fost l-oħrajn, minħabba s-sejba ta' xogħlijiet oħra tal-qaddis, bħall-*Ittri* li Johannes Divjak sab fl-1974 u l-*Priedki*, li François Dolbeau sab fl-1990, u, li Zarb ma laħaqx studja [Zarb miet fl-1976]. Barra minn hekk, kien hemm min merieh."










Zarb, fost il-ħafna kitbiet bil-Latin li tana dwar Santu Wistin, tana l-ktejjeb *Chronologia tractatuum S. Augustini in Evangelium primamque Epistolam Ioannis Apostoli* li nqaleb għall-Malti minn Barbara wkoll bħala *Kronoloġija tat-trattati ta' Santu Wistin fuq l-Evanġelju u l-1 Ittra ta' San Ġwann Appostlu*. Zarb stabbilixxa wkoll is-sena tal-konsagrazzjoni ta' Santu Wistin bħala Isqof fil-paper li ppubblika fl-*Angelicum* fl-1933 *De Anno Consecrationis Episcopalis Sancti Augustini.*

### *L-Istqarrijiet*

*L-Istqarrijiet* huma d-djalogu ta' Santu Wistin mal-Ħallieq. Fl-ewwel disa' kotba Santu Wistin jitkellem dwar ħajtu tal-passat, speċjalment dwar il-ħajja laxka li kien jgħix u dwar xi dnubiet li jgħid li wettaq u jieqaf bil-mewt ta' ommu Monika li kienet l-ixprun tal-konverżjoni tiegħu għall-Kristjaneżmu. Fl-għaxar ktieb jitkellem dwar iż-żmien. "Il-kotba ħdax, tnax u tlettax huma l-frott ta' waħda mill-bosta drabi li Wistin ried ifisser l-ewwel paragrafi tal-ewwel ktieb tal-Kotba Mqaddsa, tal-Ġenesi" (Caruana, 2008, p. 208). Skont Gioanni *L-Istqarrijiet* jimmarkaw it-twelid tal-awtobijografija fid-dinja Latina: "Santu Wistin ma beżax jirrikonoxxi l-iżbalji tiegħu, id-dgħufijiet tiegħu, il-mistħija tiegħu, il-vulnerabilità tiegħu, dan kollu 'l bogħod mill-kodiċi tal-unur tradizzjonali Ruman"[3] (Ġunju 2018, p. 39).

### *Il-Qrariet ta' Santu Wistin*

L-ewwel tentattiv biex jinqalbu l-*Confessiones* għall-Malti sar minn Barbara fl-ewwel snin tiegħu bħala Dumnikan: fl-1946 ħareġ *Il-Qrariet ta' Stu Wistin – L-Ewwel Ktieb* u fl-1953, *It-Tieni u t-Tielet Ktieb*. "Sal-1953 kont ippubblikajt it-traduzzjoni tal-ewwel tliet kotba tal-*Confessiones* (*L-Istqarrijiet*) ta' Stu Wistin," jikteb Barbara fl-awtobijorafija tiegħu. "Minn fuq xi wħud mill-kittieba Maltin ta' dik il-ħabta kienet għaddejja mewġa ta' safiżmu[4] li minnha ddakkart jien ukoll. Meta rajt li ma kellix ħila nsib dejjem għeruq Maltin biex infisser il-moħħ Latin ta' Stu Wistin qtajt qalbi; din kienet l-aqwa raġuni, jekk mhux l-unika, biex ma komplejtx dan ix-xogħol" (2003, p. 9).




Fl-introduzzjoni għall-Ewwel Ktieb il-Kavallier Ġużè Galea jikteb: "F'din it-traduzzjoni wieħed iħoss li t-traduttur ma qalebx biss għall-Malti x-xogħol ta' Santu Wistin, iżda għaraf ukoll f'din it-traduzzjoni tiegħu jnissel xrara min-nar ta' ħeġġa li ħeġġeġ l-oriġinal. Jidher ukoll li l-lehma tal-poeżija għenet lil Patri Valentin f'din il-biċċa xogħol li għalkemm proża wieħed iħoss fiha l-ħrara u l-ħeġġa, il-ġmiel u s-seħer tal-poeżija" (Barbara, 1946, pp. 5-6).




Ir-reċensuri laqgħu tajjeb il-pubblikazzjoni ta' *Il-Qrariet*: Dwar l-Ewwel ktieb, Ġużè Aquilina kiteb li "l-awtur ħaqqu tifħir għall-ħila li wera fit-traduzzjoni biex irodd f'ilsienna mhux biss il-ħsieb imma wkoll l-istil u l-atmosfera tal-oriġinal." (1946, p. 126) U dwar it-Tieni u Tielet Ktieb, il-poeta Dun Frans Camilleri qal: "Ħadt gost naqra *Il-Qrariet* għax, barra mill-ħsieb, it-traduttur irnexxielu jżomm u jagħtina l-istil u t-ton tal-kitba ta' Santu Wistin stess"(1953, p. 121).

### *L-Istqarrijiet* fil-perjodiku *Santa Rita*

Patri Ugolin Gatt OSA (4 ta' Lulju 1908-7 ta' Ġunju 1987) u l-poeta Karmenu Vassallo (18 ta' Marzu 1913-7 ta' April 1987) qalbu għall-Malti *L-Istqarrijiet* ta' Santu Wistin, mill-Ewwel Ktieb sal-Kapitlu VIII tat-Tielet Ktieb, li xxandru f'sensiela ta' partijiet fil-perjodiku Agostinjan *Santa Rita* bejn Frar 1956 u Novembru 1963.



Barbara meta kien Dumnikan
fi żmien it-tbigħ ta' Il-Qrariet

[3] Silta miġjuba mill-Franċiż.
[4] F'din is-sensiela rajna traduttur Dumnikan ieħor li ddakkar minn dan is-safiżmu, P. Albert M. Grech OP, ara *l-aċċent* Marzu 2019, pp. 57- 59.

Gatt kien jgħallem lil Vassallo l-Patristika, l-istudji dwar il-Missirijiet tal-Knisja Kattolika, fil-Kunvent ta' San Mark, ir-Rabat meta dan tal-aħħar kien qed jistudja biex isir patri tal-MSSP (Zammit Marmarà, 2012, p. 258). Jidher li dawn it-tnejn minn dejjem kellhom il-ħsieb li jaħdmu flimkien fuq din it-traduzzjoni. Il-proposta ta' Vassallo kienet li jaqilbuha kompletament għall-Malti u jippubblikawha taħt isimhom fi ktieb imma l-editur ta' *Santa Rita* ma xtaqx li din it-traduzzjoni ma tidhirx fil-perjodiku tiegħu. Gatt jikteb hekk lil Vassallo, wara li tal-ewwel iddeċieda li jieqaf jittraduċi:

> *Ti ricordi? Ti proposi di stampare la traduzione intera sotto il tuo nome ed il mio senza attendere il periodico 'Santa Rita'. Tu eri contento, ma Padre Alfonso [Farrugia] mi disse che se fossero state stampate o pubblicate le 'Confessiones' separattamente, il periodico avrebbe perduto di importanza. Oggi l'avrei già tradotte tutte nonostante le grosse difficoltà di alcuni libri delle 'Confessiones', specialmente gli ultimi tre. Ti confesso che non ho abbandonato l'idea ancorché t'avessi ceduto la paternità della traduzione pubblicata sul 'Santa Rita'.* (ed. Mifsud, 1982, pp. 149-150).



Karmenu Vassallo (taħt) u P. Ugolin Gatt OSA (lemin) f'dak iż-żmien li qalbu *L-Istqarrijiet*



Għalhekk għall-ewwel kien Gatt li kien jaqleb għall-Malti t-test Agostinjan u jikteb in-noti filwaqt li Vassallo jagħmillu l-editjar u jirranġalu l-ortografija mgerfxa tiegħu u jġibha kważi perfetta skont kif titlob il-grammatika tal-Malti li nużaw illum għajr għall-aġġornamenti żgħar li saru fiha minn dak iż-żmien 'l hawn.




Is-sigla li kienet tintroduċi l-partijiet tas-sensiela tradotti

L-akbar ħasra ta' din it-traduzzjoni hi li ma tkomplietx – waslet biss sal-Kapitlu VIII tat-Tielet ktieb – meta l-intenzjoni oriġinali kienet li jiġu stampati *L-Istqarrijiet* kollha mill-bidu sal-aħħar (ed. Mifsud, 1982, p. 49). Ftit qabel ma bdiet is-sensiela, Gatt "beda jokkupa l-katedra tal-Filosofija fil-Kulleġġ Teoloġiku Nazzjonali tal-Agostinjani" f'Tolentino, l-Italja (*Santa Rita*, April 1956, p. 76). Wara l-Ewwel Ktieb, huwa waqaf jittraduċi peress li "il-kariga tiegħu ta' Professur tal-Filosofija f'Tolentino ma tħallilux ħin liberu" (*Santa Rita*, Jannar 1959, p. 76). Hu baqa' jikteb in-noti ta' qiegħ il-paġna. Mid-dehra Vassallo fl-editjar kien qed ibiddel ħafna mit-test maqlub tant li Gatt bilkemm seta' jgħid li t-traduzzjoni tabilħaqq kienet tiegħu. Vassallo, ta' poeta li kien, kien moħħu li joħloq biċċa xogħol letterarja mit-traduzzjoni filwaqt li Gatt kien moħħu li joħroġ il-ħsieb u l-espressjoni vera ta' Santu Wistin. Wara li kienet diġà dehret it-traduzzjoni kollha tal-Ewwel Ktieb taħt isem Gatt, f'ittra tal-24 ta' Novembru 1958, it-traduttur Agostinjan qal lil Vassallo, fost affarijiet oħra, li:

> *Tu correggevi la mia traduzione, cercando di rendere maltese l'espressione. Troppo giusto. Però ti interessava di fare un'opera letteraria, anche questo e' lodevolissimo. Perciò guardavi la forma, mentri a me interessava la fedeltà del pensiero e dell'espressione agostiniana* (ed. Mifsud, 1982, p. 150).

Għaldaqstant il-vera raġuni għala Gatt ma riedx ikompli jittraduċi kienet li ma riedx jieħu l-isem għal xogħol li kważi m'għamilx hu. Il-patri Agostinjan kien iqatta' ħafna ħin fit-traduzzjoni ta' dawn it-testi biex imbagħad l-editjar ta' Vassallo kien ibiddillu l-bixra kollha ta' dak kollu li jkun qaleb. Għaldaqstant, f'ġieħ l-onestà u r-rettezza, Gatt iddeċieda li jċedi postu ta' traduttur lil Vassallo biex b'hekk jagħmel ix-xogħol kollu hu imma jieħu wkoll il-mertu kollu hu tat-traduzzjoni:

*Io pensai che mentri tu ti affaticavi sulla mia traduzione per darle una bella veste, del mio rimaneva poco nulla ed il 'prosit' lo prendevo io. Per quale ragione, allora, ho detto tra me, devo sciupare le ore, i giorni ed i mesi sulla traduzione delle* Confessiones*? Per farmi un nome sulle spalle altrui? Tu avresti potuto sempre dire (e con giustizia) che quella traduzione è tua. Che figura farei io in tale caso? In conclusione, per Amore dell'onestà e della rettitudine, decisi di cedere il mio posto a te, che rispetto ed ammiro come ho ammirato sempre* (ed. Mifsud, 1982, p. 150).

F'ittra oħra tat-12 ta' April 1959, Gatt qal lil Vassallo: *"Io so che lei ha il grande desiderio di pubblicare la traduzione delle '*Confessiones*' in maltese, e vorrebbe fare un'opera di letteratura maltese. Ha ragione"* (ed. Mifsud, 1982, p. 153).

Nuqqas kbir ta' din it-traduzzjoni hu li t-tradutturi ma jgħidux jekk qalbux *L-Istqarrijiet* mil-lingwa oriġinali, jiġifieri l-Latin, jew minn xi lingwa sors oħra u fuq liema edizzjoni mxew. Dan hu difett li qed niltaqa' miegħu ta' spiss fir-riċerka tiegħi.

L-ittra li Gatt kiteb lil Vassallo fl-1958 tagħtina x'nifhmu li Vassallo uża *Le Confessioni di Santo Aurelio Agostino* li l-Kanonku Enrico Bindi ħareġ f'Firenze fl-1864, biex kiteb mill-ġdid ħafna mit-traduzzjoni ta' Gatt: "*Perciò rifacevi la mia traduzione su quella del Bindi, chè ottima ma un pò libera*" (ed. Mifsud, 1982, p. 150). Din tista' tindika li Gatt, biex jittraduċi l-Ewwel Ktieb, la uża l-edizzjoni ta' Bindi u lanqas xi edizzjoni oħra Taljana imma aktarx uża xi test Latin, speċjalment meta nafu, skont il-Prof. Caruana OSA, li l-Latin kien jafu sewwa. Indikazzjoni li ssaħħaħ din it-teorija narawha fit-tieni nota ta' qiegħ il-paġna tat-Tielet Ktieb, maqlub minn Vassallo. Gatt ħass il-bżonn li jġib il-vers oriġinali bil-Latin għax aktarx ra diskrepanza bejn dak li qaleb Vassallo u dak li kiteb Santu Wistin. Din turina żewġ affarijiet: li Gatt kien jimxi mal-oriġinal Latin anke meta qed jikteb in-noti u li l-qlib ta' Vassallo hu eqreb tal-verżjoni Taljana, li tindika li l-Poeta tan-Nirien uża l-edizzjoni ta' Bindi biex jittraduċi t-Tieni u t-Tielet Ktieb.

Vassallo tana traduzzjonijiet oħra, l-akbar fosthom hija *Ġrajja ta' Żewġt Ibliet*, traduzzjoni mill-Ingliż ta' *A Tale of Two Cities* ta' Charles Dickens li ħariġha fl-1950 (Zammit Marmarà, 2012, p. 345). Ma jidhirx li Gatt qatt tana traduzzjonijiet oħra bil-Malti.

| **Tqabbil tal-ewwel vers ta' Kap. I, Ktieb III, magħżul u kkummentat minn Gatt** | | |
|---|---|---|
| Enrico Bindi | *Venni a Cartagine, e mi ci sentii bollire d'impuri amori com' entro la brace.* | *Le Confessioni di Santo Aurelio Agostino*, 1864, p. 74 |
| Karmenu Vassallo | Mort Kartaġni, u hemm qalbi sfatli qisha nħasa tbaqbaq u bi mħabbiet faħxin. | *Santa Rita*, April, 1960, p. 69 |
| Bil-Latin mogħtija minn Gatt | *Veni Carthaginem, et circumstrepebat me undique sartago flagitiosorum amorum* | *Santa Rita*, April, 1960, p. 69, nota 2 |
| Maqluba minn Gatt mil-Latin | Mort Kartaġni, u hemm beda jfexfex madwari minn kull naħa t-taġen ta' mħabbiet moqżieża | *Santa Rita*, April, 1960, p. 69, nota 2 |



Manuskritt ta' xi noti ta' qiegħ il-paġna miktubin minn Patri Ugolin Gatt OSA li dehru fit-Tieni Kapitlu tat-Tieni Ktieb tat-traduzzjoni ta' *L-Istqarrijiet*. Ħajr Marcel Zammit Marmarà.




### *L-Istqarrijiet* ta' Barbara

Fl-1989 Barbara għamel it-tieni tentattiv biex jaqleb il-*Confessiones* u rnexxielu jaqlibhom kollha iżda din id-darba semmiehom *L-Istqarrijiet* u jispjega għaliex: "Fl-ewwel tliet kotba t-titlu tal-ktieb *Confessiones* kont qlibtu '*Il-Qrariet*': did-darba għamiltu '*L-Istqarrijiet*'. S. Wistin fi ktieb ieħor tiegħu jgħid li l-istqarrija ssir sew minn min ifaħħar u sew minn min hu niedem, u dan hu sewwasew li jagħmel hu fil-ktieb tiegħu. Il-kelma Latina *confessio* ma tfissirx biss qrara fis-sens li nifhmu aħna, iżda tiġbor fiha t-tifħir u l-indiema, żewġ tifsiriet magħżulin minn xulxin iżda li għandhom rabta kbira bejniethom, għax kif jgħid l-istess qaddis, meta l-bniedem iċanfar lilu nnifsu għal ħtijietu jkun qed ifaħħar 'l Alla. B'dan l-isem li hu ta lill-ktieb tiegħu S. Wistin jagħtina d-dawl biex naraw aħjar l-iskop li għalih kitbu" (1989, pp. vii-viii). Fil-preżentazzjoni tat-traduzzjoni ta' *Id-Diskors tal-Mulej fuq il-Muntanja* (1999) naqraw li "Fl-1995 Barbara għamel reviżjoni sostanzjali ta' din it-traduzzjoni [ta' *L-Istqarrijiet*] tiegħu skont l-eżiġenzi attwali" (1999, p. 5). Il-verżjoni reveduta qatt ma ġiet ippubblikata.

**Tqabbil tal-istess silta minn *L-Istqarrijiet*: L-1el inċiż tal-Kapitlu 5 tat-Tieni Ktieb**

| ***Bil-Latin*: Augustini Confessiones, Knöll's editio minor, 1898, http://faculty.georgetown.edu/jod/latinconf/latinconf.html** | ***Bl-Ingliż:* The Confessions of St. Augustine of Hippo, *J. G. Pilkington,* Edinbugh, *1876, pp. 30-31*** | ***Bil-Malti:* L-Istqarrijiet, Val. V. Barbara, 1989, Provinċja Agostinjana, Malta, pp. 43-44** |
|---|---|---|
| Etenim species est pulchris corporibus, et auro et argento et omnibus, et in contactu carnis congruentia valet plurimum, ceterisque sensibus est sua cuique accommodata modificatio corporum; habet etiam honor temporalis et imperitandi atque superandi potentia suum decus, unde etiam vindictae aviditas oritur: et tamen in cuncta haec adipiscenda non est egrediendum abs te, domine, neque deviandum a lege tua. et vita, quam hic vivimus, habet inlecebram suam, propter quendam modum decoris sui, et convenientiam cum his omnibus infimis pulchris. amicitia quoque hominum caro nodo dulcis est propter unitatem de multis animis. propter universa haec atque huius modi peccatum admittitur, dum inmoderata in ista inclinatione, cum extrema bona sint, melior et summa deseruntur, tu, domine deus noster, et veritas tua et lex tua. habent enim et haec ima delectationes, sed non sicut deus meus, qui fecit omnia, quia in ipso delectatur iustus, et ipse est deliciae rectorum corde. | There is a desirableness in all beautiful bodies, and in gold, and silver, and all things; and in bodily contact sympathy is powerful, and each other sense hath his proper adaptation of body. Worldly honour hath also its glory, and the powerof command, and of overcoming; whence proceeds also the desire for revenge. And yet to acquire all these, we must not depart from Thee, O Lord, nor deviate from Thy law. The life which we live here hath also its peculiar attractiveness, through a certain measure of comeliness of its own, and harmony with all things here below. The friendships of men also are endeared by a sweetbond, in the oneness of many souls. On accounts of all these, and such as these, is sin committed; while through an inordinate preference for these goods of a lower kind, the better and higher are neglected, — even Thou, our Lord God, Thy truth, and Thy law. For these meaner things have their delights, but not like unto my God, who hath created all things; for in Him doth the righteous delight, and He is the sweetness of the upright in heart. | Il-ħwejjeġ sbieħ, deheb u fidda u kull ħaġa oħra, għandhom il-ġmiel tagħhom. Fissens tal-mess, l-aqwa ħaġa hi meta l-ħwejjeġ li jmissu 'l xulxin ikunu jaqblu bejniethom. Hekk ukoll is-sensi l-oħra, kull wieħed jaħdem skont ma l-oġġett tiegħu jagħtih. Anki l-ġieħ ta' did-dinja u l-qawwa tas-setgħa u l-ħakma għandhom is-sabiħ tagħhom, u minħabba f'hekk ġie li titnissel ukoll ix-xewqa tal-vendetta. Iżda biex niksbu dan kollu ma għandniex nitbiegħdu minnek, Mulej, anqas ma għandna niksru l-liġi tiegħek. Il-ħajja tagħna hawnhekk għandha s-seħer tagħha wkoll, minħabba dik is-sbuħija li hi tagħna, bħas-sbuħijiet iż-żgħar l-oħra kollha tal-art. Ir-rabta għażiża ta' mħabba bejn il-bnedmin għandha l-ħlewwa tagħha, għax tgħaqqad ħafna rwieħ bejniethom. Iżda minħabba f'dawn il-ħwejjeġ kollha u oħrajn bħalhom aħna nidinbu għax il-ġibda tagħna lejhom, ħwejjeġ tal-inqas ġid, ma nżommux il-qies u nitwarrbu minn dak li hu l-aħjar u l-aqwa ġid, minnek, Mulej Alla tagħna, mis-sewwa tiegħek u l-liġi tiegħek. Hu minnu li dawn il-ħwejjeġ tal-inqas ġid iġibu huma wkoll xi hena, iżda mhux bħal dak li jiġi minn Alla tiegħi, li għamel kollox, għax fih jithenna l-ġust u hu l-hena ta' kull min hu qalbu sewwa. |
| ***Bit-Taljan:* Le Confessioni di Santo Aurelio Agostino, *Enrico Bindi, Firenze, 1864, p. 62*** | ***Bil-Malti:* L-Istqarrijiet ta' S. Wistin, *Santa Rita, Karmenu Vassallo, Awwissu, Malta, 1959, p. 152*** | ***Bil-Malti:* Il-Qrariet ta' Santu Wistin, *Valentin V. Barbara OP, Malta, 1953, p. 8*** |
| Vi hanno cose, come oro, argento e simili, che attirano per la beltà: il tatto gode molto della confacevolezza; e gli altri sensi hanno ciaseuno dai corpi le proprie gradevoli modifieazioni. Anche l'onor temporale, e il comandare e il soprastare ha il suo bello: di qui pure l' amore di far vendetta. Tuttavia nel tener dietro a questi beni, non bisogna partirsi da te, o Signore, nè trapassare la tua legge. Questa vita medesima che viviamo quaggiù ha le sue attrattive per un certo suo bello proprio, e per la proporzione che ha con queste infime bellezze. Il caro nodo dell'amicizia umano ha la sua dolcezza nella unità delle anime. | Hemm ħwejjeġ bħal, ngħidu aħna, ġisem sabiħ, deheb, fidda, u x'naf jien, li jiġbduk meta tarahom; oħrajn jgħaxxquk meta tmisshom; waqt li kull wieħed mill-bqija tas-sensi ssibu jistrieħlek f'dawk il-ħwejjeġ meqjusin għax-xeħti tiegħu. Għandhom ukoll is-sabiħ tagħhom il-ġieħ ta' din id-dinja, u s-setgħa li tikkmanda u tkun fuq oħrajn; u minn dawn jitnissel il-għatx għall-vendetta. Madankollu, aħna u nfittxu dawn il-ħwejjeġ, la għandna nitbiegħdu minnek, Mulej, u lanqas nitwarrbu mil-liġi tiegħek. Il-ħajja nnifisha li ngħixu hawnhekk fiha x'jiġbdek hija wkoll, u dan imħabba l-ħajr li għandha hi fiha nnifisha u mħabba r-rabta li hemm bejnha u l-ħwejjeġ l-oħra li, għalkemm ta' siwi mill-inqas, għandhom il-ġmiel tagħhom. Ir-rabta għażiża li hemm fil-ħbiberija hi ħaġa ħelwa wkoll, billi biha ħafna rwieħ isiru qalb waħda. | Tassew, jiġbduk il-ħwejjeġ sbieħ, id-deheb, il-fidda, u oħrajn bħal dawn; il-mess tal-laħam ifittex l-aktar dak li jaqbel miegħu, u hekk il-ħsus l-oħra għandhom dik ix-xeħta li int qejjist lil kull wieħed minnhom. Ukoll il-ġieħ li jgħaddi u s-setgħa li tamar u taħkem għandhom is-sabiħ tagħhom: u hu minn dan li ħafna drabi titnissel ix-xewqa li wieħed jitħallas mill-għedewwa tiegħu. U madanakollu meta naħdmu għal dawn il-ħwejjeġ jenħtieġ li ma nitwarrbux minnek Mulej, lanqas noħorġu mit-triq tal-liġi tiegħek. Il-ħajja nfisha li aħna ngħixu hawn isfel tħossha wkoll tiġbdek imħabba xi sbuħija tagħha u mħabba r-rbit li għandha ma' dawn is-sbuħijiet żgħar kollha. Il-ħbiberija b'rabta għażiża tal-bnedmin hija wkoll ħelwa mħabba l-għaqda li tagħmel minn ħafna rwieħ. |

### *Il-Belt ta' Alla*

Fl-410, wara tliet snin ta' assedji, ġlied fit-toroq u negozjati mqanqla, il-Goti, immexxijin mir-Re Alariku, ħatfu l-Belt ta' Ruma minn idejn l-Imperatur Ruman. Ħafna Rumani, pagani u Nsara, sfaw vittmi tas-sakkeġġi tal-Goti. Għal din il-ħerba tal-Belt Eterna, il-pagani ta' Ruma bdew iwaħħlu fl-Insara u f'Alla. Din l-akkuża lill-Insara u 'l Alla, li skont Santu Wistin kienet falza, anzi dagħwa, qanqlitu biex jikteb *Dwar il-Belt ta' Alla kontra l-Pagani (Dē cīvitāte Deī contrā pāgānōs)* magħrufa aħjar, *Il-Belt ta' Alla*, opra ta' 22 ktieb, maħruġin bejn l-413 WK u l-426 WK. Skont Claire Sotinel din l-opra hi "monument tal-letteratura Patristika" li, skont l-istess awtriċi, tagħha għandna 'l fuq minn 500 kopja manuskritta medjevali. Għal din ir-riċerkatriċi Franċiża *Il-Belt ta' Alla* hi biċċa xogħol ta' kumplessità kbira, ġawhra ta' dak li fis-seklu 20 beda jissejjaħ l-Awgostinjaniżmu politiku (Ġunju 2018, p. 50).




Fl-1996, l-Agostinjani Maltin ħarġu *Il-Belt ta' Alla*, traduzzjoni għall-Malti ta' Barbara f'żewġ volumi. It-traduzzjoni tinkludi studju profond dwar dan il-kapolavur tal-filosofija u tat-teoloġija Agostinjana miktub minn Caruana. Barbara jirrakkonta li beda t-traduzzjoni ta' *Il-Belt ta' Alla* "fi Frar 1990, iżda minħabba ħafna xogħol ieħor li kelli f'idejja ma stajtx noqgħod fuqha biss. Din l-opra klassika u monumentali ta' Stu Wistin ħarġet għall-ewwel darba bil-Malti fl-1996" (2003, p. 19).

| **Tqabbil tal-istess silta minn *Il-Belt ta' Alla*: L-1^el^ inċiż tal-1^el^ Kapitlu tal-1^el^ Ktieb** | |
|---|---|
| ***Bil-Latin:* De Civitate Dei contra Paganos, S. Aurelii Augustini OPERA OMNIA – editio latina, http://www.augustinus.it/latino** | ***Bl-Ingliż:* The City of God, Translated by the Rev. Marcus Dods, MA, https://www.gutenberg.org/files/45304/45304-h/45304-h.htm** |
| Ex hac namque exsistunt inimici, adversus quos defendenda est Dei civitas, quorum tamen multi, correcto impietatis errore, cives in ea fiunt satis idonei; multi vero in eam tantis exardescunt ignibus odiorum tamque manifestis beneficiis Redemptoris eius ingrati sunt, ut hodie contra eam linguas non moverent, nisi ferrum hostile fugientes in sacratis eius locis vitam, de qua superbiunt, invenirent. An non etiam illi Romani Christi nomini infesti sunt, quibus propter Christum barbari pepercerunt? | For to this earthly city belong the enemies against whom I have to defend the city of God. Many of them, indeed, being reclaimed from their ungodly error, have become sufficiently creditable citizens of this city; but many are so inflamed with hatred against it, and are so ungrateful to its Redeemer for His signal benefits, as to forget that they would now be unable to utter a single word to its prejudice, had they not found in its sacred places, as they fled from the enemy's steel, that life in which they now boast themselves. Are not those very Romans, who were spared by the barbarians through their respect for Christ, become enemies to the name of Christ? |
| ***Bil-Malti:* Il-Belt ta' Alla, *Val V. Barbara, Provinċja Agostinjana, Malta, 1996, pp. 2-3*** | |
| Fil-belt tal-art jinsabu għedewwa li kontra tagħhom jinħtieġli niddefendi l-belt ta' Alla. Tassew li fosthom hemm ħafna li jistgħu jsiru ċittadini tajbin tagħha jekk isewwu l-iżbalji tagħhom, iżda hemm oħrajn li tkebbsu b'nar ta' mibegħda għaliha u webbsu qalbhom għall-ġid li sarilhom mill-Feddej tagħha, kif aħna ilkoll rajna. Dawn illum ma kinux jifthu ħalqhom kontra tagħha li kieku ma marrux jistkennu fil-postijiet imqaddsa tagħha biex jeħilsu mis-sejf tal-għedewwa. Kien hekk li salvaw ħajjithom, u issa qegħdin jiftaħru li baqgħu ħajjin. Forsi ma qamux kontra l-isem ta' Kristu anki dawk ir-Rumani li l-barbri ħafruhielhom minħabba fi Kristu? | |

### *Id-Diskors tal-Mulej fuq il-Muntanja* u *It-Tagħlim Nisrani*

Fl-1999 il-Provinċja Agostinjana ħarġet l-uniku xogħol Agostinjan li Barbara qaleb mit-Taljan u mhux mil-Latin *Id-Diskors tal-Mulej fuq il-Muntanja*. Fl-2004 l-Agostinjani ħarġu *It-Tagħlim Nisrani*, traduzzjoni mil-Latin tal-istess traduttur. Din tal-aħħar aktarx hi edizzjoni tat-traduzzjoni li Barbara ppubblika hu stess fl-Awstralja (Blacktown, N.S.W.) fis-sena ta' qabel u jista' jkun ukoll li din hi edizzjoni ta' dik tal-1992 li jelenkalna Schiavone fil-bijografija ta' Barbara li kopja tagħha qatt ma sibt. L-edizzjoni tal-2003 tinkorpora *Il-Ħajja ta' Wistin*.

Caruana, fil-preżentazzjoni ta' *It-Tagħlim Nisrani* tal-2004, jiddeskrivi dan il-ktieb Agostinjan bħala "kapulavur ta' Missierna Stu Wistin" għax skont hu din l-opra "hi xogħol mirqum, *Magna Charta*, manwal tal-kultura Nisranija fir-raba' u l-ħames sekli tal-istorja Nisranija fil-Punent"(2004, p. vii).

F'*Id-Diskors tal-Mulej fuq il-Muntanja* tal-1999 Caruana jagħtina studju profond ta' din l-opra bbażat fuq it-teżi tad-dottorat fit-teoloġija, *The Ethical Implications of Christian Life in Saint Augustine of Hippo's 'De sermone Domini in monte',* li hu kiseb mill-Università ta' Malta fl-1998.




## Prietki, ittri u r-*Regula* ta' Santu Wistin bil-Malti

Fl-2004 il-parroċċa San Ġwann Battista tax-Xewkija, Għawdex, ħarġet *Il-Leħen u l-Kelma – Studju tal-predikazzjoni ta' Stu Wistin fuq San Ġwann l-Għammied* li jinkludi għadd sabiħ ta' prietki tal-qaddis tradotti minn Caruana li għamel ukoll studju dwarhom. Fid-daħla tal-ktieb, ir-Rev. Prof. Peter Serracino Inglott, ex rettur tal-Università ta' Malta, jgħid li f'dawn il-prietki hemm ċertu "black humour" għax skontu "il-kapaċità li tiċċajta f'wiċċ l-ikreh tiġrib hi forsi l-aqwa sinjal tal-fidi li jkollok f'Alla: temmen li għandu l-ħila li joħroġ il-ġid mill-agħar disgrazzja" (2004, p. 7). Fost il-prietki li hemm tradotti f'din il-ġabra hemm il-Prietka 3, waħda mis-26 prietka ta' Santu Wistin li François Dolbeau sab fil-Biblijoteka ta' Mainz, il-Ġermanja f'April tal-1990 (Dolbeau, Ġunju 2018, p. 49).







F'*Il-Ħajja ta' Wistin* tal-2005, naraw żewġ prietki u ittra ta' Santu Wistin maqlubin għall-Malti minn Caruana. *Il-Prietka 355*, mogħtija fis-sena 425, hi dwar id-drawwiet tal-kleru ta' Santu Wistin filwaqt li *l-Prietka 356*, mogħtija fis-sena 426, hi dwar il-kleru li kien jgħix miegħu. Dawn iż-żewġ prietki huma magħrufa taħt titlu wieħed: *De vitā et moribus clericorum suorum*, wieħed mis-sisien tar-Regola ta' Santu Wistin, miktuba mill-qaddis innifsu fis-sena 397 biex tirregola l-ħajja personali u komunitarja tal-patrijiet fil-monasteru. Is-sies l-ieħor hu l-ittra 211 indirizzata lill-komunità tan-nisa. *L-ittra 213* hi dwar il-ħatra tas-suċċessur tiegħu Erakliju u nqrat fil-Bażilika tas-Sliem fid-distrett ta' Ippona Rjali, nhar is-26 ta' Settembru tas-sena 426 (Caruana, 2005, p. 178, p. 190, p. 206).




Fis-sena 396 Santu Wistin inħatar Isqof ta' Ippona – kontra qalbu – skont il-bijografu tiegħu San Possidju (2005, p. 91). Ħafna żmien qabel, l-Imperatur Ruman Nisrani Kostantinu l-Kbir inkariga lill-Isqfijiet Insara Kattoliċi li jagħmluha ta' Mħallfin tal-post bl-editt *audentia episcopalis* (il-qorti tal-Isqof tal-post). Dan id-dmir ċiviku Santu Wistin kien isejjaħlu *sarcina episcopalis*, "it-toqol tal-episkopat" (Caruana, 2008, p. 239) għax kien itellfu mill-ħidma pastorali tiegħu u mit-talb. Fl-1974 l-Awstrijak Johannes Divjak skopra 29 ittra ta' Santu Wistin li ħafna minnhom jitfgħu dawl fuq il-ħidma ta' Santu Wistin bħala Mħallef ta' Ippona. Caruana qalibhom għall-Malti u fl-2012 ħariġhom fil-ktieb *Wistin l-Imħallef. Il-ħidma ġudizzjarja tal-Isqof ta' Ippona, id-29 Ittra Divjak.*








*Regula Sancti Augustini (Ir-Regola ta' Santu Wistin)* hi importanti għaliex fuqha mhux biss issejjes l-Ordni Agostinjan imma ġiet adottata wkoll minn dak Dumnikan[5] u minn għadd ta' Ordnijiet reliġjużi oħra. Fl-1981 il-Provinċja Agostinjana ppubblikat *Regula ta' Santu Wistin*, traduzzjoni b'introduzzjoni ta' Patri Ferdinand Xuereb OSA. L-istess Provinċja fl-1992 ħarġet *Santu Wistin – Ir-Regula*, traduzzjoni ta' Patri Dumink Portelli OSA (ara ritratt lemin). Din l-edizzjoni fiha wkoll it-test Latin tar-Regola u traduzzjoni għall-Malti tal-introduzzjoni ta' Patri Tarsicius J. Van Bavel OSA. Fl-2017, fl-okkażjoni tal-mitejn sena mit-twaqqif tal-Provinċja Agostinjana f'Malta, rajna *Ir-Regula ta' Santu Wistin*, qlib ġdid għall-Malti mil-Latin ta' Patri Salvinu Caruana OSA.



Patri Ferdinand Xuereb OSA

Fl-1987, fl-okkażjoni tas-16-il ċentinarju mill-magħmudija ta' Santu Wistin, rajna traduzzjoni ta' verżjoni mqassra ta' din ir-Regola minn Dr Joe Calleja li qalibha mill-verżjoni Ingliża tal-ktieb, "*The Illustrated Rule of St. Augustine*", maħruġ mill-Catholic Truth Society. Dan il-ktejjeb jinkludi tpinġijiet li dehru għall-ewwel darba f'"*Tardi ti amai*" tas-Soru Maria Rosa, maħruġ mill-Editrice Rogate, Ruma.

## L-aħħar traduzzjoni Agostinjana




Fil-bidu tal-2021 rajna l-pubblikazzjoni ta' *Waħda u sħiħa hija l-imħabba,* traduzzjoni għall-Malti minn Patri Francis Calleja OSA (30 ta' Diċembru 1948-) tal-10 Trattati ta' Santu Wistin fuq l-Ewwel Ittra ta' San Ġwann lill-Parti.[6] Il-ktieb jinkludi daħla, noti u indiċi miktubin minn Caruana. Calleja studja t-teoloġija fil-Kulleġġ Internazzjonali ta' Santa Monika, Ruma wara li ġie ordnat qassis fis-sena 1972, reġa' mar Ruma biex jispeċjalizza fit-teoloġija morali, fl-Alphonsianum, minn fejn, fl-1974 kiseb il-grad ta' Liċenzja fit-teoloġija morali. *Waħda u sħiħa hija l-imħabba* tidher li hi l-ewwel traduzzjoni għall-Malti li qatt tana Calleja. Jien kelli x-xorti li nagħti daqqa t'għajn l-isteżura ta' qabel tal-aħħar meta t-titlu kien se jkun *L-Ittra tal-Imħabba – 10 omeliji fuq l-Ittra ta' San Ġwann lill-Parti.*







## Bċejjeċ Agostinjani tradotti

Fil-ħarġa ta' Settembru 1934 ta' *Leħen il-Malti* dehret silta żgħira taħt it-titlu: *Mill-Istqarrijiet ta' Santu Wistin – Il-Kobor t'Alla*. It-traduttur iffirma bl-inizjali ta' K.F. Fil-ħarġa ta' Mejju-Ġunju 1935 ta' *Leħen il-Malti* dehret silta oħra *Is-Sahriet ta' Santu Wistin – L-Ewwel Lejla;* din id-darba t-traduttur iffirma D.K.F. Bl-inizjali ta' K.F. naraw silta oħra f'*Leħen il-Malti* ta' Marzu 1937 *Is-Sahriet ta' Santu Wistin: Id-disa' lejla – Il-hena tas-sema.* It-teorija tiegħi hi li dawn huma traduzzjoni ta' tliet siltiet minn *L-Istqarrijiet* ta' Santu Wistin maqlubin mill-istess awtur K.F. Fil-pubblikazzjonijiet fejn dehru ma sibtx aktar dettalji, lanqas min hu jew huma D.K.F. u K.F. Kull riċerka li għamilt dwar dawn is-siltiet ma wasslitni mkien iżda qed insemmihom hawn forsi xi qarrej jista' jitfa' ftit dawl fuq dawn is-siltiet.

[5] Id-Dumnikani Maltin għandhom ktejjeb li jintuża internament, prodott fit-tieni nofs tas-seklu l-ieħor, dwar il-Kostituzzjoni tal-Ordni Dumnikan li jinkludi t-traduzzjoni sħiħa tar-Regola ta' Santu Wistin. Sakemm ġejna għall-istampa ma stajtx insib kopja minkejja li għandi informazzjoni li teżisti.
[6] Poplu fil-Persja Antika li kien jgħix fil-grigal tal-Iran.



L-Ittra tal-Imħabba

10 *Omeliji* ta' S. Wistin fuq l-*Ittra ta' S. Ġwann lill-Parti*

S. Wistin ta' Ippona

Test għall-Malti ta' F. Calleja OSA

Daħla, noti, u indiċi, ta' S. Caruana OSA

Provinċja Agostinjana

Malta 2019

17/04/2019 11:20






Patri Francis Calleja OSA

**Konklużjoni**

F'dan l-artiklu rajna li sar sforz qawwi biex il-korp letterarju Agostinjan jikber bil-qlib għall-Malti, speċjalment bis-saħħa ta' Valentin V. Barbara megħjun minn Patri Salvinu Caruana OSA, xprunat u ffinanzjat l-aktar mill-Provinċja Agostinjana Maltija. Iżda fid-dawl tal-kobor tal-korp letterarju ta' Santu Wistin nistgħu ngħidu li għad fadal ħafna x'jinqaleb għall-Malti speċjalment meta tqis l-eżistenza ta' għadd kbir ta' qlib mil-Latin f'lingwi Ewropej oħra.

B'dan l-artiklu wasalna fit-tmiem tas-sensiela. Ir-rispons kien tajjeb speċjalment wara li abbażi tal-ewwel żewġ artikli tajt żewġ taħditiet bl-Ingliż lil klassi konġunta ta' studenti tal-istudji Klassiċi u tat-traduzzjoni fl-Università ta' Malta li ntlaqgħu b'interess.

Kif kien mistenni l-akbar interess li ntwera f'din is-sensiela kien ġej mid-Dipartiment tal-Klassiċi u l-Arkeoloġija tal-Università ta' Malta.

B'referenza għat-tieni artiklu minn din is-sensiela li deher fl-aħħar edizzjoni ta' *l-aċċent*, Dr Carmel Serracino ġibidli l-attenzjoni għal rappreżentazzjoni oħra ta' *Il-Bakkanti (The Baccahe)*, li nqast li nsemmi. Din il-produzzjoni, li ma kinitx traduzzjoni esklużivament Maltija imma trilingwa: bil-Malti, bl-Ingliż u bit-Taljan, inqalbet minn Lino Farrugia li ddereġieha wkoll kemm fi produzzjoni fil-Couvre Porte, il-Birgu, kif ukoll fi produzzjoni f'Palazzolo, Sqallija, għall-Festival Internazzjonali tal-Grieg Klassiku fl-istess sajf tal-2008.

Maria Giuliana Fenech, lecturer tal-istess Dipartiment, ġibditli l-attenzjoni għal artiklu li jien ma kontx sibt, *L-Eżametru Verġiljan fil-Malti* ta' A. Mallia Zarb li deher f'*Leħen il-Malti* fl-1961 li jinkludi traduzzjoni għall-Malti ta' silta minn *L-Enejde* ta' Virġilju, "Il-ġrajja t'Eneas", eżempju tajjeb ħafna kif iżżomm il-metrika saħansitra anke fit-traduzzjoni bil-Malti.

F'dak li hu qlib għall-Malti ta' Klassiċi Latini u Griegi mill-pubblikazzjoni tal-aħħar artiklu 'l hawn sibt il-ktejjeb *Vox aspecta*, ġabra ta' proverbji Latini maqlubin għall-Ingliż u l-Malti maħruġa mill-Malta Classics Association fl-2019. Dan hu t-tieni ktieb minn sensiela ta' tnejn – l-ewwel wieħed, *Vox depicta*, rajnieh fl-artiklu ta' Marzu 2019 f'*l-aċċent*. *Vox aspecta* wkoll ġie editjat u ddisinjat minn Lara Zammit

b'illustrazzjonijiet ta' Warren Bartolo. Dan fih kummentarju ta' Maria Zammit. Barra minn hekk, l-istess Warren Bartolo, fil-5 ta' Mejju tal-2020, fuq is-sit web Isles of the Left, tana t-traduzzjoni mil-Latin għall-Malti, *L-Istorja ta' Piramu u Tisbi* minn *Metamorfosi* ta' Ovidju (Ktieb IV, ll. 64-90).




In-newsletter elettronika dwar affarijiet letterarji, *Il-Pont*, maħruġa kull xahar mis-Sur Patrick Sammut, fil-ħarġa ta' Diċembru ġġib it-traduzzjoni mill-Ingliż (skont komunikazzjoni privata bl-email mat-traduttur) ta' Victor V. Vella tal-bidu tad-diskors li l-filosofu Sokrate għamel quddiem il-qorti Griega ftit qabel ma miet, magħruf aħjar bħala *L-Apoloġija ta' Sokrate*. Vella, emigrant Malti fl-Awstralja, kien qaleb għall-Malti wkoll biċċa Klassika oħra – *Id-Diskors ta' Perikle*. (*Il-Pont,* Diċembru 2016, pp. 18-20).

Wara li deher dak li ktibt dwar *L-Enejde* ta' Virġilju f'*l-aċċent* ta' Marzu 2019, f'Awwissu tal-istess sena kkuntattjatni Susanna Braund, professur tal-poeżija Latina mill-Università ta' British Columbia, il-Kanada u awtriċi tal-ktieb *Virgil and his Translators* (Oxford University Press, 2018). Din riedet tkun taf aktar dwar it-traduzzjoni ta' *L-Enejde* għall-Malti, partikolarment dwar dik li tana Albert M. Grech OP peress li din Braund kienet qed tagħmel riċerka dwar it-traduzzjoni ta' *L-Enejde* fid-dinja. Barra minn hekk, wara dak l-istess artiklu f'*l-aċċent* dwar il-Klassiċi, ġejt mistieden mill-Malta Classics Association nikteb paper fil-ġurnal akkademiku *Melita Classica* bit-titlu *Fr Albert M. Grech O.P. (1883-1942): A Latin-to-Maltese literary and religious translator* (https://classicsmalta.org/wp-content/uploads/2019/10/Said-2018-Fr.-Albert-.-Grech-O.P.-1883-1942-A-Latin-to-Maltese-Literary-and-Religious-Translator.pdf). Dawn iż-żewġ aneddoti juru kemm *l-aċċent* hu stmat u segwit f'Malta u saħansitra barra minn Malta.

*Nixtieq nirringrazzja lir-Rev. Prof. Salvinu Caruana tal-pariri siewja li tani biex nikteb dan l-artiklu u lil Patri Franco Grech OSA li tani kopji tat-traduzzjonijiet tar-*Regola *ta' Patri Dumink Portelli OSA u ta' Patri Ferdinand Xuereb OSA.*

Ivan Said huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea

## Lista ta' referenzi


Aquilina, Ġużè. "Reċensjoni: Il-Qrariet ta' Santu Wistin – L-Ewwel Ktieb." *Leħen il-Malti*. L-Għaqda tal-Malti (Università), Numru 188-190, 1946: 126.

Barbara, Val. V. *Tagħrif Awtobijografiku fil-Qosor*. Blacktown, N.S.W., l-Awstralja, 2003.

Camilleri, Dun Frans. "Reċensjoni: Il-Qrariet ta' Santu Wistin – It-Tieni u t-Tielet Ktieb." *Il-Malti*. L-Għaqda Kittieba tal-Malti, Diċembru 1953, ir-Raba' Ktieb tad-29 sena: 126.

Caruana OSA, Salvinu. *Il-Leħen u l-Kelma – Studju tal-predikazzjoni ta' Stu Wistin fuq San Ġwann l-Għammied*. Parroċċa San Ġwann Battista, ix-Xewkija, Għawdex, Malta, 2004.

Caruana OSA, Salvinu. *Jiena ... Wistin – Il-ħajja, il-ġrajjiet u l-wirt ta' Santu Wistin, Isqof u Duttur tal-Knisja*. Provinċja Agostinjana, Malta, 2008.

Dolbeau, François. "26 sermons inédits!" *L'Histoire*. Sophia Publications, Paris, 448 (Ġunju 2018): 49.

Fenech, Maria Giuliana. "L-Erojdi (I-VII) ta' Ovidju: Traduzzjoni għall-Malti b'introduzzjoni u kummentarju – 2 Volumi." Teżi tal-MA – Il-Klassiċi, l-Università ta' Malta, 2011.

Friggieri, Joe. *In-Nisġa tal-Ħsieb – Storja tal-Filosofija – L-Ewwel Volum, Mill-Griegi tal-Qedem sar-Rinaxximent*, Media Centre, Malta, 2000.

Gioanni, Stéphane. "L'ascension d'un intellectuel africain." *L'Histoire*. Sophia Publications, Pariġi, 448 (Ġunju 2018): 38-48.

Gioanni, Stéphane. "Une œuvre démesurée, essentielle et encombrante." *L'Histoire*. Sophia Publications, Paris, 448 (Ġunju 2018): 45.

Mallia Zarb, A. "L-Eżametru Verġiljan fil-Malti." *Leħen il-Malti*. L-Għaqda tal-Malti (Università), Numru 3, 1961: 28-32.

Outler, Albert C. "Augustine and the Transvaluation of the Classical Tradition." *The Classical Journal*. The Classical Association of the Middle West and South Inc, Vol. 54 No. 5 (Frar 1959): 213-220.

Said, Ivan. "Ix-xogħlijiet Klassiċi u l-kitbiet ta' Santu Wistin bil-Malti – L-Ewwel Parti." *l-aċċent*. Pubblikazzjoni tad-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea, il-Lussemburgu, Numru 18, Marzu 2019: 53-67.

San Possidju Isqof ta' Kalama. *Il-Ħajja ta' Wistin (Vita Augustini) – Il-Priedki 355 u 356 u l-Ittra 213 ta' Santu Wistin, Isqof ta' Ippona*. Traduzzjoni ta' P. Salvinu Caruana OSA, Provinċja Agostinjana, Malta, 2005.

Santu Wistin. "L-Istqarrijiet ta' S. Wistin. Traduzzjoni ta' Patri Ugolin Gatt u Karmenu Vassallo". *Santa Rita – Perjodiku Agostinjan*. Frar 1953 – Novembru 1963.

Santu Wistin. *Id-Diskors tal-Mulej fuq il-Muntanja*. Traduzzjoni ta' Val. V. Barbara, Provinċja Agostinjana, Malta, 1999.

Santu Wistin. *Il-Belt ta' Alla – 2 Volumi*. Traduzzjoni ta' Val. V. Barbara, Daħla u Noti ta' P. Salvinu Caruana OSA, Preżentazzjoni ta' P. Adeodato C. Schembri, Provinċja Agostinjana, Malta, 1996

Santu Wistin. *Il-Qrariet ta' Santu Wistin – It-Tieni u t-Tielet Ktieb*. Traduzzjoni mil-Latin għall-Malti ta' P. Valentin Barbara OP, Lux Press, 1953.

Santu Wistin. *Il-Qrariet ta' Santu Wistin – L-Ewwel Ktieb*. Traduzzjoni mil-Latin għall-Malti ta' P. Valentin Barbara OP, A.C. Aquilina, 1946.

Santu Wistin. *Ir-Regola ta' Santu Wistin*. Traduzzjoni ta' Dr Joe Calleja. Pubblikazzjoni Kummissjoni Servizzi Soċjali u Konsulenza, Valletta, 1987.

Santu Wistin. *Ir-Regola ta' Santu Wistin*. Traduzzjoni ta' Salvinu Caruana OSA. Provinċja Agostinjana, 2017.

Santu Wistin. *It-Tagħlim Nisrani Opra ta' Stu Wistin Isqof ta' Ippona b'noti dwar ħajtu mid-dixxiplu tiegħu S. Possidju Isqof ta' Kalama*. Traduzzjoni ta' Val. V. Barbara, Blacktown, N.S.W. Awstralja, 2003.

Santu Wistin. *It-Tagħlim Nisrani*. Traduzzjoni ta' Val. V. Barbara, Daħla ta' P. Salvinu Caruana OSA, Provinċja Agostinjana, Malta, 1999.

Santu Wistin. *L-Istqarrijiet*. Traduzzjoni, Daħla u Noti ta' Val. V. Barbara OP, Provinċja Agostinjana, Malta, 1989.

Schiavone, Michael J. *Dictionary of Maltese Biographies*. Vol. 1 & 2. Pietà: Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 2009.

Sotinel, Claire. "'La Cité de Dieu' ou le grand malentendu." *L'Histoire*. Sophia Publications, Parġi, 448 (Ġunju 2018): 50-53.

Vassallo, Karmenu. *Bejni u dawk li għalihom jien Għażiż Karmenu...* Edizzjoni ta' Ġorġ Mifsud, Pubblikazzjoni Gulf, Valletta, 1982.

Zammit Marmarà, Marcel. *Irrid u ma nistax – Il-ħajja ta' Karmenu Vassallo*. Sensiela Kotba Soċjalisti. Marsa. 2012.

Zarb OP, Serafin. *Kronoloġija ta' l-Opri ta' Stu Wistin skond it-tagħrif tar-Ritrattazzjonijiet*. Traduzzjoni ta' Val. V. Barbara, Blacktown, N.S.W. Awstralja, 1995.

Zarb OP, Serafin. *Kronoloġija tat-Trattati ta' Stu Wistin fuq l-Evanġejlu u l-1 Ittra ta' S. Appostlu*. Traduzzjoni ta' Val. V. Barbara, Blacktown, N.S.W., l-Awstralja, 2003.

## Indiċi skont l-awtur tax-xogħlijiet Klassiċi, Santu Wistin u oħrajn, flimkien mat-traduttur Malti, li ssemmew f'din is-sensiela

**L-awtur tax-xogħol oriġinali, it-titlu tat-traduzzjoni bil-Malti, it-titlu bl-Ingliż (fejn pertinenti), it-titlu bil-Latin (fejn pertinenti), isem it-traduttur Malti, il-ħarġa ta' *l-aċċent* u n-numru tal-paġna.**

**Aristofane:** *Iż-Żrinġijiet, The Frogs*, Louis Azzopardi, 19:54; *Żrinġijiet, The Frogs*, Joe Bonnici, 19:52, 19:60; *Il-Kavallieri, The Knights*, Ġużi Gatt, 19:52, 19:54, 19:59; *Il-Parlament tan-Nisa, Ecclesiasuzae* jew *The Assembly of Women*, Joe Friggieri, 19:53, 19:59, 19:60; *2000 Żrinġ, The Frogs*, Albert Marshall, 19:53, 19:57, 19:59; *Sħab, Clouds*, Franklin Mamo. 19:53, 19:59; 19:60; *The Archarnians, The Knights, The Birds, The Frogs*, John Hookham Frere – mhux traduttur Malti u qalibhom biss mill-Grieg għall-Ingliż, 19:59-60.

**Aristotli:** *Dwar l-Arti tal-Poeżija, Poetics, De Poetica*, Karmenu Serracino, 18:54, 18:64; *L-Arti Poetika ta' Aristotli, Poetics, De Poetica*, Victor Xuereb SJ, 18:62, 18:63, 18:64, 18:65.

**Eskilu:** *Agamemnon*, traduzzjonijiet bil-Malti m'hemmx, 19:51, 19:61, 19:64.

**Esopu:** *In-Nemla u l-Werżieq, The Ant and the Grasshopper*, Temi Zammit, 18:56, 18:55; *Ir-Regħba, The Dog and the Shadow*, Temi Zammit, 18:55, 18:56; *Il-Għorab, The Fox and the Crow*, Temi Zammit, 18:55, 18:56; *Iż-Żrinġ u l-Barri, The Frog and the Ox Fable*, Temi Zammit, 18:55, 18:56; 18:57, *Ix-xiħ u l-mewt, The Old Man and his Sons*, Temi Zammit, 18:55, 18:56; *Ħrejjef Esopu: Ġabra, A Collection*, Bro. Henry, 18:56, 18:57; *Il-Baqra, l-Għaniqa, in-Nagħġa u l-Iljun, The Lion's Share Fable*, Dun Karm Psaila, 18:55, 18:56; *Il-Lifgħa u l-Lima, The Serpent and the File*, Achille Mizzi, 18:56; *Raġel migdum mill-kelb, A Man Bitten by the Dog*, Achille Mizzi, 18:56.

**Ewripide:** *Il-Bakkanti, The Baccahe*, John J. Schranz, 19:52, 19:55, 19:56; *In-Nisa ta' Trojja, The Women of Troy*, Louis Azzopardi, 19:54; *Ifiġenja f'Tauris, Iphigenia in Tauris*, Louis Azzopardi, 19:54; *Allat Imġarrfa, The Bacchae*, Ġużi Gatt, 19:52, 1957; *Medea*, Oliver Friggieri, 19:52, 19:53, 19:62; *In-Nisa ta' Trojja, The Women of Troy*, John Suda, 19:53, 19:63; *Ħekuba, Hecuba*, Alfred Palma, 19:53, 19:63, 19:64; *In-Nisa Feniċi, The Phoenician Maidans,* Lino Farrugia, 19:53, 19:63; *Il-Bakkanti, The Bacchae*, Lino Farrugia, 20:58.

**Ġulju Ċesri:** *De Bello Gallico (Ktieb VII, 87-89), The Gallic War*, Frans Sammut, 18:65.

**Katullu:** *Fuq Qabar Ħuh, Gaius Valerius Catullus 101*, Mark Anthony Sammut, 18:65; *Poeżija Nru 3, Gaius Valerius Catullus*, Jessica Farrugia, 18:65.

**Lucius Annaeus Seneca:** *Medea*, Immanuel Mifsud, 19:53, 19:59; 19:65.

**Omeru:** *L-Odissea, The Odyssey*, Victor Xuereb SJ, 18:54, 18:60, 18:61; *L-Ilìjade, The Iliad*, Victor Xuereb SJ, 18:54, 18:61.

**Orazju:** *De Arte Poetica, The Art of Poetry, Ars Poetica*, Oliver Friggieri, 18:54, 18:59; *L-Odi (I-III), L-Odi (IV), Odes [Carmine]*, Victor Xuereb SJ, 18:63; *L-Odi 3.13, Bandusa, O fons Bandusiae*, Achille Mizzi, 18:65, 18:66.

**Ovidju:** *L-Erojdi (I-VII), The Heroines, Heroides* jew *Letters of Heroines, Epistulae Heroidum*, Maria Giuliana Fenech, 18:54, 18:64; *Il-Metamorfosi: L-Ewwel Ġabra ta' Siltiet, Metamorphosis, Metamorphōseōn librī*, Michael Zammit, 18:54, 18:63; *L-Istorja ta' Piramu u Tisbi – Metamorfosi (Ktieb IV, ll. 64-90), The Story of Pyramus and Thisbe – Metamorphosis, Metamorphōseōn librī*, Warren Bartolo, 20:59.

**Perikle:** *Id-Diskors ta' Perikle, A Speech by Pericles*, Victor V. Vella, 20:59.

**Platun:** *L-Apoloġija, The Apology of Socrates, Apologia Socrates*, Michael Zammit, 18:54, 18:63; Victor V. Vella, 20:59; *Ir-Repubblika, The Republic*, Victor Xuereb SJ, 18:54, 18:61.

**Properzju:** *L-Eleġiji, Elegies, Elegiae*, Horatio C.R. Vella, 18:54, 18:64.

**Proverbji u għajdut Latini:** *Vox Depicta*, Lara Zammit u Maria Zammit, 18:65; *Vox aspecta*, Lara Zammit u Maria Zammit, 20:59.

**Saffo:** *Lil Anaktorja, Anaktoria*, Victor Xuereb SJ, 18:65, 18:66.

**San Possidju, Isqof ta' Kalama:** *Il-Ħajja ta' Wistin, The Life of Saint Augustine, Sancti Augustini Vita*, Vince Barbara, 20:44, 20:45, 20:47, 20:48; *Il-Ħajja ta' Wistin, The Life of Saint Augustine, Sancti Augustini Vita*, Salvinu Caruana OSA, 20:45, 20:47, 20:48.

**Santu Wistin:** *Il-Qrariet ta' Santu Wistin – L-Ewwel Ktieb, The Confessions of Saint Augustine, Confessiones*, Valentin Vince Barbara, 20:44, 20:50; *Il-Qrariet ta' Santu Wistin – It-Tieni u t-Tielet Ktieb, The Confessions of Saint Augustine, Confessiones*, Valentin Vince Barbara, 20:44, 20:50; *L-Istqarrijiet ta' S. Wistin – L-1el sat-3et Ktieb (Kap. I-VIII), The Confessions of Saint Augustine, Confessiones*, Karmenu Vassallo u P. Ugolino Gatt OSA, 20:44, 20:50-52; *Regula ta' Santu Wistin, Rule of St. Augustine, Regula Sancti Augustini*, Ferdinand Xuereb OSA, 20:44, 20:57; *Ir-Regola ta' Santu Wistin (verżjoni mqassra), Rule of St. Augustine, Regula Sancti Augustini*, Dr Joe Calleja, 20:44, 20:57; *L-Istqarrijiet, The Confessions of Saint Augustine, Confessiones*, Valentin Vince Barbara, 20:44, 20:53; *Santu Wistin – Ir-Regula, Rule of St. Augustine, Regula Sancti Augustini*, Dumink Portelli OSA, 20:44, 20:57; *It-Tagħlim Nisrani, On Christian Teaching, De doctrina christiana*, Valentin Vince Barbara, 20:44, 20:45, 20:47, 20:55-56; *Il-Belt ta' Alla (2 volumi), The City of God Against the Pagans, Dē cīvitāte Deī contrā pāgānō*, Valentin Vince Barbara, 20:44, 20:55; *Id-Diskors tal-Mulej fuq il-Muntanja, Our Lord's Sermon on the Mount, De Sermone Domini in monte*, Vince Barbara, 20:44, 20:55; *It-Tagħlim Nisrani – Opra ta' Stu Wistin, Isqof ta' Ippona, b'noti dwar ħajtu mid-dixxiplu tiegħu S. Possidju Isqof ta' Kalama, On Christian Teaching, De doctrina christiana*, Valentin Vince Barbara, 20:45, 20:47; *Il-Leħen u l-Kelma – Il-priedki 287-293, 379-380, 307-308, 3 (Dolbeau), Some of St Augustine's Sermons on St John the Baptist including Sermon No. 3, discovered by François Dolbeau in 1990, De Voce et Verbo*, Salvinu Caruana OSA, 20:45, 20:56; *Il-Priedki 355 u 356 u l-Ittra 213 ta' Santu Wistin, Isqof ta' Ippona, Sermons 355 & 356 and Letter 213 by St Augustine*, Salvinu Caruana OSA, 20:45, 20:56; *Wistin l-Imħallef – Il-ħidma ġudizzjarja tal-Isqof f'Ippona. Id-29 Ittra Divjak, Letters by St Augustine discovered by Johannes Divjak in 1974, known as the Divjak Letters*, Salvinu Caruana OSA, 20:45, 20:56; *Ir-Regula ta' Santu Wistin, Rule of St. Augustine, Regula Sancti Augustini*, Salvinu Caruana OSA, 20:45, 20:56, 20:57; *Waħda u Sħiħa hija l-Imħabba, Ten Homilies On The Epistle Of John To The Parthians, In Epistolam Joannis Ad Parthos Tractatus Decem*, Francis Calleja OSA, 20:45, 20:57, 20:58.

**Serafin Zarb OP:** *Kronoloġija ta' l-opri ta' Santu Wistin skond it-tagħrif tar-Ritrattazzjonijiet, Chronologia operum Sancti Augustini secundum ordinem Retractationum digesta*, Valentin Vince Barbara, 20:44, 20:48, 20:49; *Kronoloġija tat-trattati ta' Santu Wistin fuq l-Evanġelju u l-1 Ittra ta' San Ġwann Appostlu, Chronologia tractatuum S. Augustini in Evangelium primamque Epistolam Ioannis Apostoli*, Valentin Vince Barbara, 20:45, 20:49.

**Sofokle:** *Edipu Sultan, Oedipus the King, Oedipus Rex*, Louis Azzopardi, 19:52, 19:54, 19:55; *Antigone*, Louis Azzopardi, 19:54, *Ajjaks, Ajax*, Louis Azzopardi, 19:54; *Elektra, Electra*, Louis Azzopardi, 19:54; *Edipu f'Kolonus, Oedipus at Colonus*, Victor Xuereb SJ, 18:63; *Filoktete, Philoctète*, Victor Xuereb SJ, 18:62, 18:63; *Ajjaks, Ajax*, Victor Xuereb SJ, 18:63; *Antigone*, Victor Xuereb SJ, 18:62, 18:63; *Edipu s-Sultan, Oedipus the King, Oedipus Rex*, Victor Xuereb SJ, 18:63, 19:54; *Elektra, Electra*, Victor Xuereb SJ, 18:63; *Ix-Xbejbiet ta' Trakis, Women of Trachis*, Victor Xuereb SJ, 18:63; *Edipu s-Sultan, Oedipus the King, Oedipus Rex*, Oliver Friggieri, 19:52, 19:54, 19:61-62, 19:65; *Antigone*, Oliver Friggieri, 19:52, 19:62.

**Titus Maccius Plautus:** *Il-Ħabel, The Rope, Rudens*, Alfred Scalpello, 19:52, 19:58, 19:59, 19:65.

**Virġilju:** *L-Enejjija (I-VI), The Aeneid, Aeneis*, Albert M Grech OP, 18:54, 18:57-59, 18:61, 20:59; *L-Enejde, The Aeneid, Aeneis*, Victor Xuereb SJ, 18:54, 18:61; *Il-Ġrajja t'Eneas (silta), The Aeneid, Aeneis*, A. Mallia Zarb, 20:58.


iate European Union terminology
EU interinstitutional cooperation at its best
The 10 IATE project partners
European Parliament
Council of the European Union
European Commission
Court of Justice of the European Union
European Central Bank
European Court of Auditors
European Economic and Social Committee
European Committee of the Regions
European Investment Bank
Translation Centre for the Bodies of the European Union
Detailed documentation is available on the homepage.
You may send any feedback or questions to iate@cdt.europa.eu.
© Translation Centre for the Bodies of the European Union, 2018.
Reuse is authorised provided the source is acknowledged.
iate European Union terminology
The EU terminology database
for any user looking for the right term
LANGUAGE PROFESSIONALS
ACADEMIA
NATIONAL EXPERTS
PUBLIC ADMINISTRATIONS
POLICY ADVISERS
PRIVATE SECTOR COMPANIES
THE GENERAL PUBLIC
iate.europa.eu

# Tradutturi mod ieħor

## Mark Vella

Effett ewlieni tal-pandemija kien li ġejna xprunati naqilbu, nittraduċu realtà li konna mdorrijin biha u dejjem ħadnieha bħala fatta, lejn lingwa ġdida biex naslu għall-istess għanijiet ta' qabel. F'dan il-każ l-online, bil-vantaġġi ovvji imma wkoll bil-bosta inkonjiti tekniċi li lkoll messejna magħhom f'dawn l-aħħar xhur.

Naqsu l-laqgħat fiżiċi ta' kull xorta u dan laqat, fost l-oħrajn, il-promozzjoni tal-eTranslation u tal-kollezzjoni tad-data għalih: attività ewlenija tal-Uffiċċju tal-Lingwa li, flimkien mal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali, kienet qabdet ritmu tajjeb, aħna u nduru l-uffiċċji ta' diversi entitajiet governattivi nfissru l-vantaġġi ta' din is-sistema tat-traduzzjoni awtomatika tal-Kummissjoni Ewropea.

Dawn il-laqgħat, minkejja diffikultajiet oġġettivi, irnexxielna mmexxuhom online, sakemm saret in-normalità u s-sura ġdida ta' kull attività, kulħadd sab irkaptu tal-pjattaformi, u bdejna nikkonċepixxu t-twettiq tal-ideat skont din id-dinamika ġdida. Tant hu hekk li anki l-attivitajiet annwali ewlenin tad-DĠT kellhom jiġu ttrasformati f'qasir żmien, sew f'Malta sew fil-bqija tal-UE. It-tim wara l-Juvenes Translatores, li s-sena ta' qabel kien mexa lejn li l-konkors ma jibqax isir bil-kitba imma bil-kompjuter, kien lest javvanza għall-istadju tal-konkors mid-dar f'dawk il-postijiet fejn l-iskejjel ingħalqu. L-istess għalina, fejn nixfu minnufih iż-żjarat fl-iskejjel u kellna kontra qalbna ma ntellgħux l-edizzjoni ta' din is-sena ta' Żanżan Kelma, l-ispelling bee bil-Malti li saret parti integrali miċ-ċelebrazzjonijiet għall-Jum Ewropew tal-Lingwi. F'dan il-każ ukoll, rajna li lanqas ma kien xieraq li ntellgħu l-fiera popolari tal-lingwi, u allura ħdimna ma' Danusan u l-Għaqda tal-Malti biex ipproduċejna b'suċċess ġimgħa ta' filmati innovattivi, umoristiċi u saħansitra kurjużi dwar il-lingwa li dawwarniehom fuq il-midja soċjali u li ġġeneraw ħafna interess u interazzjoni.




Photo: DOI - Pierre Sammut

Issa li ndrat is-sitwazzjoni, kull attività tieħu dimensjoni online bla ma lanqas taħsibha darbtejn. Il-konferenza annwali tat-Translating Europe Workshop ħadet il-forma ta' webinar u ttrattat il-qagħda tal-industrija tat-traduzzjoni Maltija, fejn seħħet diskussjoni li kienet ilha biex issir dwar kwistjonijiet importanti bħall-kundizzjonijiet tal-ħaddiema, l-isfidi għall-industrija, u l-bżonn tal-għarfien professjonali. Ftit wara, fil-bidu ta' Diċembru, erġajna qbadna l-introduzzjoni għall-eTranslation lil

setturi differenti, permezz ta' seminar lill-istaff tal-Università, f'kollaborazzjoni mal-Europe Direct Information Centre tal-Università stess.

Il-kitba, madankollu, ma naqsitx. Baqgħu għaddejjin it-traduzzjoni u x-xogħol lingwistiku, b'materjal kbir dwar il-pandemija u l-ħidma tal-Unjoni Ewropea waqt din l-emerġenza, kif ukoll avvenimenti annwali ta' importanza bħall-baġit kif ukoll id-Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni, dis-sena l-ewwel wieħed tal-President ġdid Ursula von der Leyen. U biex nagħlaq, proġett għal qalbi u għal qalb ir-Rappreżentanza: ktieb ġdid tal-Istudji Soċjali għall-ewwel sentejn tas-sekondarja, bil-Malti u bl-Ingliż, fejn ħadna sehem fil-proġett editorjali, mhux biss fuq livell lingwistiku imma billi ħdimna fuq l-infilsar tal-materjal Ewropew li jispjega lit-tfal l-ewwel elementi bażiċi taċ-ċittadinanza fl-Unjoni Ewropea.




Photo: DOI - Pierre Sammut

Mark Vella huwa l-Uffiċjal tal-Lingwa tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta



# Tislima lill-Professur Oliver Friggieri

Ritratt: George Scintilla minn www.thefaceofsuccess.net

Tislimiet lill-għażiż Professur Oliver Friggieri nkitbu ħafna, u qatt mhuma se jkunu biżżejjed. Kemm tana mħabba, dan il-lettur-missier. Kemm sigħat qattajna npassu miegħu fil-lezzjonijiet ta' kmieni filgħodu, bih ftit 'il quddiem, itektek bl-għasluġ ta' Dun Karm u jgħidilna nisimgħu l-aċċent jaqa' fuq sillaba imma mhux oħra, jgħinna napprezzaw kif kollox għandu ritmu – anke werqa tperper fir-riħ. Kemm ħeġġiġna niddubitaw kollox, u għenna niġu lura fuq saqajna, xi wħud bil-fidi, oħrajn bl-ironija. F'dinja dejjem aktar miġnuna, għadu possibbli li tindokra l-ġnien li hemm f'moħħok. U l-ġnien tagħna saqqejnieh kull meta semma awtur u morna pronti naqraw l-ikbar xogħlijiet tiegħu: Voltaire, Hobbes, Schopenauer, Kafka, imma anki Francis Ebejer, Ġużè Ellul Mercer, Karmenu Vassallo, Rużar Briffa. Sakemm qrajna kull vers tal-għalliem stess, u l-ġnien imtela semprevivi, fjuri li ma jinxfux.

Għaddew iktar minn għoxrin sena u l-kuntatt mal-Prof. żammejtu. Bqajt immur inżuru meta ninżel Malta. Darba minnhom konna fil-kċina, u qalli li se jmur iġib xi ħaġa. Daħal lura fil-kamra b'munzell karti u tefagħhom fuq il-mejda. Beda jqalleb fihom għax ried jaqrali ittra li kien qed jikteb lil ras kbira "dwar l-annimali u l-*anima* li bilfors għandhom". Kemm kien iħobbhom l-annimali! Imma dak il-ħin għajnejja waqgħu u ssammru fuq karti familjari ħafna, u b'entużjażmu staqsejtu "Inti taqra *l-aċċent,* Prof.?!"

Tħadditna fit-tul dwar il-Malti u l-uffiċjalità tiegħu fl-Unjoni Ewropea, dwar ix-xogħol li jsir fl-istituzzjonijiet u ħadt gost ngħidlu dwar sħabi gradwati bħala spiżjara, inġiniera, avukati u lingwisti, u kif **il-Malti** ħadhom Brussell u l-Lussemburgu, jaħdmu ma' Maltin oħra u ma' ċittadini minn xejn inqas minn 27 pajjiż ieħor. Għedtlu nixtieq li hawn il-bqija tat-tim ta' *l-aċċent* jisimgħuh jitkellem fuq ir-rivista li joħroġ id-Dipartiment tagħna, u bqajna li jiktibli email biex ngħaddiha lil sħabi.

Dan kien f'Settembru tal-2017. Kellna l-ħsieb li mill-kontenut tal-email stess insawru mistoqsijiet u lill-Prof. nagħmlulu intervista. Imbagħad ġara li ġara. Iż-żmien gerbeb, l-għażiż Prof. sar ibati biex jitkellem (minkejja li l-ħsieb baqa' ċar sal-aħħar) u l-intervista ma saritx. Hawn hu, allura, kliem il-Prof. innifsu: doża ta' fiduċja u ta' inkoraġġiment.

> Il-'Kwistjoni tal-Malti', waqt li hi megħluba u magħluqa kemm storikament u kemm xjentifikament, hi bħallikieku xejra essenzjali, dejjiema, u għalhekk il-lingwa hi diskussa minn żmien għal ieħor bħallikieku hi minnha nnifisha kontroversjali. Ir-raġuni tinġabar fil-mistoqsija essenzjali, diwi ta' ħsieb ossessiv fil-moħħ Malti ta' kull żmien: il-Malti huwa kapaċi jlaħħaq mal-ilsna l-oħra tal-Unjoni Ewropea? Traduzzjoni diretta tal-qiegħ ta' din l-oġġezzjoni tista' tkun din: fl-aħħar mill-aħħar, il-Malti huwa utli? Nittraduċi wkoll il-kelma 'utli': il-Malti għandu l-ħila jaqdi/jesprimi l-ħtiġijiet ġodda, tad-dinja teknoloġika u burokratika, u l-bqija?
>
> It-tweġiba hi ċ-ċertifikat tas-saħħa tal-lingwa, u t-tweġiba mistennija ma hix aktar letterarja. Minn hemm telqet darba, minn madwar l-aħħar għexieren ta' snin tas-seklu dsatax u l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin. Hi tassew ġdida l-isfida ta' din il-lingwa nazzjonali, wild il-paradoss: lingwa mill-eqdem, marbuta mill-qrib saħansitra anki mal-lingwa ta' Alla kif magħrufa fil-kotba tat-tliet reliġjonijiet ewlenin, wild il-Mediterran, nisġa ordinata ta' żewġ kulturi diversi. F'dan l-isfond *l-aċċent* qiegħed jipprovdi aġġornament meħtieġ.
>
> Hi wkoll lingwa eminenti – imma hi mħaddma fl-insinifikanza taċ-ċokon ta' art ta' ftit kilometri kwadri, mitkellma minn ġemgħa ta' ftit għexieren ta' eluf. Mela l-isfida ma hix aktar letterarja, Dunkarmjana, marbuta ma' "l-ilsien li tatek ommok", imma hi dik li pubblikazzjoni serja u rigoruża bħal *l-aċċent* qiegħda tirreġistra u tipproponi, l-aktar fil-qasam ta' reġistri speċjalizzati. Il-ġejjieni tal-lingwa Maltija, fl-epoka post-letterarja, jixref minn kelma/frażi għal oħra ta' *l-aċċent*, li t-terminologi qegħdin jibnu bħala vokabularju ġdid, miżjud b'konsistenza u b'regolarità ta' pass li ma jistax jogħtor,



Ritratt: DOI Malta

u wisq inqas jieqaf. Il-paġni ta' din il-pubblikazzjoni, sensiela ta' faxxikli miżjudin mal-vokabularji/dizzjunarji li jinkludu s-saffi qodma magħrufa u kodifikati, juru li l-lingwa qiegħda tlaħħaq mal-eżiġenzi ġodda ta' Brussell, u għalhekk tal-bqija tad-dinja moderna. Dawn il-paġni jseddqu l-jedd naturali tal-Malti bħala moħħ u kelma li qegħdin jikbru bil-ħeffa, bil-għaqal u skont kriterji kontinentali u dinjija. Ma hi xejn inqas importanti l-uniformità ortografika li *l-aċċent* jipprovdi, sikwit għal termini tekniċi, marbutin ma' oqsma speċjalizzati li altrimenti jispiċċaw isiru bl-Ingliż. Dan hu aktarx l-aspett l-aktar prattiku ta' din il-pubblikazzjoni.

Ix-xogħol li qegħdin jagħmlu t-tradutturi, b'reqqa u b'metodu, ma hux faċli. Hu xogħol indispensabbli jekk il-Malti għandu jkun utli u konsistenti fil-komponent ġdid tiegħu. B'*l-aċċent* l-isfidi u l-pretensjonijiet tal-lingwa jintlaħqu, bi kriterji li huma leali kemm lejn il-karattru essenzjali tal-Malti (Għarbi-Sqalli/Taljan), u kemm lejn l-Ingliż bħala dak li llum hu punt ta' riferiment għall-pjaneta kollha.

OLIVER FRIGGIERI

09.09.2017

Louise Vella hija traduttriċi mal-Kummissjoni Ewropea